# IL-ĦAJJA f'Għawdex

€2

Frar 2011 * LEĦEN L-GĦAWDXIN GĦAL 66 SENA * Nru. 925








# TERRY'S FABRICS

## The one-stop shop for ALL your fabric and crafting needs!

We cater in fabrics for all occassions, be it Carnival, Easter, Christmas, etc.
Find a wide selection of *crafts for kids*, *scrapbooking*, *haberdashery*, *card making accessories and embellishments*, *quilting*, *bucilla*, *ganutell*, *jewellery making* and lots more!
We also manufacture and sell uniforms and embroidered badges.



Sole agents and distributors for
**Darice**, **Cranston**, and **DCWW** craft products.

**Watch us every Thursday on Favourite Channel between 5 and 6pm for craft ideas!**

*Visit us at:*
**Tiġrija Palazz, Level 2 Republic Street, Victoria, Gozo**

*Opening hours:*
Mon-Fri from 08:30 - 12:00 and 16:30- 19:00
Saturdays mornings only
Closed on Sundays and Public Holidays

Tel: **21559329** Fax: **21561498** email: **ddts1279@gmail.com**
**www.terryfabricscoltd.com**

# IL-ĦAJJA f'Għawdex

**L-Ewwel Ħarġa f'Ġunju 1945**
***Ħarġa nru. 925***
***Frar 2011***
**Maħruġa mid-Djoċesi ta' Għawdex**

***Direzzjoni u Amministrazzjoni:***
**Lumen Christi Media Centre**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria - Għawdex VCT 2579**
**Tel. 21560496/7 Fax. 21561860**

***e-mail:* gozopress@onvol.net**

**Abbonament: €10 (Lm 4.30)**
**Benefattur: €20 (Lm 8.60)**

**Issettjata u Stampata:**
***"Gozo Press" Tel.21551534***

*Il-fehmiet li jistqarru l-kittieba m'humiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.*


## f'din il-ħarġa


Editorjal • 3
Il-Ħajja fid-Djoċesi • 4
X'jgħidilna l-Isqof • 6
Kummentarju (1) • 7
X'għadda minn għalina • 9
Riflessi • 15
Dwar Għawdex fil-Ġurnali • 16
Mill-Parlament • 17
Kummentarju (2) • 18
Ftit Fatti u Kummenti • 20
Kotba minn Għawdex • 22
Letteratura Għawdxija • 23
Lenti fuq il-Ħajja Madwarna • 24
Dawl għall-Ħajja • 26
**DOKUMENTAZZJONI**
Kif Niftakar lill-Isqof Nikol Cauchi • 28
Snajja Qodma (37) • 30
Meditazzjoni Biblika • 32
Anniversarju: L-Arka • 34
Profili: Ninu Cremona • 36
Passiġġata Biblika (61) • 38
Għawdex Qabel ir-Ritratti (32) • 40
Għawdex 300 sena ilu (190) • 41
Xhieda Nisranija • 42
Għawdex "On-Line" (26) • 43
Tieqa fuq l-Ambjent (25) • 44
Għext fil-Mandraġġ (5) • 46
Apprezzament • 48
Mix-Xena Sportiva • 49
Qaddisin u Festi f'Għawdex (2) • 50


**Ritratti:** *Ħajr lil Dun Anton Sultana, Charles Spiteri, Joseph Zammit, Kurja ta' l-Isqof, Parroċċi u Kunsilli Lokali t'Għawdex.*
**Qoxra:** *Il-Karnival Għawdxi. Ritratt ta' George Scerri. Ħajr lill-Ministeru għal Għawdex.*



# Editorjal

## *Iċ-Ċittadin: Konsumatur u Klijent*

*Jekk bħalma jgħidu l-infern jixbah il-burokrazija fi stat poliżjesk, żgur li l-burokrazija f'demokrazija għandha mill-purgatorju għaċ-ċittadin kwalunkwe.*

*Meta taqbad it-telefon u ċċempel uffiċċju, tkellmek il-magna b'leħen ta' tfajla u tistiednek biex tagħfas in-numru wieħed jekk trid titkellem bil-Malti, in-numru tnejn jekk trid titkellem bl-Ingliż, in-numru tlieta jekk trid informazzjoni, in-numru erbgħa jekk dwar il-kont, in-numru ħamsa jekk dwar ħsarat... Stedina b'korteżija liema bħalha. Sakemm tagħfas in-numru skont l-istruzzjoni u, mbagħad, tagħtik merħba biċċa mużika ta' Beethoven, interrotta kull nofs minuta b'leħen pakat: "Jekk jogħġbok żomm il-linja..." U int tibqa' jogħġbok iżżomm il-linja sa ma titlef is-santa paċenzja. Tkun ħadt l-ewwel xamma tal-burokrazija li mqar il-ġenju anġeliku ta' Beethoven tkun ħajritek tistmerr.*

*Jekk tirċievi kont, "stima" jew "finali", maħdum bi professjonalità biex ma tifhmux jekk ma tkunx* accountant *bil-mustaċċi... u meta tkun għadek tħammem fuqu tirċievi l-avviż ta' multa għax ma ħallastx sat-tali data, b'theddida magħha li se jinqatagħlek is-servizz, tkun ħadt tagħdisa fil-burokrazija. Imma jekk wieħed minn uliedek bi bżonnijiet speċjali jkollu jistenna aktar minn sena biex jingħata appuntament miċ-*Child Development Assessment Unit *tal-Gvern (ara The Times, Dec. 21); u jekk, minħabba sistemi burokratiċi, li ngamgħu matul is-snin biex jitħarsu l-privileġġi ta' kategoriji, int tispiċċa tiela' u nieżel il-qorti f'xi kawża li ma tintemm qatt, jew tinqabad fi kju ta' ftit eluf biex tagħmel operazzjoni, allura tkun qed tegħreq fil-burokrazija.*

***Quddiem l-omnipotenza tal-korporazzjonijiet il-kbar bħal ARMS, b'dirgħajn kompjuterizzati u insensittivi, u l-oħrajn tas-servizz ta' TV (ara* The Times, Dec.28*), il-konsumatur m'għadux meqjus bid-drittijiet ta' ċittadin. Naturalment jgħidulek il-konsumatur dejjen għandu dritt ifittex li jieħu raġun quddiem il-*Consumer Claims Tribunal. *Imma biex jappella, l-povru konsumatur irid ikollu stonku tal-ġild, ħin x'jaħli u lenti kbira biex jaqra l-*fine print *tal-kuntratt.***

***Madankollu, ħafna ċittadini tgħallmu kif jirnexxilhom jiskartaw mill-ħakma tal-burokrazija. Kultant billi jaqgħu u jqumu mit-theddid li din tagħmlilhom. Isaħħu qalbhom b'sistema li tħalli mijiet ta' vetturi jiġġerrew mat-triqat mingħajr liċenzja, li ma tieħux passi għal għadd kbir ta' każi bi ksur tar –regolamenti tal-MEPA, jew li ilha s-snin biex tikkontrolla s-serq tal-ilma mill-*boreholes. *Jittamaw ukoll f'xi tip ta' amnestija li minn żmien għall-ieħor tista' tingħata. Jgħidulek li hawn il-passat garanzija tal-futur.***

***Mezz ieħor li sab iċ-ċittadin biex jaħrab mill-ħakma tal-burokrazija hu billi jirrikorri f'ras il-għajn... għand il-politiċi. Hija wisq eħfef għaċ-ċittadin li jmur għand persuna waħda milli joqgħod jintbagħat minn uffiċċju għall-ieħor, ukoll jekk l-uffiċċju jkun mogħni bil-*Quality Service Charter. *Għaldaqstant, mhix ħaġa kbira li x-xogħol tal-*one stop shop, *li darba l-Gvern ried iwaqqaf, illum issibu jsir minn xi ministeru.***

*Dan il-metodu jaqbel ukoll għall-politiċi – għaliex din hi ħidma fost il-kostitwenti, u hija iżjed interessanti u tirrendi aktar voti milli kieku l-politiku kellu joqgħod jistudja, per eżempju, kif it-Trattat ta' Lisbona jolqot lil Malta u lil Għawdex, jew kieku kellu joqgħod janalizza għaliex f'dawn l-aħħar snin kibret id-differenza fil-livell ta' żvilupp bejn Malta u Għawdex fil-Prodott Domestiku Gross (*GDP*) u fil-Valur Miżjud Gross (*GVA*).*

*Dawn il-konsiderazzjonijiet jgħoddu għall-pajjiż kollu kemm hu. Imma kemm japplikaw għal Għawdex u għall-Għawdxin? Ftit jew wisq?*


**Joseph W. Psaila**
*jwpsaila@melita.com*

www.gozodiocese.org

# Il-Ħajja fid-Djoċesi



miġbura minn Gabriel Gauci

***Servizz ekumeniku fil-bidu tal-Ġimgħa ta' talb għall-għaqda bejn il-Knejjes***

Nhar it-Tnejn 17 ta' Jannar, fil-knisja ta' Santu Wistin fir-Rabat sar servizz ekumeniku tal-Knisja Kattolika ma'żewġ Knejjes Insara oħra li jinsabu f'pajjiżna: Il-Knisja Anglikana u l-komunità Skoċċiża. Flimkien mal-Isqof Mario Grech, kien hemm il-kappillan tal-Anglikani f'Għawdex, Fr Jeff Williams u r-Rev. Doug McRoberts, rappreżentant tal-komunità Skoċċiża. Preżenti kien hemm ukoll Patri Peter Paul Cachia, Pirjol tal-kunvent ta' Santu Wistin, membri tal-*Legion of Mary* li organizzaw dan is-servizz, membri miż-żewġ komunitajiet Insara, kif ukoll għadd sabiħ ta' fidili Nsara. Is-servizz ekumeniku kien jikkonsisti fil-qari tal-Kelma ta' Alla, kant u talb tal-fidili. Fl-omelija li għamel Mons. Grech huwa qal li l-Knisja Kattolika qed tfakkar il-50 sena mill-ftuħ tal-Konċilju Vatikan II li propju ġab tibdil kbir fil-mod kif il-Knisja tħares lejn il-Knejjes l-oħra mifrudin minnha u lejn l-ekumeniżmu. Fr Williams tkellem fuq l-ikla ewkaristika taż-żewġ Knejjes u l-importanza tat-talb flimkien biex jiġu megħluba l-preġudizzji u sseħħ l-għaqda fi Spirtu wieħed. It-tema ta' dan is-servizz kienet l-istess waħda magħżula mill-Kunsill Pontifiċju għall-Għaqda fost l-Insara: "U kienu jżommu sħiħ fit-tagħlim ta' l-appostli u fl-għaqda ta' bejniethom, fil-qsim tal-ħobż u fit-talb." (Atti 2, 42). Il-*Chorus Urbanus* taħt id-direzzjoni ta' Mro. John Galea anima dan is-servizz.

***Pussess tal-Arċipriet tal-Għarb***



Mons. Joseph Sultana mix-Xagħra, li fit-8 t'Ottubru li għadda ġie nominat Arċipriet tal-parroċċa tal-Għarb, ħa l-pussess tal-istess parroċċa nhar il-Ħadd 9 ta' Jannar, festa tal-magħmudija tal-Mulej. Wara li Mons. Sultana ċċelebra l-Lawdi flimkien mal-kapitlu tax-Xagħra ġewwa l-Bażilika ta' dan



l-istess raħal, hu telaq lejn ir-raħal tal-Għarb fejn ġie milqugħ mill-Banda Victory tax-Xagħra u mill-Banda Viżitazzjoni tal-Għarb li akkumpanjawh f'korteo lejn il-Bażilika tal-Għarb. Il-quddiesa pontifikali tmexxiet minn Mons. Isqof u li matulha sar ir-rit liturġiku ta' pussess ta' kappillan ta' parroċċa: it-tberik tal-ġemgħa mill-fonti tal-magħmudija, l-għoti tal-muftieħ tal-knisja, il-ftuħ tat-tabernaklu u l-inċensazzjoni tas-Sagrament, id-dħul fil-konfessjonarju, u d-daqq tal-qanpiena. Il-parroċċa tal-Għarb tinkludi fiha madwar 1100 ruħ.

***Laqgħa ta' awguri għas-sena l-ġdida.***

Nhar is-Sibt 8 ta' Jannar, saret il-laqgħa tradizzjonali mill-Isqof li fiha jawgura s-Sena t-Tajba lis-saċerdoti kollha tad-djoċesi. Il-laqgħa bdiet b'introduzzjoni mill-Vigarju Ġenerali Mons. Giovanni B. Gauci li f'isem il-kleru Għawdxi awgura s-sena l-ġdida lil Mons. Isqof, kif ukoll fakkar il-ġrajjiet ewlenin li għaddiet minnhom il-Knisja f'Għawdex tul is-sena 2010, fosthom iż-żjara tal-Papa Benedittu XVI f'Malta f'April li għadda, kif ukoll il-mewt tal-Isqof Emeritus Nikol Ġ. Cauchi. Mons. Grech tkellem dwar it-tifkira tal-50 sena mill-ftuħ tal-Konċilju Vatikan II u kif dan għandu jaffettwa l-ħajja tal-Knisja llum. Id-diskors sħiħ se jinġieb fis-suppliment ma' din il-ħarġa. Diversi saċerdoti wkoll għamlu l-interventi tagħhom, fejn kellhom ċans jesprimu l-ħsibijiet tagħhom dwar il-qagħda tal-Knisja f'Għawdex.

***L-Isqof ifakkar il-ħames anniversarju mill-Ordinazzjoni Episkopali***

Nhar il-21 ta' Jannar li għadda Mons. Isqof Mario Grech mexxa quddiesa ta' radd il-ħajr lil Alla fl-okkażjoni tal-Ordinazzjoni Episkopali tiegħu u l-Ingress fil-Katidral ta' Għawdex li seħħet nhar it-22 ta' Jannar 2006. Miegħu kien hemm għadd sabiħ ta' saċerdoti Għawdxin u lajċi. Fl-istess tmiem il-ġimgħa sar talb għalih fil-parroċċi u l-knejjes kollha ta' Għawdex.

***Festi f'Jannar***

Ix-xahar ta' Jannar f'Għawdex huwa ikkaratterizzat minn għadd ta' festi li jsiru fi knejjes mhux parrokkjali f'ġieħ il-qaddisin li għalihom ikunu ddedikati. Fix-Xagħra saret il-festa ta' San Anton abbati fil-knisja ddedikata lilu. L-Isqof Mons. Mario Grech mexxa l-quddiesa pontifikali li saret filgħodu kif ukoll mexxa l-purċissjoni u bierek l-annimali filgħaxija. Nhar il-Ħadd 23 ta' Jannar, ġewwa Marsalforn saret il-festa tal-konverżjoni ta' San Pawl. Mons. Mario Grech ħa sehem f'din il-festa billi mexxa pontifikal sollenni fis-6.00pm. Ġimgħa wara fit-30 ta'





Jannar, ġewwa l-knisja ta' Savina fir-Rabat ħabtet il-festa tal-Gwardji tas-SS.mu. Sagrament, fejn Mons. Joe Vella Gauci mexxa quddiesa sollenni fl-4.30pm. Fl-istess ġurnata saret ukoll il-festa ta' San Ġwann Bosco, ġewwa l-oratorju li jġib ismu fil-belt Victoria. Fid-9.00pm Mons. Giovanni B. Gauci mexxa quddiesa sollenni f'ġieħ dan il-qaddis patrun taż-żgħażagħ.

***Konferenza Djoċesana dwar il-Familja***

Il-Kummissjoni Djoċesana Familja flimkien mal-Moviment ta' Kana f'Għawdex, organizzaw għall-ewwel darba Konferenza Djoċesana dwar il-Familja. Il-Konferenza saret nhar is-Sibt 29 ta' Jannar 2011 f'Villa Fiorita. Is-suġġett kien "Liema motivazzjonijiet u liema formazzjoni biex ikollna familji sodi?" Il-kelliema prinċipali kienet Dr Angela Abela, terapista tal-familja u direttur tal-Istitut tal-Familja fi ħdan l-universitá ta' Malta.

Il-konferenza nfetħet bl-esperjenzi ta' żewġ koppji miżżewġa, waħda bit-tfal żgħar u l-oħra bit-tfal li waslu biex jiżżewġu. Dr. Abela tkellmet dwar il-bżonnijiet konxji u inkonxji li li kull min jiżżewweġ ifittex li jissodisfa. Semmiet l-istadji tal-esperjenza tal-għerusija. Hija qalet li r-riċerka turi li l-maġġoranza ta' dawk li jiżżewġu kienu jixtiequ li ż-żwieġ tagħhom ikun għal dejjem. Hija tkellment dwar il-kondizzjonijiet li jippromovu rabta dejjiema, fost l-oħrajn l-importanza ta' preparazzjoni serja għad-deċiżjoni taż-żwieġ.

Diversi koppji kienu preżenti għal din il-konferenza. Attendew ukoll għadd sabiħ ta' kappillani u saċerdoti. Dawk preżenti kellhom il-possibbiltà li jesprimu l-ideat u jagħmlu l-mistoqsijiet tagħhom.

Il-konferenza ntemmet bil-messaġġ ta' Mons. Isqof Mario Grech. Mons. Isqof rrifletta dwar is-sbuħija tal-familja magħquda. Hija l-għajn u l-enerġija tal-ħajja f'kull soċjetà. Il-konferenza ġiet fit-tmiem tagħha fin-12.30pm.



*Dr. Angela Abela ma uħud mill-parteċipanti waqt il-waqfa għall-kafe'*




Magie de Beautè
☆ Facials ☆ Makeup ☆ Manicure ☆ Pedicure ☆
☆ Nail Extensions ☆ Electrolysis ☆ Waxing ☆
☆ Massages ☆ Body Treatments ☆
Mgarr Road, Qala, Gozo • Tel: 2155 7771 • Mob: 9924 9568

Irina Xerri
Beauty Therapist
C.I.B.T.A.C. C.I.D.E.S.C.O.

*X'jgħidilna Mons. Isqof Mario Grech:*

# "Bżonn ta' Bilanċ fil-Familja"

***Imħabbra uffiċjalment Ittra tal-Papa Benedittu XVI: Messaġġ ta' Mons Isqof Mario Grech***
***Seminar għall-membri tal-Kummissjonijiet Parrokkjali Familja, Koppji animaturi Mixja Għarajjes u Saċerdoti responsabbli***
***Ċentru ta' Kana, Rabat, Għawdex – Is-Sibt 25 ta' Settembru 2010***



"In-nuqqas ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħin hieles qed ikun kawża ta' problemi fil-ħajja tal-koppji u tal-familji. Il-kompetizzjoni tas-suq u l-mira li jinkiseb il-profitt massimu qed iwasslu biex mhux biss ikunu ssagrifikati d-drittijiet tal-ħaddiem, imma wkoll id-drittijiet tal-familja! Mhux biss dejjem qed jitnaqqar il-ħin liberu li wieħed jista' jiddedika għall-familja, imma xi drabi hemm fostna imprendituri li jorganizzaw huma stess il-ħin liberu tal-ħaddiema tagħhom b'mod u manjiera li jfixklu l-ħajja taż-żwieġ u l-familja!

**Il-mod kif wieħed iħares lejn ix-xogħol jinfluwenza l-għażliet tiegħu fil-kuntest tal-familja, ir-relazzjonijiet bejn l-għarajjes, bejn il-koppja miżżewġa u bejn il-ġenituri u l-ulied. Meta persuna tinħakem fl-ingranaġġi tax-xogħol, tiftaqar il-kwalità tal-komunikazzjoni mal-oħrajn u wieħed ma jibqagħlux ħin biex jinvesti fil-ħbiberija, fil-kultura, sports, eċċ.**



Meta jintrikeb mill-għejja tax-xogħol, hemm ir-riskju li l-bniedem ma jħarisx lejn il-ftit ħin liberu bħala ħin biex jinvesti fir-relazzjonijiet familjari, imma pjuttost bħala mezz ta' ħarba mir-realtà, u biex jinsa jfittex okkażjonijiet tal-massa u storbjużi; għalhekk, hekk anke il-ħin liberu jitlef it-tifsira tiegħu.

**Ix-xogħol huwa barka meta jgħin fl-iżvilupp sħiħ tal-persuna; imma importanti li jkunu rispettati l-aspetti kollha tal-bniedem: dak individwali, familjari u komunitarju. Huwa fatt li minħabba l-ħin twil applikat għax-xogħol, l-individwaliżmu qed jikber u kemm il-bniedem kif ukoll il-familja kull ma jmur qed dejjem jinqatgħu għalihom!**

Politika favur il-familja tieħu ħsieb kemm l-ekonomija tal-familja kif ukoll it-tisħiħ tar-relazzjonijiet familjari. Għalhekk, jekk irridu ngħinu lill-familja, huwa l-mument li niskopru l-valur tal-ħin flimkien, partikularment fil-Jum tal-Ħadd li, barra li huwa jum ta' festa reliġjuża, huwa wkoll jum ta' festa għall-familji.

Il-Pjan Pastorali għal din is-sena għad-djoċesi t'Għawdex jaħseb biex jgħin lill-komunità Nisranija tapprezza aktar l-Ewkaristija (Quddiesa) tal-Ħadd bit-tama li nerġgħu rroddu lill-Ħadd it-tifsira proprja tiegħu: il-Jum tal-Mulej, tal-bniedem, tal-familja u tal-komunità.

Proprju lbieraħ ġiet ippubblikata ittra li l-Papa Benedittu kiteb lill-Kardinal Antonelli li huwa l-President tal-Kunsill Pontifiċju għall-Familja dwar il-Laqgħa Dinjija għall-Familji li ser issir f'Milan fl-2012. F'din l-Ittra, il-Papa ħabbar li t-tema għal din il-ġrajja mondjali ser tkun: "Il-Familja: xogħol u ħin liberu" – xieraq li l-familji tagħna jagħmlu riflessjoni u tħejjija għal din il-ġrajja.

Fl-istess Ittra l-Papa ħabbar li s-sena li ġejja niċċelebraw it-30 anniversarju tal-Eżortazzjoni Appostolika tal-Papa Ġwanni Pawlu II *Familiaris Consortio*. Nappella lil dawk kollha li għandhom għal qalbhom il-ġid tal-familji tagħna biex nerġgħu naqbdu f'idejna din il-*magna charta* tal-pastorali tal-familja, speċjalment fiċ-ċirkostanzi li qegħdin ngħixu fihom, fejn hemm bżonn tasal il-bxara t-tajba dwar il-familja.

Irrodd ħajr lil Dun Anton Teuma, delegat tiegħi għall-pastorali tal-Familja fid-djoċesi, kif ukoll lill-Kummissjoni Djoċesana Familja, lilkom koppji membri tal-Kummissjonijiet Parrokkjali Familja u lill-Moviment ta' Kana li f'ħidma flimkien qed twettqu ħidma pastorali sfieqa mal-għarajjes, il-koppji miżżewġa u l-familji. Il-preżenza ta' wċuħ ġodda f'dawn il-Kummissjonijiet tagħmlilna kuraġġ għax hija konferma tal-vitalità tal-ħajja Nisranija fil-parroċċi tagħna. Ta' dan kollu rrodd ħajr lilkom u nitlob lil Alla jżomm idejh fuqkom.


**Imperial Eagle**

**DAILY (from Monday to Friday)**
**Transport of goods between**
**Gozo & Malta and Malta & Gozo.**




Contact: **Joseph Spiteri**
"Villa Loreto" Bishop Buttigieg Str.,
Qala, Gozo.
**Tel: 2155 4929 - 2137 6193 - 9944 6521**

Kummentarju (1)

# Familja b'Qalb tad-Deheb, imma wkoll...



kitba ta' MONS. SALV GRIMA

**Daħlet drawwa Għawdxija li f'Jannar jingħata ġieħ lil dik il-familja "li matul is-sena tkun uriet xi att ta' eroiżmu billi baqgħet sħiħa wara li tkun sofriet xi sagrifiċċji kbar u straordinarji, jew li wriet xi att ta' altruiżmu kbir b'xi għajnuna speċjali li tat lil xi familja oħra fil-bżonn". Dan il-Konkors ilu jiġi organizzat mill-Moviment ta' Kana f'Għawdex għal ħafna snin għall-okkażjoni tal-*Festa tal-Familja* wara li ssir l-għażla mill-bord konċernat. Id-Direttur ikun stieden lill-parroċċi kollha biex jagħtu "tagħrif ċar u dettaljat li jagħmel il-familji rakkomandabbli u li fil-fehma tagħhom ikun jixirqilhom dan il-premju".**

Il-każijiet ippreżentati fl-imgħoddi jvarjaw ħafna u lkoll jimmeritaw il-premju misthoqq u l-għajnuna li rċivew il-familji konċernati. Ma jfissirx li l-konkorrenti l-oħrajn li ma ntgħażlux għall-premju ma kienx jisthoqqilhom kull ġieħ u tifħir għall-għemejjel sbieħ li jkunu wettqu.

Ta' liema għamla jistgħu jkunu l-għemejjel sbieħ tal-familji tagħna? Fl-aħħar pastorali tagħhom għall-Avvent 2010, l-Isqfijiet tagħna tkellmu mill-importanza tal-familja fis-soċjetà moderna u fost ħwejjeġ oħra wissew dwar "il-problema demografika fin-nuqqas ta' numru ta' tfal li jitwieldu".

**Minn statistika tar-Reġistru Pubbliku r-rata ta' fertilità totali f'Malta minn 3.6 għal kull familja fl-1960 niżlet għal 1.4 fl-2009. Fil-fatt fis-27 pajjiż tal-Unjoni Ewropea fl-2005 ir-rata kullimkien kienet taħt it-2, Franza bl-ogħla rata waqt li l-Polonja bl-iżgħar rata u Malta fin-nofs.**

## *Familja b'Ħeġġa Ġeneruża*

Illum ftit li xejn għadek tisma' u tara familji żgħażagħ b'numru sabiħ ta' tfal. Dan esprimih l-E. T. Mons. Isqof M. Grech meta rrimarka li "bħal fil-bqija tal-Ewropa, f'pajjiżna l-popolazzjoni mhix tikber b'rata sodisfaċenti. Waħda mir-raġunijiet għax ir-rata tat-twelid hija baxxa, hija għax ħafna jibżgħu li jekk ikollhom iktar minn wild wieħed, nistgħu niftaqru! Fostna għandna kultura anti-konċezzjonali, tant li sirna xħaħ mal-ħajja. Kieku l-flus li jintefqu biex issir pubbliċità ta' skemi li jaħdmu favur il-kontroll tat-twelid jiġu applikati biex jinkoraġġixxu u jgħinu lill-miżżewġin biex jibnu familja sabiħa, is-soċjetà tkun qed tinvesti biex tegħleb il-faqar" (1 ta' Novembru 2009).

**Għaliex tisma' ċertu diskors li jesprimi fehmiet oħra, daqslikieku saret mentalità antikwata li familja jkollha iktar ulied? Jekk ma titqiesx ukoll bħala ħaġa mistmerra! Forsi tisma' kummenti minn min ma tkunx qed tistennihom! Għaliex il-pubblikazzjonijiet, inklużi dawk minn ambjenti ekkleżjastiċi, kważi kollha jipproduċu stampi ta' familji b'numru żgħir ta' tfal? Għaliex hemm min qed iqisha saħansitra li għad jasal żmien li familji jaqblilhom ikunu bla tfal?**

Ħaqqha kull tifħir dik il-familja li tifhimha mod ieħor. Fi kliem Mons. Isqof Grech "għall-miżżewġin l-ulied huma konferma li hemm futur għalihom u għas-soċjetà" (6 ta' Lulju 2008). Jeżistu wkoll dawk li ntebħu li żbaljaw u kienu xħaħ mal-ħajja, iżda kien tard wisq! Frattant xorta tisma' kummenti bħalma huma: "Jekk it-tieni tarbija hija fil-qrib, mela kien hemm xi żball. Jekk tasal it-tielet, jistagħġbu kif se tlaħħaq. Jekk ir-raba', ifisser li hemm bżonn tmur tieħu kors għand ta' Kana!" Żgur li la jkunu qed jaraw xi ħaġa





speċjali għall-familja tagħhom u lanqas għall-ġid tal-komunità ċivili kollha kemm hi.

### *Familja b'Moħħ Għaqli*

**Għaliex min-naħa l-oħra għadek tista' ssib l-eċċezzjoni ta' min kapaċi jagħmel att ta' rieda qawwija bla ma jiddubita jew jaqta' qalbu dwar il-Providenza ta' Alla? Xi tgħid jekk, fir-realtà, għandek issib xi familja b'sitt ulied li kollha jkunu għadhom jattendu l-iskola, b'uħud anki fi grad universitarju? Dan hu sinjal ukoll li jixhed l-għażla ta' valuri li tħaddan dik il-koppja li xorta ma tittraskurax fejn tidħol l-edukazzjoni skolastika u akkademika ta' uliedha, minkejja li huwa l-missier waħdu li qed jaqla' l-għixien mix-xogħol tiegħu għall-familja kollha.**

Ma jfissirx li ma jkunx hemm bżonn ta' dak l-ippjanar u l-għaqal min-naħa ta' l-omm ukoll li tagħraf il-ħtieġa li toffri l-ħidma prinċipali u kontinwa tagħha fid-dar sa mill-bidu tat-trobbija, u iktar u iktar meta bħala familja mdaqqsa ma tkunx trid tinqata' minn uliedha fl-aktar żmien li jkollhom bżonn din ir-relazzjoni u l-għajnuna tagħha. Dan tagħmlu b'għożża u mħabba għax tagħraf il-valur tiegħu meta tiddedika ħinha kollu għall-ħtiġijiet kollha tagħhom.

**Bħal tfal oħrajn, lil uliedhom kollha jistgħu jibqgħu jieħdu ħsiebhom f'kull qasam tal-ħajja, edukazzjoni reliġjuża, sehem f'attivitajiet rikreattivi, parteċipazzjoni f'okkażjonijiet soċjali jew opportunitajiet oħra ta' żvilupp għal ħajjithom. Għax m'għandux ikun hemm kollox moderat kif jgħixu l-ħajja tagħhom ta' kuljum? Bla ma jitħalla ħadd imċaħħad minn dak li hu normali jew ta' ħtieġa għas-saħħa, għall-edukazzjoni u l-bqija, hemm ħafna fejn il-familja jeħtieġ tagħraf kemm mhux serju li tkun influwenzata minn ċerti kapriċċi bħalma huma: ħruġ ta' spiss biex jieklu barra, l-użu bla rażan jew kmieni tal-mowbajl, ix-xiri u konsum ta' *junk food*, eċċ.**

### *Familja b'Imġiba Edukata*

Forsi jidher bla sens? Jew dan hu mezz f'waqtu biex jitwassal messaġġ għaqli lill-ulied fi ħdan il-familja dwar kif il-bniedem għandu jagħraf minn ċkunitu ħalli jżomm kontroll tiegħu nnifsu u ma jitħalliex li jiġi mkaxkar minn imġibiet oħrajn bħalma hija l-mentalità konsumista jew ta' ħela li daħlet tant fost it-tfal u l-adolexxenti ta' mparhom?

Nitkellmu tant mill-valur tal-iskola anki dwar dan għal soċjetà futura aħjar. Min-naħa l-oħra kemm qed twieġeb bil-għaqal is-soċjetà madwarna bl-għajnuna ta' kulħadd? Ilkoll nafu kemm l-istil tal-ħajja ta' ħafna huwa propju l-kuntrarju. Hawn ukoll għandhom sehem utli bl-istinkar tagħhom il-ġenituri jekk isostnu dak li l-edukazzjoni qed tipprova twassal minn fuq il-bankijiet tal-iskola fejn jidħol xiri u konsum. Jew dan ukoll hu bla sens u ma jservi xejn fejn jidħol id-daqs tal-familja għall-istess ġid tas-soċjetà futura?

*Realtajiet ta' dix-xorta mhux dejjem wieħed jintebaħ bihom jew joħorġu fil-beraħ. Jista' jkun minħabba biża' jew xi forma ta' mistħija! Iżda hemm bżonn familji ta' dix-xorta bħala xhieda ta' valuri anki nsara, bla ma jkunu esposti għal xi għamla ġdida ta' kummenti jew ġudizzju, xi ħaġa li mhix ta' ġieħ nisrani.*



# X'għadda minn għalina



**Kronaka Għawdxija minn Charles Spiteri**

## *Festa ta' San Franġisk de Sales għall-Ġurnalisti Għawdxin*

Bħal kull sena, fl-okkażjoni tal-Festa ta' San Franġisk de Sales, patrun tal-ġurnalisti, Mons Isqof Mario Grech iltaqa' ma' dawk kollha li huma b'xi mod impenjati fil-mezzi ta' komunikazzjoni tal-massa, ġurnali, televiżjoni, radju, u websajts.



*Waqt il-Konċelebrazzjoni. Jidhru: Dun George Mercieca, Mons. Isqof Mario Grech u Mons. Carmelo Scicluna.*

Il-laqgħa ta' ħbiberija kienet tinkludi quddiesa konċelebrata mmexxija minn Mons. Isqof flimkien ma' Mons. Carmelo Scicluna u Dun Ġorġ Mercieca, li saret nhar it-Tnejn, 24 ta' Jannar, għand is-Sorijiet Franġiskani fi Triq Palma, ir-Rabat, Għawdex. Il-lezzjoni nqrat minn Charles Spiteri waqt li l-offerti ttellgħu minn Salvu Felice Pace u Euchar Mizzi. L-animatur tal-quddiesa kien il-Kavallier Joe M. Attard. Mons. Isqof għamel ukoll l-omelija ta' l-okkażjoni, fejn qal li xieraq li s-soċjetà tagħna tippromwovi l-għadd u l-kwalità ta' dawk li huma involuti fil-qasam tal-*media*, ikkunsidrat li l-*media* għandha rwol importanti kemm biex tistimula r-riflessjoni dwar id-dinamika tas-soċjetà, kif ukoll biex tgħin fil-formazzjoni tal-opinjoni pubblika. Infatti dejjem skont kif jintużaw, il-*media* jiffurmaw wieħed mill-istrumenti ewlenin biex ikollna poplu razzjonali jew irrazzjonali.



*Mons. Isqof Mario Grech flimkien ma' uħud mill-Għawdxin impenjati fil-mezzi ta' komunikazzjoni. Jidhru, fost oħrajn, Joe Grech, Euchar Mizzi, Mons. Carmelo Scicluna, Salvu Felice Pace, il-Kav. Joe M. Attard, Anthony Grech, Angelo Xuereb, Dun George Mercieca, Emily Muscat u Charles Spiteri.*

L-influwenza tal-*media* hija tali li tgħin biex titħaddem id-demokrazija fejn kull vuċi tingħata spazju; fl-istess waqt, użu abbużiv tal-*media* jista', fi kliem il-filosofu Jurgen Habermas, jintroduċi mill-ġdid il-"fewdaliżmu" – fejn il-manipulazzjoni tal-ħsieb tkun tant qawwija li toħloq "kasti ġodda" u hekk tirrendi diffiċli d-djalogu fit-tfittix għall-verità oġġettiva.

Kif fostna tkattar l-interess għall-ekologija ambjentali, tajjeb ukoll li nindukraw dik li Marshall Mcluhan sejjaħ l-"ekoloġija medjatika". Huwa fatt li l-mezzi tal-komunikazzjoni jinfluwenzaw qatigħ lil bniedem f'dak li għandu x'jaqsam mal-perċezzjoni tar-realtà oġġettiva, mal-proċess tar-riflessjoni, mas-sentimenti u mal-valuri. Għalhekk, quddiem din ir-responsabbiltà umana u kulturali, il-*media* teħtieġ mhux biss taħriġ fit-teknoloġija u fl-arti tal-komunikazzjoni, imma ukoll fl-etika. Dan jgħin biex it-tħaddim tal-*media* verament jibni u mhux iħarbat lill-bniedem, lill-istituzzjonijiet u l-istess sistema soċjali. Wara l-quddiesa Mons. Isqof iltaqa' ma' dawk preżenti.

## *Servizz Ekumeniku*

Fl-Ottava ta' Talb għall-Għaqda tal-Knejjes, il-Leġjun ta' Marija organizzat Servizz Ekumeniku fil-knisja ta' Santu Wistin, ir-Rabat, Għawdex, nhar it-Tnejn 17 ta' Jannar.

Patri Peter Paul Cachia OSA ta merħba lill-kongregazzjoni f'isem il-Pirjol, waqt li mexxew is-Servizz l-Isqof Mario Grech, il-Kappillan tal-Komunità Anglikana f'Malta Fr Jeff Williams u dak tal-Iskoċċiżi Fr Doug McRoberts. Barra



*Waqt is-Servizz Ekumeniku, fil-knisja ta' Santu Wistin. Jidhru mix-xellug għal-lemin, Patri Cachia, Fr McRoberts, Mons. Isqof Grech u Fr Williams.*



*Il-Chorus Urbanus janima s-Servizz Ekumeniku taħt id-direzzjoni ta' Mro. Sunny Galea.*

l-kant sabiħ tal-Innijiet mill-*Chorus Urbanus*, il-qari tal-lezzjonijiet u l-Vanġelu, u-talb għall-maħfra u għall-għaqda, saru żewġ diskorsi mill-Isqof Grech u l-Anglikan Fr Williams.

It-tnejn saħqu li l-Ekumeniżmu jnaqqas il-preġudizzju u jinduċi l-paċi bejn id-denominazzjoni differenti. Għalhekk hemm bżonn li nkomplu nitolbu biex xi darba tant nersqu qrib ta' xulxin li nsiru KNISJA WAĦDA taħt it-tmexxija tal-Ispirtu s-Santu. Wara kien hemm riċeviment fil-Kunvent ta' Santu Wistin.

## *Ħarġa Edukattiva fiċ-Ċittadella*



Nhar il-Ġimgħa 21 ta' Jannar, studenti li jattendu l-klassijiet tal-Year 2 u Year 3 tal-Konservatorju ta' l-Isqof ittieħdu jżuru ċ-Ċittadella. Kienet ġurnata sabiħa u avolja kien il-ksieħ, il-mixja fuq is-sur għamlet tajjeb għat-tfal u anki għall-għalliema. It-tfal setgħu jaraw veduta dawramejt ta' Għawdex, xena sabiħa u ċara ta' wara x-xita. Setgħu jinnutaw mill-qrib il-kanuni li kienu jintużaw fl-imgħoddi. Għamlu waqfa quddiem il-knisja qadima ta' San Ġużepp, qalu talba flimkien u ippruvaw jimmaġinaw lill-antenati tagħhom mgezzin fuq is-sur meta kienu jiġu attakkati mill-furbani. Indikaw ukoll il-mużewijiet, il-Katidral u l-qorti u ħasbu li ħarġa darb'oħra tkompli żżid l-informazzjoni fil-qalb tagħhom.

Mons. Karm Gauci, il-Kap tal-iskola primarja tal-Konservatorju, qal lil "Il-Ħajja f'Għawdex": "Naħseb li din il-ħarġa edukattiva fuq is-sur setgħet tixgħel fil-qalb ta' dawn it-tfal mhux biss is-sens ta' avventura imma wkoll l-apprezzament ta' l-istorja u l-għaqal ta' missirijietna".

## *Wirja dwar Dun Alwiġ ta' Savina*



Fil-*Banca Giuratale* li tinsab fi Pjazza Indipendenza fir-Rabat Għawdex tinsab miftuħa għall-pubbliku wirja li tfakkar lill-Mons. Luigi Vella, li kien aktar magħruf bħala Dun Alwiġ ta' Savina.

Il-wirja tinkludi ritratti mill-ħajja tiegħu fosthom dawk mal-familja; abiti sagri; medalji; manuskritti f'forma ta' perjodiku li huwa stess kien joħroġ kull xahar kif ukoll kitbiet oħra, flimkien ma' pjanta tal-knisja ta' Savina.

Mons. Vella kien Arċidjaknu tal-Katidral ta' Għawdex u l-ewwel Rettur tal-knisja tal-Adorazzjoni Perpetwa fil-knisja magħrufa bħala Ta' Savina. Minkejja li ilu mejjet fuq tmenin sena, Dun Alwiġ għadu u jibqa' ħaj fl-opri li ħalla warajh, fost l-oħrajn l-Adorazzjoni tas-Santissimu Sagrament kif ukoll il-kitba abbundanti tiegħu. Huwa kiteb ukoll diversi rumanzi storiċi fosthom, *Bernard Dupuo, Nikol Għabdul, Bint il-Ħakem* u *Isolda – Imħabba ta' Bint.*

Din il-wirja, li nfetħet nhar il-Ġimgħa 21 ta' Jannar, ser tibqa' miftuħa għall-pubbliku sal-Ħadd 13 ta' Frar.

## Seminar Internazzjonali dwar l-Edukazzjoni fl-Ewropa

Madwar għoxrin kap tal-iskola u uffiċjali oħra mpenjati fil-qasam edukattiv ġewwa Sqallija kienu Għawdex biex jipparteċipaw f'seminar li fih ħadu sehem ukoll kapijiet ta' skejjel u uffiċjali oħra mill-qasam edukattiv. Dan is-seminar, li huwa l-ewwel wieħed tax-xorta tiegħu, inżamm bħala parti minn proġett iffinanzjat mill-programm tal-Unjoni Ewropea *Comenius-Regio*. Il-parteċipazzjoni ta' Għawdex f'dan il-proġett kienet rappreżentata mill-Kulleġġ ta' Għawdex, l-Iskola Primarja tar-Rabat, il-Kunsill Lokali tar-Rabat u l-klabb *S.K. Victoria Wanderers*.



*Għalliema barranin flimkien ma' dawk Għawdxin f'ritratt tal-okkażjoni, fl-iskola sekondarja l-ġdida, fir-Rabat.*

Is-seminar tratta t-tema 'Id-dimensjoni Ewropea fil-qasam Edukattiv' u dawk li pparteċipaw tkellmu fost l oħrajn dwar it teatru bħala strument fil-pedagoġija kif ukoll fuq sistemi edukattivi speċifiċi.

Permezz ta' dan il-proġett għalliema u studenti tas-sitt sena mill-iskola primarja tar-Rabat Għawdex għamlu żjara ġewwa Pollina fi Sqallija fejn attendew għall-festival tad-drama li jsir ta' kull sena. Hu maħsub li grupp ieħor jerġa' jagħmel żjara simili matul is-sajf li ġej. L-għan ta' dan il-proġett huwa li jżid il-mobbiltà bejn studenti u kapijiet ta' skejjel fejn jiġu faċilitati esperjenzi ta' skambji u ħbiberiji ġodda filwaqt li jiġu promossi metodi ta' tagħlim kreattiv.

Il-parteċipazzjoni ta' entitajiet Għawdxin f'dan il-proġett ġiet deskritta bħala inizjattiva li twessa' l-opportunitajiet kemm għall-istudenti kif ukoll għal dawk involuti fil-qasam edukattiv f'Għawdex. Dan huwa wkoll ta' benefiċċju mill-aspett komunikattiv bejn studenti u għalliema li jgħixu f'reġjuni żgħar, li ħafna drabi jiltaqgħu ma' sfidi partikolari bħal ma huma dawk ikkawżati mill-insularità.

Waqt iż-żjara tagħhom f'Għawdex il-parteċipanti barranin ingħataw l-opportunità li jżuru siti storiċi u ta' attrazzjoni turistika f'Għawdex. Is-seminar infetaħ b'kelmtejn mill-Ministru għal Għawdex, Giovanna Debono.

## Jiġi ċċelebrat Jum is-Siġar fix-Xagħra



*Waqt it-tħawwil tal-pjanti mit-tfal iż-żgħar tal-iskola Primarja tax-Xagħra*

L-istudenti li jattendu l-iskola Primarja tax-Xagħra, flimkien mal-għalliema tagħhom nhar it-Tlieta 18 ta' Jannar, kienu impenjati biex iħejju programm ta' attivitajiet fl-okkażjoni ta' Jum is-Siġar.

Il-programm fetaħ b'attività fuq il-palk tal-iskola fejn inqraw xi poeżiji u xogħlijiet oħra miktuba mit-tfal stess. Ittellgħet mima u anke sar xi żfin dejjem bit-tema tas-siġar. Wara saru diskorsi mill-Prinċipal tal-Kulleġġ t'Għawdex, il-Kav. Frank Gatt u minn Giovanna Debono, Ministru għal Għawdex.

Imbagħad sar tħawwil ta' siġar indiġeni fil-ġnien tal-iskola mill-Ministru u mit-tfal li jattendu s-sitt sena tal-istess skola peress li din hi l-aħħar sena tagħhom f'din l-iskola. L-attività tkompliet fil-grawnd fejn it-tfal tal-klassijiet iż-żgħar ħawlu pjanta kull wieħed ġo kontenituri riċiklati li ġabu huma stess mid-dar.

Il-programm *Hands On Farming* jieħu ħsieb jorganizza ċ-ċelebrazzjoni ta' Jum is-Siġar kull sena fi skola partikolari. Din is-sena kien imiss l-iSkola Primarja tax-Xagħra. Dan il-programm, li qed jiġi organizzat f'Għawdex għas-sitt sena konsekuttiva, għandu l-għan li jxerred għarfien filwaqt li jippromwovi l-ħarsien ta' siġar u pjanti fost l-istudenti fl-iskejjel primarji.

## Tqassim ta' Premijiet mill-G.P.S.

Is-Soċjetà Filatelika t'Għawdex (*Gozo Philatelic Society*) qassmet il-premjijiet u ċ-ċertifikati lill-parteċipanti kollha li ħadu sehem fil-11-il Esibizzjoni Annwali tal-Bolli.

Ir-ritratt juri lil Zachery Borg, ta' sitt snin li joqogħdu ż-Żurrieq, li akkwista l-ewwel post fost id-19 tifel u tifla li esibew. Joseph Vella u Erika Dingli ġew fit-tieni u fit-tielet post rispettivament. Tidher ukoll Lara Grech, minn ta' Kerċem.





Jesmond Borg ircieva l-*BOV Challenge Cup* għall-aqwa esibit mill-President Anton Said. Il-ġurati poġġewh l-ewwel u t-tielet fis-sezzjoni tal-Istorja Postali u t-tieni fil-Filatelija Tradizzjonali. Rebbieħa oħra ta' *vouchers* tas-*Sliema Stamp Shop* kienu Anthony Grech (l-ewwel fis-sezzjonijiet tal-Filatelija Soċjali u Tradizzjonali), Corinne Borg, Emmanuel Vella, Mary Grace Xerri u Anthony Said Cremona.

Iċ-ċerimonja saret fi tmiem il-Laqgħa Ġenerali Annwali li matulha ġew eletti l-membri ġodda tal-kumitat. Intuża bħas-soltu ċ-Ċentru tal-*Victoria Scout Group*, fejn anki jsiru laqgħat għall-membri kull l-Ewwel Ħadd tax-xahar filgħodu.

## *Trofej lill-aqwa Scout, Cub Scout u Beaver Scout tax-Xagħra Scout Group*



*Claire Refalo tidher tiġi ppreżentata bit-trofew bħala Best Beaver mingħand il-leader tax-Xagħra Group, Vincent Vella.*

Nhar is-Sibt 8 ta' Jannar saret il-laqgħa ġenerali annwali tax-*Xagħra Scout Group* ġewwa ċ-Ċirklu taż-Żgħażagħ. Il-programm kien jikkonsisti f'diskorsi mill-*Group Scout Leader* Vincent Vella, id-*District Commissioner* Lorry Saliba, mit-Teżoriera tal-grupp, mis-sindku tal-lokalità Joe Cordina kif ukoll mill-Arċipriet tal-Parroċċa Mons. Carmelo Refalo.

It-truppa tellgħu l-*play* bl-isem ta' *Back in the War*. Il-messaġġ ta' din il-play kien li għandha tirrenja l-paċi fid-dinja u li l-gwerra tħalli impatt negattiv fuq diversi nies. Il-*cub scouts* tellgħu *play* oħra bl-isem ta' *Wirt Artna*. Din il-*play* kienet tittratta dwar l-istorja ta' Malta u postijiet storiċi li jinsabu ġewwa r-raħal tax-Xagħra. Il-*beaver scouts* ukoll urew il-kapaċità tagħhom billi kantaw *Jingle Bells*.

Ġew ukoll mogħtija trofej lill-aqwa *Scout*, *Cub Scout* u *Beaver Scout* tas-sena 2010. Dawn l-unuri ntrebħu minn Juan Hili, Jake Borg u Claire Refalo rispettivament. Apparti dan kollu, il-grupp laqa' fi ħdanu erba' *beavers* ġodda li ġew investiti biex isiru membri tal-moviment dinji tal-i*Scouts*. Dawn kienu Craig Carl Debono, Hayley Borg, Hayden Teuma u Scott Attard.



*Beaver leader Deborah Sultana tifraħ lil Beaver Hayley Borg wara l-investitura.*

## *Esibixxiet xogħlijiet*

L-artista Nadurija, Mary Portelli, esibiet xogħlijiet magħmulin minn oġġetti mkissrin u li kienu intenzjonati għar-rimi. B'hekk wieħed seta' jara eżempju tajjeb ta' riċiklaġġ ta' skart.

Waqt din l-okkażjoni, f'waħda mis-swali li hemm fil-bini tal-Ministeru għal Għawdex, nhar il-Ħamis 27 ta' Jannar numru kbir ta' tfal kellhom l-opportunità li jaraw kif isir ix-xogħol tal-możajk, kif ukoll li jwaħħlu huma stess xi biċċa minn platt imkisser.



## Ġnien it-Tliet Għoljiet f'Marsalforn



Ix-xogħol fuq Ġnien it-Tliet Għoljiet f'Marsalforn li jinsab fi stadju avanzat. Il-ġnien qed jinbena fuq art li qabel kienet abbandunata. Ser jitħawlu għadd ta' siġar filwaqt li jiżdied l-ispazju rikreattiv għall-familji. Xogħlijiet li saru s'issa fuq dan is-sit kienu jinkludu bini ta' ħitan u passaġġi li ser jiffurmaw il-bażi ta' dan il-ġnien, flimkien ma' ġibjun għall-ilma tax-xita għall-użu fl-istess ġnien. Barra t-tħawwil ta' siġar għad jonqos ukoll l-istallazzjonijiet ta' sistema ta' dawl, sistema ta' rrigazzjoni u drenaġġ kif ukoll l-għamara tal-ġonna u strutturi tal-logħob adattati għat-tfal. Ix-xogħol fuq dan il-ġnien qed ikun koordinat mill-Ministeru għal Għawdex, filwaqt li l-kumpanija *Magro Brothers Foods Ltd.* ser tkun qed tipprovdi s-siġar li ser jitħawlu hekk kif ix-xogħol strutturali jkun lest. Dan bħala inizjattiva li tfakkar għeluq il-75 anniversarju mit-twaqqif tal-ewwel prodott taħt il-marka *Three Hills*.

Dan il-proġett huwa l-ewwel minn erba' proġetti ta' tħawwil ta' siġar madwar Għawdex li ġew imfassla bħala parti mill-pjan ta' azzjoni marbuta mal-viżjoni eko-Għawdex. Il-pjan ta' afforestazzjoni huwa maħsub li joffri spazji b'aktar siġar, li minbarra li jkomplu jsebbħu d-dehra ġenerali tal-gżira ta' Għawdex, ser ikunu qed joffru wkoll aktar postijiet ta' rikreazzjoni għall-familji. Minbarra dawn il-proġetti, fix-xhur li għaddew, l-ELC, permezz ta' kuntratt iffinanzjat mill-Ministeru għal Għawdex, ħawlet numru kbir ta' siġar u pjanti oħrajn madwar il-gżira.

## Imut l-Ixjeħ Bandist Għawdxi



Fil-21 ta' Jannar, ix-Xagħra sellmet lill-parruċċan tagħha, Franġisk Bonello li miet fl-età ta' 86 sena. Franġisk, li għamel aktar minn 60 sena servizz fil-banda tax-Xagħra u rtira minħabba saħħtu, kien l-ixjeħ bandist attiv f'Għawdex. Rikonoxximent ta' dan is-servizz, is-Soċjetà Filarmonika *Victory*, flimkien ma' Michael Refalo, kienet tagħtu tifkira ta' apprezzament fl-1989 f'għeluq il-50 sena mit-twaqqif tal-istess banda.

Il-korteo telaq minn ħdejn il-lokal tal-banda bl-akkumpanjament tal-banda *Victory* b'daqq ta' marċi funebri. Fuq it-tebut tpoġġiet il-beritta tas-Soċjetà ta' Franġisk u warajh tfajjel żgħir iżomm l-istrument tat-trombun li dejjem kien idoqq il-mibki Franġisk. Il-kleru, familjari u numru kbir ta' nies imxew wara l-funeral sal-Knisja Bażilika ta' Marija Bambina fejn saret quddiesa kkonċelebrata mmexxija mill-Arċipriet Monsinjur Carmelo Refalo.

Wara saret id-difna tiegħu fil-qabar tal-familja fiċ-ċimiterju tax-Xagħra.

## Taħdita Pubblika dwar iċ-Ċittadella



Bħala parti minn kampanja ta' informazzjoni relatata mal-proġett ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea għar-restawr tal-fortifikazzjonijiet madwar Malta u Għawdex, Dr Stephen Spiteri, ko-ordinatur tar-riċerka fid-Direttorat tar-Restawr, nhar it-Tlieta 25 ta' Jannar, għamel taħdita pubblika dwar l-aspetti storiċi u militari li huma speċifiċi għall-fortifikazzjonijiet taċ-Cittadella. Id-dawra kollha tas-swar taċ-Cittadella se tkun restawrata permezz ta' proġett ko finanzjat mill Unjoni Ewropea u ko-ordinat mill-Ministeru għal Għawdex u l-Ministeru tar-Riżorsi u Affarijiet Rurali. Wara t-taħdita il-kelliem dawwar lill-udjenza mas-swar fejn setgħu jaraw mill-qrib aspetti partikulari dwar iċ-Ċittadella u jagħmlu mistoqsijiet.

## Ġieħ il-Munxar



Waqt serata organizzata mill-Kunsill Lokali, Munxar, biex ifakkar Jum il-Munxar, Alfred Grech, persuna attiva fil-Parroċċa tal-Munxar, irċieva Ġieħ il-Munxar. Alfred Grech, imwieled fl-1964, ilu għal snin sħaħ jaħdem b'mod volontarju f'diversi għaqdiet tal-lokalità u serva f'diversi karigi. Kien President tal-Leġjun ta' Marija f'Għawdex, Segretarju tal-Munxar *Falcons FC*, serva fil-Kumitat Inter-Djoċesan tas-Sena Pawlina, fiż-żewġ kumitati li twaqqfu biex jorganizzaw iż-żjarat tal-Papa f'Malta, u huwa wkoll Segretarju tal-Kunsill Parrokkjali.

*Loraine Apap tidher tirċievi Ġieħ il-Munxar, f'isem ħuha Alfred, li kien imsiefer.*

## Jitfakkar San Anton Abbati fi Skola tas-Sorijiet

Fl-14 ta' Jannar, fl-okkażjoni tal-festa ta' San Anton Abbati, l-iskola primarja tal-knisja Santa Tereża, f'Kerċem żammet *Pets' Day*. F'dan il-jum, l-istudenti ħadu l-annimali tagħhom l-iskola. Il-ġurnata bdiet b'quddiesa u kelmtejn tal-okkażjoni mill-kappillan tal-komunità Karmelitana Mons. Karm Borg. Wara sar it-tberik tal-annimali kollha fil-klassijiet. Iktar tard, tqassam ikel u xorb għal kulħadd.



Dan huwa eżempju sabiħ kif nistgħu ndaħħlu u nżommu attivitajiet reliġjużi-folkloristiċi biex ma jinqerdux ċerti tradizzjonijiet mill-kultura tagħna.

## Għajnsielem bix-xieraq isellem lil Monsinjur Ġużeppi Zerafa



Mijiet ta' nies minn kull rokna tal-Gżira Għawdxija nhar it-Tlieta 18 ta' Jannar, taw l-aħħar tislima lil Mons Ġużeppi Zerafa, Arċipriet Emeritu.

Mons. Zerafa għal tliet sigħat, jiġifieri mid-9.00 ta' filgħodu sa nofsinhar kien espost għall-qima tal-pubbliku, fid-dar tal-familja fi Triq Perellos. Wara, it-tebut ittieħed fil-knisja l-qadima fejn fis-2.30 p.m. beda t-talb u wara, fit-3.00 p.m., telaq il-korteo funebri mill-knisja l-qadima għall-Knisja Arċipretali bis-sehem tal-kleru, reliġjużi, fratellanzi, għaqdiet, familjari u poplu. Ħadet sehem ukoll il-Banda San Ġużepp b'daqq ta' marċi funebri.

Il-Konċelebrazzjoni tmexxiet minn Mons Isqof Mario Grech. Wara saret id-difna fiċ-ċimiterju tal-Parroċċa.

Mons Zerafa mar jiltaqa' mal-Mulej fit-12 ta' Jannar 2011, ġewwa l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, fl-età ta' 72 sena kkonfortat bis-sagramenti mqaddsa.

Mons. Ġużeppi Zerafa kien it-tieni Arċipriet u l-għaxar kappillan tal-parroċċa ta' Għajnsielem. Twieled fl-20 ta' Frar 1938, u ġie ordnat saċerdot fil-25 ta' April 1965 minn Mons. Ġużeppi Pace, Isqof ta' Għawdex. Kien viċi-parroku fl-istess raħal sa' l-1981, fejn wara ġie maħtur Arċipriet fil-11 ta' Marzu 1981 minn Mons. Nikol Ġ. Cauchi, Isqof ta' Għawdex. Ingħata l-pussess tal-Parroċċa ta' Għajnsielem fil-5 ta' April 1981. Waqt il-ħidma pastorali tiegħu, ħadem biex titlesta l-Knisja Parrokkjali li kienet għadha kif inbniet, fosthom il-finitura ta' ġewwa, l-irħamar ta' l-art, il-Via Sagra, l-ambone, l-konfessjonarji u n-niċċa ta' l-istatwa titulari. Ħa ħsieb il-bini taċ-Ċentru Parrokkjali l-ġdid, il-bini ta' żewġ *warehouses* għall-użu tal-festa u t-tkabbir taċ-ċimiterju tal-parroċċa. Ir-reċtar kien għal qalbu, u kien ta' sapport kbir fil-*pageants* tal-Għid u *Betlehem f'Għajnsielem.* Ingħata l-premju Ġieħ Għajnselmiż fl-2001. Fl-2006, wara 25 sena, temm il-kariga ta' ragħaj tal-parroċċa u ngħata t-titlu ta' Monsinjur tal-Kapitlu tal-Katidral minn Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex. Għadda l-aħħar snin ta' ħajtu jibni repliki ta' l-injam tal-knejjes ta' Għajnsielem u l-Għajn tal-Ħasselin.

***RIFLESSI*** — ***Notamenti tal-Kav. Joe M. Attard***



# *Il-Karnival Magħna wkoll...*

Ta' kull sena ħafna min-niesna tistenna b'ħerqa l-Karnival. Għadek issib ħafna dilettanti ta' dawn il-festi folkloristiċi u rikreattivi li jafu l-bidu tagħhom qabel il-wasla tal-Kavallieri fostna. Naturalment dawn il-festi tradizzjonali u popolari jiddependu ħafna fuq il-burdata tat-temp. Fil-gżira tagħna l-Karnival jibda l-Ġimgħa u jibqa' jkarkar sat-Tlieta meta fl-*enclosure* ta' Misraħ Indipendenza jkun hemm il-*Gran Finale*. It-tfal tal-iskola flimkien mal-għalliema jieħdu gost b'jumejn vaganza, għad li ħafna minnhom jieħdu sehem mal-iskola tagħhom. U allaħares ma kienx hekk. Jekk ma tinvestix fit-tfal, il-ġejjieni tal-Karnival jista' jkun wieħed imċajpar.

**Naħseb li ħafna min-niesna tħobb toħroġ biex tara l-Karnival b'mod speċjali dak organizzat mill-Kunsill tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex li jsir fit-tokk tar-Rabat, Karnival organizzat li jkun jinkludi karrijiet trijonfali, maskri grotteski, kumpaniji tat-tfal u tal-kbar bil-kostum u danza, xi 'hilarious company', kompetizzjoni għall-aħjar kostum , il-ballu tal-Karnival, il-Parata, baned Għawdxin, kumpaniji barranin u divertiment ieħor. Xi drabi naraw ukoll iż-żifna antika tal-Kumittiva magħrufa ħafna fost in-nies ta' San Lawrenz u dawk tax-Xagħra. Kien hemm xi snin meta konna naraw ukoll il-Kukkanja iżda din issa ilha ftit ma ssir.**

F'dan iż-żmien fil-vetrini tal-ħwienet tal-ħelu titfaċċa l-"Prinjolata" li ħafna nies jagħmlu għaliha. Tajba u ma fihiex xewk! Il-perlini wkoll huma assoċjati ma' dawn il-festi tradizzjonali u folkloristiċi tal-Karnival li jingħad li kien il-Gran Mastru Pinto li daħħalhom fostna, għalkemm studji reċenti juru li daħlu qabel f'pajjiżna. Baqgħu ġejjin sa żmienna u donnu l-poplu tagħna jkun jistennihom biex jitbellah ftit u jinsa għal mument il-ħajja ta' kuljum. Il-Karnival tat-tfal għandu sehem importanti f'dawn il-jiem u tista' tgħid l-iskejjel Għawdxin kollha jippreżentaw xi 'item' fil-programm. Sinjal tajjeb għax jekk ma nrawmux it-tfal sa miċ-ċokon, il-Karnival x'futur jista' jkollu! L-iSports Complex ta' Victoria ġie li joffri alternattiva tajba meta t-temp ma jippermettix!

**Il-Kunsilli Lokali wkoll fil-maġġoranza tagħhom jorganizzaw il-Karnival fl-irħula tagħhom u n-Nadur forsi l-iktar li jispikka. Hawnhekk isir ukoll il-Karnival spontanju u ħadd mhu eskluż li jxidd il-maskra u joħroġ iterraq mar-raħal. Nies barra mir-raħal ukoll issibhom hawnhekk jiddevertu u jixxalaw fosthom partita Maltin. Mhemm xejn ħażin sakemm wieħed jara li ma joħroġx saqajh barra mill-friex!** Fi tfuliti jien niftakar lil tal-'liżar' li kienu joħorġu mkeffna biss f'liżar jiġġerrew mat-toroq jisfidaw il-ksieħ ta' Frar kif ukoll lil Fredu l-Leverist, għannej tal-'prima klassi' dejjem liebes ta' xi ħaġa li qatt ma tistenniha jew tobsorha! Kellna wkoll lil kumpanija "Muskettieri Għawdxin" li kienet tinkludi lil Ġużeppi Balluċċi, Ġiġi Sillato, Koli Apap, Ġużeppi Micallef u oħrajn. Baskal Attard jibqa' magħruf għat-trakkijiet li bihom kien jidħol fl-*enclosure* u jifqa' lil kulħadd bid-daħk!

Il-Karnival jiġi biss darba fis-sena u kulħadd jista' jwarrab għal mument is-serjetà u jikxef snienu biex jidħak ftit. Id-daħk jingħad li jnaqqas it-tikmix fil-wiċċ u allura għax ma nitbissmux ftit! Iżda ma ninsewx li hekk kif jintemm, l-għada, jibda żmien ir-Randan, jiem ta' sawm u astinenza, żmien totalment differenti, iżda li jrid ikun ukoll. Għalhekk il-munita għandha żewġ faċċati, ħbieb!

Cafè & Wine Bar
KAPUTA
Pizza & Local Dishes
60 St. Joseph Square Qala, Gozo,
Tel: 27201355, Mob: 99272074

## DWAR GĦAWDEX FIL-ĠURNALI

***Teżor f'Ta' Kerċem***

*"The tombs located in the parish priest's residence in Kerċem are composed in two rock-cut chambers with the larger having an average diameter of 1.5 metres and a depth of approximately one metre...The site is considered to have a high level of historical significance at a national level in that it provides important data relating to burial practices in a specific archaeological period. MEPA scheduled the Kerċem tombs as a Class B national monument as per Government notice 1225 dated December 10, 2010."*

**MEPA Report**, *The Times, 8th January 2011*

***Fl-era tal-Mater Dei: L-Isptar Ġenerali ta' Għawdex u l-vjaġġ tat-tarbija tat-twelid!***

"Dejjem ngħid li għandna riżors uman eċċellenti però meta mbagħad tinqala' xi ħaġa niġu f'sitwazzjoni fejn ikollna nirrikorru għall-assistenza Malta u allura jintbagħat għall-ħelikopter u t-tarbija tinġarr lejn Malta b'urġenza. Allura propju mat-twelid it-tarbija tinfatam mill-omm għax ovvjament l-omm ma tkunx f'kundizzjoni li titlaq mat-tarbija lejn Malta... Ilni snin nokrob biex jinbidlu l-inkubaturi tat-tfal – inkubaturi li nxtraw fl-1971 u li allura żmienhom għamluh. Dan apparti l-fatt li mhumiex adegwati u ma jaqdux il-bżonnijiet tal-lum. Ftit ilu, waqt konferenza li ndirizzajt, għidt li min għandu d-delizzju li jfaqqas it-tjur għandu inkubaturi b'teknoloġija avanzata iktar minn dawn l-inkubaturi... Qed ngħid dan għaliex jingħad ħafna diskors biex l-ommijiet jingħataw kull opportunità li jingħaqdu ma' wliedhom sa mit-twelid. Għalina l-Għawdxin li malli nwelldu jibagħtulna t-trabi lejn Malta minħabba nuqqasijiet fl-isptar, dan it-tip ta' diskors mhu xejn ħlief daħk fil-wiċċ. Nuri solidarjetà ma' dik l-omm li kienet miegħi fil-*ward* u kellha tgħaddi minn din l-esperjenza..."

**Justyne Caruana**, *L-Orizzont*, 1 ta' Jannar 2011

***Id-dejf u l-għadma***

*"Could someone responsible for the distribution of films please explain why it takes so long for films to be shown in Gozo? Sometimes it takes months !... It is such a shame! We Gozitans get the feeling that we are thrown the bone only when the theatres in Malta have eaten all the meat off it! Why cannot movies be premiered in Gozo and Malta simultaneously?*

**Joe Falzon**, *The Malta Independent, 3rd January 2011*

***Eko-Għawdex: rapport Fantażma?***

"Il-PL jinsab informat li l-Gvern għandu f'idejh rapport dettaljat b'mijiet ta' paġni, li tħejja minn għadd ta' esperti fil-qasam ambjentali u tal-iżvilupp sostenibbli dwar il-proġett Eko-Għawdex. Il-Kelliem Ewlieni għall-Ambjent, Żvilupp Sostenibbli u Tibdil fil-Klima, id-Deputat Laburista Leo Brincat, qal li huwa mifhum li, għall-raġunijiet mhux magħrufin, hemm reżistenza mill-istess Gvern, partikolarment mill-Ministeru għal




Għawdex, biex rapport simili jkun ippubblikat minkejja li huwa mifhum li ilu żmien li hemm kopji tiegħu f'idejn l-istess awtoritajiet. Filwaqt li l-Gvern huwa mħeġġeġ biex jippubblika dan ir-rapport sħiħ mingħajr aktar dewmien, hu fl-interess pubbliku li jsir magħruf ukoll x'verament qiegħed iwassal biex dan ir-rapport jibqa' mistur."

**Rapport**, *L-Orizzont*, 8 ta' Jannar 2011

***Sapport bil-fatti!***

*"A foundation in Gozo has purchased two properties which it intends to convert into shelters for victims of domestic violence and their children. The Foundation Kenn u Tama said it had acquires two apartments in shell form in Victoria for 191,060 Euro. It explained that the victims of domestic violence would be accommodated on a temporary basis until they found a permanent place where to live or reconciled. They will also be assisted to get back on their feet. The apartments will also serve as a meeting point where children of estranged parents may be picked up by either of the parents in terms of court orders. (In many cases such children are currently picked up from police stations.)... The apartments will be called Dar Emmaws. The contract of sale was signed between Ballija Property Development Limited and Fr Mikiel Xuereb, Mrs Josephine Dingli and Mgr Dr Joe Vella Gauci for the foundation.*

**Rapport**, *The Times, 4th January 2011*

***Wanted: A Noah!***

*"For the last two years I have been a student volunteer at the Gozo SPCA. I felt I must write to say how deeply sorry I am at the news that the Gozo Branch has reached a saturation point. As long as no alternative site is located, stray animals will be left roaming our streets and countryside. The government can help this situation by providing a more suitable location where cats and dogs can have a better quality of life than they have now. The kindness of so many animal lovers who volunteer to run and help the Gozo branch will always remain a proud and cherished memory."*

**Loredana Borg**, *The Times, 3rd January 2011*

**AĦSEB BIEX IĠĠEDDED L-ABBONAMENT TIEGĦEK**

## MILL-PARLAMENT

### *Ħitan tas-Sejjieħ*

**3103. L-Onorevoli ANTON REFALO staqsa lill-Onorevoli GIOVANNA DEBONO (Ministru għal Għawdex):** Tista' l-Ministru tpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra, l-programm għal bini mill-ġdid ta' ħitan tas-sejjieħ f'Għawdex? Min approva dan il-programm? Tista' tgħid kemm metri tul u metri kwardri ta' ħitan tas-sejjieħ inbnew mill-ġdid fl-għelieqi tal-bdiewa Għawdxin kull sena f'dawn l-aħħar sentejn? Kemm kienet l-ispiża kull sena? X'inhuma l-proċeduri u l-kriterji li fuqhom issir l-prijoritizzazzjoni u l-għażla ta' liema ħitan jinbnew mill-ġdid? Min jivverifika u japprova x-xogħlijiet li jsiru? *13/10/2008*

**Tweġiba:** Ninforma lill-Onorevoli Nterpellant li l-Ministeru għal Għawdex jirċievi diversi talbiet biex jinbnew ħitan tas-sejjieħ li jiġu evalwati, u x-xogħol relatat isir fuq mertu prijoritarju li jieħu in kunsiderazzjoni s-sigurtà u l-ħarsien tal-ħamrija u l-ambjent. Jien infurmata li matul is-sena 2007 ħaddiema tal-Gvern bnew 1090 metru (2138 metri kwadri) ta' ħitan tas-sejjieħ bi spiża ta' €2618 u fis-sena 2008 sa issa nbnew 1250 metri (2355 metri kwadri) ta' ħitan tas-sejjieħ bi spiża ta' € 806.36. L-ispejjeż ikkwotati ma jinkludux il-pagi tal-ħaddiema li ħafna drabi jużaw materjal li jkun jinsab fuq il-post stess. *10/11/2008*

**11584. L-Onorevoli ANTON REFALO staqsa lill-Onorevoli GIOVANNA DEBONO (Ministru għal Għawdex):** Tista' l-Ministru tpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-programm għall-bini mill-ġdid ta' ħitan tas-sejjieħ f'Għawdex li twettaq minn Settembru 2008 sa Diċembru 2008 u din is-sena sal-lum? Min approva dan il-programm? Tista' tgħid kemm metri tul u metri kwadri ta' ħitan tas-sejjieħ inbnew mill-ġdid fl-għelieqi tal-bdiewa Għawdxin fl-istess perjodi? Kemm kienet l-ispiża? X'kienu l-proċeduri u l-kriterji li fuqhom saru l-prijoritizzazzjoni u l-għażla ta' liema ħitan kellhom jinbnew mill-ġdid? Min ivverifika u approva x-xogħlijiet li saru? Saru applikazzjonijiet lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar għal dawn ix-xogħlijiet? Jekk saru, x'inhuma n-numri tagħhom? *16/10/2009*

**Tweġiba:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għal Għawdex jirċievi diversi talbiet biex jinbnew ħitan tas-sejjieħ li jiġu evalwati, u x-xogħol relatat isir fuq mertu prijoritarju li jieħu in konsiderazzjoni s-sigurtà, l-utilità u l-ambjent. Jien infurmata li minn Settembru 2008 sa Diċembru 2008 ħaddiema tal-Gvern bnew 224 metru (443 metri kwadri) ta' ħitan tas-sejjieħ bi spiża ta' €680 u fis-sena 2009 sa issa nbnew 707 metri (1356 metri kwadri) ta' ħitan tas-sejjieħ bi spiża ta' €3640. L-ispejjeż ikkwotati ma jinkludux il-pagi tal-ħaddiema li ħafna drabi jużaw materjal li jkun jinsab fuq il post stess. *04/11/2009*

**14209. L-Onorevoli ANTON REFALO staqsa lill-Onorevoli GIOVANNA DEBONO (Ministru għal Għawdex):** Tista' l-Ministru tgħid kemm metri kwadri ta' ħitan tas-sejjieħ inbnew fid-diversi lokalitajiet f'Għawdex matul l-2008 u l-2009? Kif kienu maqsumin skont il-lokalità? Tista' tagħti r-riferenza tal-applikazzjoni li saret lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar għal kull xogħol li sar? X'kienet in-nefqa fuq dawn ix-xogħlijiet, skont il-lokalità? Tista' tpoġġi fuq il-mejda tal-Kamra kopja tat-talbiet li saru lill-Ministeru tagħha għal dawn ix-xogħlijiet? *14/01/2010*



**Tweġiba:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġibiet mogħtija għall-Mistoqsijiet Parlamentari Nri. 3103/08 u 11584/09. *02/02/2010*

**21818. L-Onorevoli ANTON REFALO staqsa lill-Onorevoli GIOVANNA DEBONO (Ministru għal Għawdex):** Tista' l-Ministru tgħid kemm metri kwadri ta' ħitan tas-sejjieħ inbnew fid-diversi lokalitajiet f'Għawdex matul l-2009 u l-2010? Kif kienu maqsumin skont il-lokalità? Tista' tagħti r-riferenza tal-applikazzjoni li saret lill-Awtorità ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar għal kull xogħol li sar? X'kienet in-nefqa fuq dawn ix-xogħlijiet, skont il-lokalità? Tista' tpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tat-talbiet li saru lill-Ministeru tagħha għal dawn ix-xogħlijiet? *22/11/2010*

**Tweġiba:** Ninsab infurmata li matul l-2010 sa issa nbnew 2043 metri kwardu ta' ħitan tas-sejjieħ bi spiża ta' €2,381. L-ispiża kkwotata ma tinkludix il-pagi tal-ħaddiema li ħadmu dan ix-xogħol. Dwar partijiet oħra tal-mistoqsija nirreferi l-Onorevoli Interpellant għar-risposta tal-Mistoqsija Parlamentari 14209. *01/12/2010*

### *Intrapriżi f'Malta u Għawdex*

**21484. L-Onorevoli ANTON REFALO staqsa lill-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment:** Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm intrapriżi f'Malta u f'Għawdex separatament fl-aħħar ta' kull sena mis-sena 2000 sal-2009 u fl-aħħar ta' Settembru ta' din is-sena, li kienu jħaddmu minn 250 ħaddiem 'il fuq? *12/11/2010*

**Tweġiba:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra. *01/12/2010*

| | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 | 2009 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Malta 250+ | 55 | 59 | 63 | 62 | 61 | 65 | 64 | 68 | 66 | 67 |
| Gozo 250+ | 2 | 2 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 | 1 |

*Kummentarju (2)*

# *Ewliemes miet il-Barba*



*kitba ta'* JOSEPH W. PSAILA

**"Il-barba," qalli Toni, "ma nafx baqax oħrajn bħalu. Kull min darba kien 'il-barba', illum sar 'iz-ziju'. L-isbaħ rakkonti tal-barba kienu dwar kif u meta l-aħjar li jinħadem ir-raba' bagħli u dak saqwi... u x'jiġri meta l-art moxa tistagħdar, meta d-dielja jmissha ż-żabra, u l-ħawħa tibda tgħaqqad. Jinkedd għax it-tuffieħ tat-trajbu waqa' kien għadu merħ. Il-barba kien baqa' jqis ix-xhur skont il-festi : dak 'ta' San Ġwann', dak 'tar-rużarju', u dak 'tal-erwieħ' u l-ieħor 'tal-Milied'. - Ħalluni nħawtel,- kien spiss jgħidilna, -sakemm għad għandi ħawsla tajba, għalkemm b'xi ġwejnaħ miksur...Imma mbagħad, fis-sajf wara nofsinhar xħin taqbdu l-lanja ma kienx jiflaħ kliem fieragħ, u kien jintafa' jistrieħ fuq il-branda fis-setaħ..."**

Weġibtu li ma nafx kemm baqa' nies f'Għawdex li jitkellmu dan il-lingwaġġ tal-barba. Iżda huwa fatt li aħna se nkunu l-aħħar ġenerazzjoni li se nkunu smajna jitlissen kliem bħal dak.



Għadd ġmielu ta' kliem u idjomi tal-barba li dari konna nisimgħu madwarna, illum waqgħu fil-muta. Hu fatt li nistħajlu jagħti raġun lil Amadou Hampaté Bâ li f'messaġġ lil UNESCO kien qal li "ma kull xiħ li jmut tkun tinħaraq librerija." Dan, sa ċertu punt, jgħodd għalina l-Għawdxin għaliex ma kull xiħ ta' 'l fuq minn tmenin sena li jħallina, inkunu qed nidfnu miegħu xi kelma, xi frażi, xi idjoma, xi aċċent, xi tonalità li jagħmlu l-lingwaġġ Għawdxi jintgħażel mill-Malti *standard.* Miegħu wkoll tkun telqet biċċa żgħira mill-eko-Għawdex.

Bħalma kieku s-sengħa ta' Frenċ tal-Għarb bir-rimedji tal-mediċina mill-ħxejjex għall-mard u l-uġigħ taqbel sew mal-isfond tal-gżira ekoloġika, hekk ukoll jaqbel ma' dan il-kunċett il-vokabularju marbut mal-art u n-natura. L-aħħar fdalijiet ta' dan il-vokabularju jistgħu x'aktarx jinsabu fl-irħula Għawdxin li minn dejjem kienu 'l bogħod miċ-ċentri fejn seħħew l-Istorja u l-progress soċjali, kulturali u kummerċjali. Ħafna minnu ġà ntilef mil-lingwa mitkellma fi tnissija progressiva. B'xorti tajba li kellna studjużi, bħal Victor Galea, li ħażnuh fid-dizzjunarji.

Iżda bit-telfa tal-kliem, it-tapizzerija tal-lingwaġġ u tal-kreattività tagħna qiegħda kulma jmur jonqsulha il-ponti jekk mhux ukoll il-ħjut li jlewnuha.

### *Djaletti*

Hekk ukoll qiegħed jintilef id-djalett, dak it-tħaddid la raħlija bi pronunzja vokalika li tvarja minn raħal għall-ieħor. Iżda kemm għadhom qawwija fostna d-djaletti?

Huwa magħruf li t-tfal huma osservaturi li ma jaqbżilhom xejn. Ħalli nagħti eżempju bihom: Meta lil Samuel, tifel ta' ħames snin li kien jattendi l-iskola primarja ta' San Lawrenz, zitu kellmitu bil-Malti, b'mod kulturali u grammatikali kif għandu jkun, hu fil-pront qalilha: "it-*teacher* bħalek tkellimna, bl-Ingliż!" Għal Samuel, l-Għawdxi raħli u l-Malti *standard* kellhom differenza kbira.

Ix-Xewkin malajr jingħarfu – kliemhom jikxifhom għax dik li hi "q" fil-Malti, huma jlissnuha "k". Fl-iskola, sabiex it-tfal jitgħallmu jiktbu tajjeb bil-Malti, kienu jirreferu għal "q", bħala dik 'li għandha *siekha* l-isfel'. U l-erba' virtujiet kardinali kien jirnexxilhom jiktbuhom bil-"q" imma jippronunzjawhom "il-ħa*kk*, l-għa*k*al, il-*k*awwa u l-*k*jies". Hemm ċajta ħelwa, għax jgħidu : "Jekk ma tkunx taf, *seksi*." u '*seksi*' flok 'saqsi' għandha, f'ambjent

ta' bilingwiżmu, l-istess pronunzja ta' kelma bl-Ingliż, kemxejn provokattiva. Sadattant, jien għandi neputija li l-kliem *tkarmċu* bil-"k", u xħin nagħmel ftit ħin sew magħha, jien ukoll bla ma rrid nibda nitkellem bħalha.

Min hu midħla sewwa tar-raħal tax-Xewkija jgħidlek li dan il-mod karatteristiku ta' tlissin qiegħed kulma jmur dejjem jonqos. Ħasra! Iżda dan hu proċess mistenni.

***Il-bilingwiżmu***

It-tlissin tal-lingwaġġ Għawdxi hu maqbud fir-riefnu tal-globalizzazzjoni li tobbligana bi ħtieġa – u wkoll b'fejda – naddattaw ruħna u naddottaw il-bilingwiżmu.

Fejn għandu x'jaqsam ma' l-ilsna, il-globalizzazzjoni hija anti-Babel – għaliex jekk f'Babel in-nies xterrdu f'diversi ilsna, il-globalizzazzjoni llum qiegħda ġġib il-ħtieġa ta' lingwa komuni fost il-ħafna ilsna. Iżda jekk inhu minnu li, tul il-millennji, kienet id-diversità li xprunat il-kreattività tal-bniedem, dak li f'Babel deher kastig, irriżulta maż-żmien li kien risq.

Il-bilingwiżmu mhux fenomenu biss ta' żmienna. Fl-ewwel seklu Q.K. il-poeta Ruman, Orazio, ikkommemora b'vers magħruf il-fatt li Ruma kienet ħakmet lil Greċja militarment, imma l-Greċja kienet ħakmet lil Ruma kulturalment : *Graecia capta ferum victorem cepit et artes intulit agresti Latio.*

Imma sadattant Orazio kien ħadha bi kbira li Lucilius fil-kitba tiegħu kien iħallat flimkien kliem bil-Grieg ma' kliem bil-Latin. Il-kritiċi favur il-bilingwiżmu kienu jargumentaw li t-taħlita taż-żewġ lingwi titgawda aħjar bħalma jintgħoġob aktar *cocktail* taż-żewġ inbejjed, il-Chois ma' l-ieħor aktar fin, il-Falernian. Orazio kien jirbatti li hu kellu l-ħila jivversifika bil-Grieg, iżda għalih "li wieħed jipprova jżid il-filliera twila ta' poeti Griegi kien għemil ta' belhieni bħal meta wieħed iġorr il-ħatab lejn il-masġar." *(Satiri 1: X)*

Iżda dik tal-ħakma kulturali tal-Greċja fuq Ruma kienet żgħira ħdejn iz-*tsunami* kulturali tal-lum permezz tal-globalizzazzjoni li tista', per eżempju, tagħmel lil kulħadd fl-Ewropa tali-kwali.

**F'din is-sitwazzjoni, aħna f'Għawdex jeħtieġ li nħarsu l-identità tagħna f'dak kollu li jiddistingwina. U nagħmlu dan mhux biss b'daqsxejn nostalġija tal-imgħoddi, imma għaliex dan il-ħarsien, fl-istess kuntest tal-globalizzazzjoni, jista' jiggarantilna ġejjieni aħjar. Aspett li jiddistingwina huwa l-lingwaġġ Għawdxi – għelm ta' identità, li jista' jkompli jintilef bla ma nintebħu.**

***Il-lingwaġġ tal-kompjuter***

L-ilsien Malti hu wieħed ħaj u dinamiku. Tant hu hekk li bħal kalamita jiġbed lejh kliem mill-Ingliż u mit-Taljan u jaddottahom. Dan jista' jagħmel l-ilsien tagħna wieħed aktar għani. Madankollu waqt dan il-proċess m'għandniex nitilfu dak li fil-lingwa hu tabilħaqq tradizzjonalment tagħna. Lanqas għandu jkollna mentalità ta' inferjorità li ma tħalliniex inkunu pro-attivi u kreattivi biżżejjed li dak li hu ġdid insemmuh bil-Malti.



F'dawn l-aħħar snin, dan il-proċess b'azzjoni doppja qiegħed kontinwament iseħħ bit-terminoloġija tal-kompjuter. "Nattaċċja" ma ddejjaqnix, iżda "niddawnlowdja " ma ddoqqlix. Imbagħad, komuni ħafna għax tinsab f'kull indirizz elettroniku, hemm is-simbolu @. Dan is-simbolu qisna nitmeżmżu nagħtuh isem. Sadattant mhux hekk f'lingwi oħra: bl-Ungeriż hu *kukac* li tfisser 'dudu'; l-Isvediżi jsejħulu *snabel-a* għat-tromba tal-iljunfant, u l-Iżraeljani *strudel* għall-qassata bit-tuffieħ b'ċappa ġelat tal-vanilla fuqha. Ħelwa u tabilħaqq milquta tat-Taljani: *chioccola*, u nistgħu naddottawha aħna bil-Malti bħala "għakruxu". Jew biex inkunu oriġinali, @ nistgħu nsejħulha "toppu", jew għala le, x'aktarx aħjar la Għawdxija, "tuppu".




*Ftit fatti u kummenti*

# *Reklami fuq Kanali għat-Tfal, l-Obeżità u s-Sigarretti Elettroniċi*



*kitba ta'* **Dr. MARIO SALIBA** MD MSc MMCFD

**Ir-reklami fuq it-televiżjoni fuq kanali għat-tfal mhux dejjem huma tajbin għat-tfal. Diversi reklami fuq stazzjonijiet differenti li llum huma possibbli fid-djar tagħna minnħabba s-satellita u l-Cable TV fihom xi forma ta' mġiba vjolenti, inkwetanti, jew kontenut sesswali. L-assoċjazzjoni bejn il-wiri tal-aggressjoni u l-vjolenza fuq it-televiżjoni u aktar tard l-imġiba vjolenti jew anti-soċjali ġiet stabbilita permezz ta' diversi studji xjentifiċi.**

It-tfal tagħna li jaraw it-televiżjoni għal ħinijiet twal jistgħu jkunu esposti għal aktar minn 4,000 reklam kull sena. Riċerkaturi eżaminaw il-kontenut ta' kull reklam filgħodu u wara nofsinhar fuq tlett kanali popolari tat-televiżjoni tat-tfal (*Disney Channel, Nickelodeon, u n-Network Cartoons*). Huma eżaminaw il-kontenut negattiv (imġiba vjolenti, imġiba inkwetanti, *role models* negattivi, u l-imġiba sesswali), il-kontenut pożittiv (rwoli pożittivi, espressjonijiet pożittivi u inkoraġġanti, u stili ta' ħajja ta' benefiċċju għas-saħħa), il-kontenut mħallat, u l-kontenut newtrali, matul perjodu ta' tlett xhur. Huma sabu li għalkemm ħafna mir-reklami, madwar 1681, kienu kkunsidrati bħala newtrali, 13.5% tar-reklami kellhom kontenut negattiv (4.5% imġiba vjolenti, 4.9% imġiba inkwetanti, 5.5% *role models* negattivi). 15.3% tar-reklami biss kellhom kontenut pożittivi. Reklami fuq in-*Network Cartoons* kellhom kontenut ferm aktar negattiv (17.4%) minn dawk fuq *Nickelodeon* (12.3%) jew il-kanal ta' *Disney* (7.0%). Il-klassifikazzjonijiet tal-programmi skont l-età tat-tfal ma naqsux milli jkun hemm kontenut kummerċjali negattiv jew imġiba ħażina għat-tfal. Kontenut negattiv kien jinsab waqt programmi ta' kull eta`. Il-konklużjoni li ħarġet minn dan l-istudju kienet li 13.5% tar-reklami fuq stazzjonijiet televiżivi tat-tfal juru reklami li fihom xi forma ta' mġiba vjolenti, inkwetanti, jew sesswali.



Dan għandu jinkwieta lill-ġenituri u jqajjem lil xi wħud mir-raqda *nobis* li jinsabu fiha. Dawn mingħalihom li kulma jidher fuq stazzjon tat-tfal huwa tajjeb.Ta' min jinnota li din ir-rata għolja ta' kontenut negattiv fuq stazzjonijiet tat-tfal hija simili għar-rata ta' kontenut negattiv waqt avvenimenti sportivi fuq it-televiżjoni! Jiena naqbel mar-rakkomandazzjonijiet tal-awturi ta' dan l-istudju jiġifieri, l-industrija tad-divertiment u kumpaniji tar-reklamar għandhom jieħdu xi forma ta' responsabbiltà għar-reklami fuq it-TV; ir-reklami għandhom jiġu vvalutati għall-kontenut tagħhom biex jiżguraw li għandhom kontenut xieraq għat-tfal; il-ġenituri għandhom ikunu infurmati li l-kontenut ta' ċerti reklami jista' b'mod pożittiv jew negattiv jaffettwa l-emozzjonijiet tat-tfal tagħhom, l-imġiba tagħhom, u l-attitudnijiet tagħhom; u l-ħin għat-televiżjoni m'għandux ikun mingħajr is-sorveljanza tal-ġenituri u mhux iktar minn 60 minuta kuljum fost il-ġimgħa u ta' sagħtejn fil-*weekend.* Dan il-ħin għandu jinkludi logħob bil-*video games* u logħob fuq il-kompjuter. Minħabba l-ħin twil quddiem it-televiżjoni jew kompjuter it-tfal mhux qed jagħmlu biżżejjed eżerċizzji fiżiċi u sport. It-televiżjoni sar fattur sinifikanti fl-iżvilupp tat-tfal. Bħala soċjetà, għandna bżonn li niskopru modi kif it-televiżjoni għandu jintuża b'mod li jkun ta' benefiċċju għat-tfal u nillimitaw l-effetti detrimentali.

### *L-Obeżità*

Minn studju li sar kien magħruf li 79% tfal li kienu ħoxnin ħafna, 60% minnhom baqgħu ħoxnin ħafna meta saru adulti. Iktar mat-tfal ikunu ħoxnin iktar hemm ċans li ser jibqgħu ħoxnin meta jikbru. Biex tiġi determinata l-probabbiltà li l-obeżità fit-tfal twassal għall-obeżità fl-adulti, ir-riċerkaturi għamlu studju fuq 8834 tfal u adolexxenti li kienu ta' piż normali jew ħoxnin, iżda mhux ħoxnin





ħafna. Dawn it-tfal u adolexxenti kienu segwiti mill-1996 sas-sena 2009, meta l-età medja tagħhom kienet ta' 29 sena. Barra minn hekk, 790 adolexxenti ħoxnin ħafna, kienu segwiti għall-istess perjodu. Dawk li kienu ħoxnin jew ħoxnin ħafna baqgħu ħoxnin bħala adulti. Anke dawk li ma kinux ħoxnin ħafna 8% minnhom saru ħoxnin ħafna. Dan l-istudju wera biċ-ċar li l-obeżità fit-tfal u l-adolexxenti twassal għall-obeżità meta dawn jikbru. L-obeżità hija marda u ġġib diversi kumplikazzjonijiet fil-qalb, fiċ-ċirkulazzjoni u anke kumplikazzjonijiet ta' diabete. Għalhekk huwa importanti ħafna li nilqgħu minn meta uliedna jkunu għadhom żgħar u ma nħalluhomx jieklu żżejjed. Importanti wkoll li jagħmlu attività fiżika ta' lanqas siegħa kuljum.

### *e-cigarettes*

Dan l-aħħar fuq l-internet sirna nafu bis-sigarretti elettroniċi (*e-cigarettes*) li l-użu tagħhom anke f'pajjiżna beda. Dawn it-tipi ta' sigaretti qed jiġu rriklamati bħala alternattiva għas-sigarretti konvenzjonali billi ma' jagħmlux ħsara. Iżda dan huwa veru? Dan huwa qerq li jista' jagħmel ħsara lit-tfal u lill-adolexxenti li jużaw dawn it-tip ta' sigarretti. Dan għaliex dawn is-sigarretti huma magħmulin minn tubu tal-plastik bit-tarf jixgħel oranġjo illuminat jew bil-ponta blu, li titfa daħna ta' nikotina permezz ta' fwar ta' likwidu li jinħaraq ġo skartoċċ. Għalhekk dawn is-sigarretti fihom nikotina wkoll. Dawn is-sigarretti huma ġeneralment mqiegħda fis-suq bħala iktar *safe* peress li ma jipproduċux l-ebda duħħan







sekondarju u tkun assorbita inqas nikotina milli kieku tpejjep sigarrett konvenzjonali. Dawn jirreklamaw dawn is-sigarretti bħala aħjar għall-ambjent milli huwa t-tipjip ta' sigaretti normali. Sa anke kien hemm reklami biex iħeġġu tobba biex lill-pazjenti adolexxenti jinfurmawhom b'din l-alternattiva. Meta nkunu nagħtu parir lill-adolexxenti dwar dan irridu noqgħodu attenti ħafna.

Analiżi fil-laboratorju juru li dawn is-sigarretti - anke dawk li huma reklamati li m'għandhom l-ebda nikotina, xorta jagħtu traċċi ta *'diethylene glycol'* li huwa tossiku u jagħmel ħsara lis-saħħa tal-bniedem u ammonti varjabbli ta' nikotina f'kull nifs li jittieħed. Ċerta riċerka appoġġjata mill-industrija tissuġġerixxi li dawn it-tipi ta' sigarretti jnaqqsu x-xewqa biex tpejjep u jistgħu jintużaw biex jgħinu lil dak li jkun biex jieqaf mit-tipjip. Ta' dan ma' hemmx provi biżżejjed u l-parir tat-tobba s'issa huwa li dawn it-tipi ta' sigarretti xorta jwasslu biex dak li jkun jibqa' jpejjep, għax wara ċertu żmien jerġa' jpejjep sigarretti normali. F'ċerti pajjiżi dawn it-tip ta' sigarretti huma kkunsidrati bħala sigarretti normali u anke ipprojbiti għaliex b'hekk it-tfal u l-adolexxenti jistgħu jevitaw ir-restrizzjonijiet ta' età għax-xiri ta' sigarretti. Il-ġenituri għandhom ikunu konxji tad-disponibbiltà ta' dawn il-mezzi elettroniċi ta' konsum ta' nikotina u jirreżistu r-reklami aggressivi li għaddejjin bħalissa dwar dawn it-tipi ta' sigarretti.

*mariosaliba@gmail.com*


# LUMEN CHRISTI BOOKSHOP

Triq Fortunato Mizzi, Victoria. Tel: 21560496/7

*Fil-għodu biss: 8.30am - 12.30pm*



*Skont ta' 10% fuq kotba ta' qari tajjeb għat-tfal... is-sena kollha!*



**KOTBA**



*Minn Għawdex*

# *L-istejjer jgħallmuna u ċajta tajba tferraħna...*

*MUSEUM (Subien) tan-Nadur, "Il-Ħbieb Isejħu bl-Istejjer", Volum 5, Pubblikazzjoni Preca, 2010, Veritas Press, €8. Lumen Christi Bookshop.*




Dan l-aħħar ġiet f'idejja kopja tal-ħames edizzjoni ta' **Il-Ħbieb Isejħu – Bl-Istejjer**. Din hi antoloġija ta' stejjer qosra ħafna miġbura mill-membri tas-Soċjetà tad-Dutrina Nisranija (MUSEUM) tal-Qasam tan-Nadur. Hi ġabra ta' ħames mitt storja li permezz tagħhom il-qarrej mhux biss jieħu gost jaqra, imma jitgħallem xi ħaġa għal ħajtu wkoll.

### *It-Tema Reliġjuża*

Ma jistax jonqos li pubblikazzjoni li ħierġa minn soċjetà b'għan reliġjuż ma toffrix stejjer b'messaġġ fuq dawn il-linji. Infatti din l-antoloġija għandha għadd ta' stejjer li t-tema tagħhom hi waħda reliġjuża. Huma stejjer li jevanġelizzaw b'mod dirett jew indirett il-messaġġ ta' Kristu f'dinja li, kull ma jmur, aktar qiegħda ssir waħda sekulari.Hemm għadd ġmielu ta' stejjer li jittrattaw episodji meħudin mill-ħajja ta' kuljum ta' nies komuni u oħrajn anqas komuni, imma li minn dawn l-episodji toħroġ tagħlima reliġjuża.

### *L-Aspett Etiku Soċjali*

Madankollu "Il-Ħbieb Isejħu" mhux ktieb purament reliġjuż. Anżi aktar minn hekk hu ktieb pożittiv li jipprova jolqot lil kulħadd, anke jekk mhux Nisrani, u jnissel f'min jaqrah dak is-sens etiku li kulma jmur donnu qiegħed jonqos ħafna minn fost il-bnedmin. Temi bħall-ħbiberija, l-irġulija, l-onestà, il-ħniena, huma kollha messaġġi li joħorġu minn stejjer u ġrajjiet veri jew fittizi li hemm miġbura f'din l-antoloġija. Laqtuni ħafna stejjer bħal Storja 65 dwar it-tallab tal-belt li turina l-karità għandha dejjem tiġi mill-qalb. Hemm ukoll Storja 171 li tittratta dwar l-importanza tal-irġulija u li wieħed dejjem iżomm kelmtu. Fi stejjer oħrajn niltaqgħu ma' nies kbar u li għamlu isem, proprju għaliex l-għemil tagħhom kien wieħed kbir u li jixraqlu rispett. Tidher l-umiltà ta' George Washington, l-onestà u l-integrità ta' Abrahom Lincoln, is-sinċerità u s-serenità ta' Papa Ġwanni Pawlu II, is-sens komun tal-istatista Paul Kruger u ta' Mahatma Ghandi, u tant u tant nies kbar oħra li b'episodji ċkejknin pożittivi (xi drabi anke anqas pożittivi) jagħtuna tagħlim għal ħajjitna.

### *Iċ-Ċajt*

Fl-aħħar nett irrid ngħid kelma dwar iċ-ċajtiet li nsibu f'dan il-ktieb. Mhux kull ma naqraw f'"Il-Ħbieb Isejħu" bilfors fih tagħlima. U anqas ma wieħed għandu jistenna dan. Għaliex dan hu ktieb tal-mogħdija taż-żmien, u kieku kellu jkun mimli stejjer li joffru biss qdusija jew tagħlim, dak li jkun forsi li jiddejjaq jaqrah u jwarrbu minn idejh. Imma l-fatt li t-tema tinbidel minn storja għal oħra u hekk, għal għarrieda, titfaċċa ċ-ċajta, bla ma trid isserraħ lil min ikun jaqra u ġġagħlu jitbissem ftit. Wara kollox, fid-dinja mhux serjetà biss teżisti.

### *L-Istil*

L-istil ta' dan il-ktieb hu wieħed mexxej ħafna, anke minħabba l-fatt li l-istejjer huma qosra. Hu miktub b'Malti idjomatiku tajjeb u b'lingwaġġ ħafif. L-istejjer jipprestaw ruħhom għal spunt ta' diskussjoni għal waqt laqgħat ta' formazzjoni, għal prietki u anke għal lezzjonijiet. Għaldaqstant il-ktieb jista' jintuża mhux biss bħala mezz ta' mogħdija taż-żmien imma wkoll bħala għodda ta' tagħlim minn min jinsab f'dan il-mestier. Il-ktieb, li fih 224 paġna, hu tal-Pubblikazzjoni Preca u mitbugħ il-Veritas Press, Zabbar. Nawgura lill-qarrejja ta' "Il-Ħbieb Isejħu – Bl-Istejjer", qari san u ta' fejda.

*Carm C. Cachia*

Alex Saliba
I.T Sales and Services
65, Ta' Said Street Nadur, Gozo
Tel: 21 555 358 Mob: 99 864 262
alexandersaliba@gmail.com

## LETTERATURA GĦAWDXIJA

# Kantiku tal-Anzjan

*(Miktuba bit-Taljan minn anzjana, residenti fid-dar għall-anzjani, Colle Reale, Messina, u maqluba għall-Malti minn* **Carm C. Cachia***)*

Imberkin dawk li jħarsu lejja b'simpatija.
Imberkin dawk li jifhmu l-mixja tqila tiegħi.
Imberkin dawk li jitkellmu b'leħen għoli
sabiex jaħbu n-nuqqas ta' smigħ li għandi.
Imberkin dawk li jagħfsu b'tant imħabba
l-idejn jirtogħdu tiegħi.
Imberkin dawk li jinteressaw ruħhom
f'żogħżiti l-imgħoddija.
Imberkin dawk li ma jixbgħu qatt jisimgħu
dawn ġrajjieti mtennija bosta drabi.
Imberkin dawk li jifhmu l-bżonn li għandi biex nitwennes.
Imberkin dawk li jagħtuni
frakiet ċkejkna minn ħinhom, tant prezzjużi.
Imberkin dawk li jiftakru fis-solitudni tiegħi.
Imberkin dawk li jserrħuni fil-mumenti iebsa tiegħi.
Imberkin dawk li jferrħuni fl-aħħar jiem tal-ħajja tiegħi.
Imberkin dawk li jsabbruni fil-mument tal-passaġġ tiegħi
meta nasal sabiex nidħol f'dik il-ħajja ta' bla tmiem.

Jien niftakar fihom kollha, meta nkun qrib Ġesù tiegħi.



---

# Lill-Poeta

**A. Pushkin 1830**
*(maqluba mill-Ingliż minn* **Michael Grech***)*

Poeta, torbotx qalbek m'imħabbiet il-folla
Ħesrem inin it-tifħir fieragħ, barrih!
Met' iblah masħar vrusek... kalma. Meta
smajt żufjett il-miġemgħa... kwiet, insieh!

Tlajt tron, int Tsar, terraq ħsiebek fuqani
F'mogħdija l-ħelsien...waħdek, b'moħħok ċar, tmun.
Orqom frott ix-xogħol marbut m'ġenju nobbli,
U titlobx ħlas : għax dak ġà fik ikun.
Imħallef li lilek innifsek iebes iżżomm,
Ħadd daqsek ma' qies ħidmitu b'tant ħruxija!
Għid, tħossok kburi b'li għaraft iddomm?

Kuntent? Ħalliha l-marmalja mehdija
' l midbaħ timlielek riq, il-fjamma tifga'
Bħal ferħ t'għafrid triegħed trepied, mħennija.

# Talba

**Giuseppe Giusti**
*(maqluba mit-Taljan minn* **Michael Grech***)*

Lil dan moħħi l-mifxul
b'dubju u b'dulur
għin O tiegħi Sinjur
b'raġġ sfiq ta' fidi.

Erfa' lilu mit-toqol
li jmiegħku f'qiegħ it-tajn :
niġri għandek nolfoq, O Għajn,
nafda ruħi Fik, O Sidi.

Int taf tajjeb li ħajti
lejn il-qerda lejl u nhar
bħal xemgħa qrib in-nar
bħas-silġ fix-xemx qalila.

Ta' din ruħi ħerqana
tfittex dirgħajk ħanina,
Mulej qaċċat il-katina
li jżommha ilsira.

*Lenti fuq il-Ħajja Madwarna*

# Konna aħjar meta konna agħar? Taħdita bejn nannu u n-neputija



*kitba ta'* **GEORGE N. CASSAR**

*Neputija* Nann, illum xbajt nistudja. Ejja oqgħod bil-qiegħda ma' ġenbi ħa nurik xi ħaġa u ma jiddispjaċikx..

*Nannu* Għidli, qalb ta' qalbi.

*Nep.* Tħajjart nurik kif tħaddem il-kompjuter. Ilu għandi, fuq dik l-iskrivanija, iktar minn ħames snin u għadek qatt ma ħarist lejh. Tara kemm tgħaddiha meta tidħol fuq l-internet.

*Nannu* Doreen, ħallini bi kwieti. L-internet m'għandix x'nambih. Jiena l-gost tiegħi mmur Ta' Bardan jew is-Sanap u noqgħod hemm nonsob għall-kwiet.

*Nep.* L-internet jiftaħlek id-dinja beraħ quddiemek.

*Nannu* Taf x'naf, sikwit nisma' bil-ħsara li qed jagħmel dan l-internet li qed tiftaħar bih int. Kemm ħażen qed idaħħlilna ġo pajjiżna!

*Nep.* Jaqaw fi żmienek ma kienx hemm ħażen?

*Nannu* U żgur li kien hemm, Doreen. Il-ħażen qadim – hekk jgħid l-Għarbi. Imma almenu dari kien mistur. Illum il-ħażen sar qisu l-aqwa galantom; joħroġ idur barra, fid-dawl ta' binhar. Illum il-mistħija spiċċat. L-anqas "X'għarukaża!" m'għadek tisma' min jgħid. Illum kollox jgħaddi.

*Nep.* Iż-żminijiet jitbiddlu, Nann, u r-rota dejjem iddur. Daż-żmien, nammetti, qed iddur daqsxejn waħda bil-ħeffa.

*Nannu* U qed tħalli 'l kulħadd stordut. U mhux il-qoxra biss tbiddlet, imma anki l-qalba. Tbiddilna mil-lejl għan-nhar.

*Nep.* It-tibdil ma tistax twaqqfu. Malta u Għawdex ilhom jitbiddlu minn żmien il-Ġgantija u l-Ipoġew.

*Nannu* U dejjem x'aktarx għall-agħar – mill-qattara għal ġol-miżieb. Ħares lejnkom, iż-żgħażagħ tal-lum. Il-ħajja minn għalikom xalata mill-isbaħ. Għalhekk dan l-isfrattu u dawn l-abbużi kollha. Il-lejl konna ngħidu li qiegħed għal-lpup. Il-moda taż-żgħażagħ tal-lum taf iktar minni xinhi – sar kważi nofs il-lejl u għadkom ħa toħorġu tiddevertu; u l-Bambin biss jaf x'ħin terġgħu tinġabru d-dar.

*Nep.* Tiħux għalik Nann, tinsiex li intom kontu għadkom qed tgħixu fil-Medju Evu.

*Nannu* Imma kellna l-paċi u l-kwiet.

*Nep.* Taf x'kellkom żgur: faqar u għaks; injoranza u ħmieġ. U nies ħafjin; xi wħud iġorru l-qorq f'idejhom u jilbsuh huma u deħlin il-Belt. Kulħadd iseksek u jissindika. Ħa nerġa' ngħidlek, tiħux għalik: moħħkom kien mimli bil-bebbux u bl-għanqbut.

*Nannu* Iva,naf, kienet soċjetà magħluqa, la antika; nammetti, kien hemm min jerfa' salib in-nies; f'komunità żgħira, din tistennieha. Imma ejja ngħidu kollox : kienu wkoll jafu jħennu; jaħsbu f'xulxin, jaqbżu għal xulxin. Inti semmejtli l-injoranza u l- faqar; niftiehmu, il-faqar għadu magħna sal-lum. U mhux hawn Malta biss. Int sifirt xi tliet darbiet; taf kemm nies hemm, bla saqaf fuq rashom, anki fi bliet kbar u sinjuri,. Naf nies ir-raħal tagħna, bilkemm għandhom għaxja ta' lejla.

*Nep.* Xi wħud tort tagħhom.

*Nannu* U jien fejn naf ta' min hu t-tort? Naf li kollox għali infern. Fi żmieni, bi ftit soldi, kont tixtri għall-borma u tixba'. Anki l-isbaħ dar, kont tixtriha bi ftit flus. Illum trid l-eluf. Għalhekk ħafna miżżewġin issibhom mikulin bid-dejn.

*Nep.* Xi drabi jiddejnu għax jagħmew wara l-lussu. Lilek dejjem nisimgħek tgħid: "Qatt toħroġ saqajk barra mill-friex".

*Nannu* In-nies tal-lum għandha ħafna ħajm u kapriċċi. Kulħadd jonfoq, jixtri u jarmi. Fi żmieni, konna nikkuntentaw bix-xejn. Konna nifirħu bix-xejn. Konna nafu nagħmlu ekonomija minn kollox; ma naħlu xejn u nibżgħu għas-sold. Kif għidtlek, illum ħafna kapriċċi. Qed ngħixu f'dinja mimlija tensjoni; imbagħad nispiċċaw nibilgħu l-kalmanti; xi drabi qed intuhom anki lit-tfal żgħar tal-iskola. Dak li ġġibilna t-tensjoni. Għalhekk jien dejjem emmint li konna aħjar meta konna agħar.

*Nep.* Imma Nann, trid tammetti li sar ħafna żvilupp u għamilna progress enormi : progress fix-xjenza, fil-mediċina, fl-edukazzjoni, fit-trasport; f'kollox. Ġejna 'l quddiem għax żdied il-progress.

*Nannu* Jew morna lura għax żdied il-ħażen. Għalija dan huwa progress rigressiv.

*Nep.* U le, tgħidx hekk, Nann. Illum hawn ħafna

tagħlim, mhux biss mill-iskejjel imma anki mill-gazzetti u r-radjijiet. Illum in-nies drat taħseb b'rasha u m'intix sa tbellgħalhom ir-ross bil-labra. Ħu l-università, ara kemm kibret! Inti taf , Nann, jien qiegħda l-aħħar sena tal-kors. K'Alla jrid, Ġunju li ġej, niggradwa u nsir nutar. Smajt kemm qegħdin studenti jistudjaw fl-università dis-sena? Fuq l-għaxart elef. Dari bilkemm kien ikun hemm mitt student.

*Nannu* Imbagħad, dawn l-għaxart elef, wara daqshekk studju u tqanżiħ, joħorġu u xi drabi jkollhom isiefru biex forsi jsibu fejn jaħdmu.

*Nep.* Naħseb li hawn sa taqbel miegħi, Nann: aħjar tkun qiegħed imma taf l-iskola, milli qiegħed u injorant daqs ħmar. U ħa ngħidlek oħra. Fi żmienek, ħu lilna l-bniet; il-biċċa l-kbira mhux żgur kienu jispiċċaw l-iskola primarja. Kienu jfittxu joħorġuhom ħa jagħtu daqqa t'id fil-familja, jagħmlu l-faċendi jew jgħinu fl-għalqa. Ħafna minnhom kienu jispiċċaw bilkemm jafu jiktbu isimhom.

*Nannu* Semmejtli l-familja. Għax ma tgħidx kemm hawn familji mfarrkin illum? Dari l-familja kienet aktar magħquda, aktar miġbura. U tinsiex, il-familja s-sinsla tal-pajjiż.

*Nep.* Imma dejjem għixtu fil-miżerja. Dejjem batuti. Illum it-tbatija naqset. Naqas il-mard. In-nies qed tgħix iktar. L-ikel aħjar. Iktar indafa. Dari kellkom ħafna mard li jittieħed. Il-biċċa l-kbira tan-nies mhux żgur kienu jwasslu sas-sebgħin sena.

*Nannu* Jien għandi qrib id-disgħin u għadni mmur l-għalqa.

*Nep.* Mhux għax f'wiċċek, int għadek taqbeż is-seba' platti. Int l-eċċezzjoni, Nann. Kull regola għandha l-eċċezzjoni.

*Nannu* Jien saħħti dejjem bżajt għaliha. Illum ma tismax ħlief bil-misħuta droga. Mhux intom iż-żgħażagħ biss; issib anki ġenituri fuq id-droga. Ara kif jistgħu jrabbu! X'eżempju jistgħu jagħtu lil uliedhom !

*Nep.* Imma l-progress tarah b'għajnejk u tmissu b'idejk. Ħu l-mezzi tat-trasport li għandna llum – bl-art, fuq il-baħar, bl-ajru. Taqbad ajruplan u fi ftit sigħat tasal fejn trid. Id-dinja saret qisha villaġġ wieħed.

*Nannu* Imma m'għidtlix Doreen, kemm diżgrazzji koroh qed ikollna kuljum b'dawl-mezzi kollha tat-trasport. U mhux hekk biss. Tmur fejn tmur, ħlief ħsejjes u dħaħen ma ssibx ma' wiċċek. L-ambjent qed neqirduh. Illum, barra d-diżastri tan-natura, għandna diżastri li qed iġibhom b'idejh il-bniedem stess.

*Nep.* Nann, int insejt li fi żmienek , anki biex tidħol sal-Belt, kont qisek sa ssiefer?

*Nannu* Kellna inqas periklu ma' saqajna, għandek tgħid. Konna nimxu iktar. U l-mixi jtik is-saħħa. Daż-żmien, anki biex imorru sal-knisja, erba' passi 'l bogħod, iridu jmorru bil-kar. Ajma j'ommi, kemm ksuħat ! Jien, fejn nista', immur bil-BMW tiegħi - Bil-Mixi Waħdi.

*Nep.* Int dejjem tiftaħar bil-BMW tiegħek. U n-nanna miskina, dejjem id-dar, tnaddaf u tkeċner, b'sebat iglielex iduru ma' saqajha u int is-Sanap, tonsob għall-vrieden u l-isponsuni. Sewwa qaltli darba ommi, li n-nisa ta' dari kienu martri.

*Nannu* Ma' dawk is-sebgħa li semmejt, kellna erbgħa oħra, imma l-Bambin riedhom miegħu. Mietu żgħar.

*Nep.* U żgur, dari t-trabi kienu jmutulkom bħad-dubbien.

*Nannu* U daż-żmien jeħilsu minnhom qabel jitwieldu.

*Nep.* L-abbużi qatt mhuma sbieħ, veru. Imma dari, daqsxejn ta' infezzjoni u tibagħtek id-dinja l-oħra. Penisilin ma kontux tafu bih. Imbagħad tiġi tgħidli li kontu aħjar, li kontu kuntenti.

*Nannu* U żgur li konna kuntenti u aħjar, Doreen. Konna ngħixu ħajja kwieta. Mingħajr dal-ħafna ġenn u ġiri ta' daż-żmien. Kulħadd għaddej ittraxxnat.

*Nep.* Imma t-tbatija hemm kienet, Nann. Ħu l-bidwi. Kien jgħaddilek sigħat sħaħ milwi ganċ, bil-minġel f'idu, jaħsad, jiġbor l-uċuħ tal-qamħ u tax-xgħir. Illum kollox bil-magni u ma jbati ħadd. Id-dar ma kellkom xejn ħlief xi musbieħ inemnem u xi kuċiniera mgermda. Mank friġġ ma kellkom.

*Nannu* Veru, jiena niftakar fis-sajf, kont inniżżel xi ikel fil-bir. Darba, niftakar, waqagħli l-barmil fil-bir, u kellna nissellfu rampil m'għand il-ġirien biex intellgħuh.

*Nep.* L-anqas noħlom ma rrid u ngħix ħajja f'dik l-għakkarija. Divertiment kważi ma jeżistix, ħlief darba fis-sena, meta jiġi l-karnival. U bilħaqq, ġie li kontu tmorru taraw it-teatrin - idaħħkukom bl-imbiċellati.

*Nannu* Imma konna ngħadduha, għax ma kellniex ix-xita ta' problemi li n-nies għandha llum – problemi li jfaqqsu f'wiċċek għal għarrieda.

*Nep.* Qed ngħid bejni u bejn ruħi, hemm xi Ingliżi jaħsbuha bħalek, Nann. Tismagħhom jiftaħru bil-*good old days*. Niggarantilek jien, ma kienu *good* xejn. Anzi kienu orribbli. Iva poġġi maġenbi, Nann, ħa nurik minn fuq l-*internet*, kemm verament ma kinux *good old days*.

*Nannu* Doreen, aħjar inħallu f'idejn il-qarrejja, jiddeċiedu huma konniex aħjar meta konna agħar. Forsi l-editur tal-"Ħajja f'Għawdex" jitħajjar jagħmel daqsxejn ta' stħarriġ; naraw eżatt il-qarrejja kif jaħsbuha. Imma, wara kollox, ma ninsewx x'jgħid il-Malti: Mitt bniedem, mitt fehma.

*Nep.* In-nanna kienet tgħidha mod ieħor : Mitt ħmar, mitt kappestru. Fuq dil-ħaġa naqblu, Nann.

**TMIEM**

## Ħsibijiet tal-Isqof Mario Grech dwar il-Familja

# FAMILJA KUN

### 1 IL-VALURI FUNDAMENTALI TAL-FAMILJA

Ġesù twieled fi ħdan familja – il-Familja Mqaddsa. It-tfajjel Ġesù kien milqugħ b'**għożża** u hemm sab **attenzjoni** u **kenn**

Dawn huma l-elementi neċessarji għal kull tifel u tifla f'din il-fażi tal-iżvilupp tagħhom.

Iżda meta nħarsu madwarna kemm nistgħu nserrħu rasna li t-tfal tagħna għandhom garanzija li ser isibu l-familja li toffrilhom din l-għożża, din l-attenzjoni, dan il-kenn?

Noqogħdu attenti biex ma nibqgħux nagħmlu **esperimenti bil-familja**...

Ma nistgħux nibqgħu nilagħbu bil-familja.

Nitkellmu ħafna dwar il-familja, imma f'pajjiżna hemm bżonn li almenu niftehmu dwar

- x'tip ta' familja aħna nixtiequ
- x'mudell ta' familja rridu nippromwovu.

*(Mtarfa, Malta, 13 / 12 / 2006)*



### 2 IL-KODIĊI TAL-FAMILJA

Pietru u Pawlu jkomplu jagħtuna maġisteru sħiħ dwar iż-żwieġ u l-familja:

Fl-Ittra lill-Kolossin u mbagħad fl-Ittra lill-Efesin, ħaġa li jtenniha Pietru fl-Ewwel Ittra tiegħu, Pawlu jagħtina dak li nistgħu nsejħulu l-**Kodiċi tal-Familja**.

X'jgħid Pawlu fl-Ittra tiegħu lill-Kolossin ?

- jappella lill-**miżżewġin** :
- lill-**mara** jgħidilha: "Obdi lil żewġek f'dak li jogħġob lill-Mulej."
- u lir-**raġel** jgħidlu: "Ħobb lil martek".

U hawnhekk Pawlu juża l-kelma "*agapae*" li tfisser dik l-imħabba li twassal biex wieħed jingħata, biex wieħed jixxejjen għal ħaddieħor.

Imbagħad f'dan il-Kodiċi Familjari, hemm ukoll dak li jirrigwarda **'l-ulied**.

U Pawlu jgħidilhom: "Irrispettaw lill-ġenituri tagħkom".

U lill-**missirijiet** jgħidilhom : "Tissikkawhomx lil uliedkom."

*(Nadur, Għawdex, 29 / 06 / 60 06)*

### 3 ID-DRITTIJIET FUNDAMENTALI TAL-BNIEDEM

***Ma nivvintawx id-drittijiet***

Meta nitkellmu dwar drittijiet, ma nivvintawx id-drittijiet, imma d-drittijiet huma miktuba fin-natura tagħna l-bnedmin.

Meta n-Nazzjonijiet Uniti taw lid-dinja din il-Karta tad-Drittijiet huma kienu biss qegħdin jagħrfu dak il-patrimonju tal-ġeneru uman, patrimonju li r-raġuni, meta mħaddma tajjeb, tgħinek biex faċli tiskoprih.

Għaliex qed ngħid "ma nivvintawx drittijiet"?

Għax faċli ssib, anki fostna, min f'malajr jagħmel affermazzjoni u jiddiskriviha bħala xi dritt ċivili tagħna, bħal meta, per eżempju, ġie li tkellmu dwar id-divorzju bħala dritt tal-bniedem.

Sa fejn naf jien, id-dritt li huwa definit fil-Karta tad-Drittijiet Umani

- huwa d-dritt għaż-żwieġ
  u mhux id-dritt għad-divorzju.

*(Xagħra, 8 / 08 / 2006)*

***Id-dritt għall-ħajja***

It-tfal għandhom dritt għall-ħajja...

Hawn xi ħadd li jista' jiġih id-dubju li t-tfal tagħna m'għandhomx dritt għall-ħajja?

Meta qed nitkellmu fuq it-tfal

- miniex nirreferi biss għal dawk li jitwieldu
- imma qed nitkellem anki minn dak li jitnissel u jkun għadu fi ħdan ommu jew ommha.

Iva, sa mill-bidu nett tat-tnissil, nemmnu li hemm persuna; għalkemm tkun għadha ma twelditx, għandha drittijiet daqs wieħed kbir.

Anzi, għax tkun għadha ma twelditx, u għaldaqstant hija dgħajfa u bla vuċi, aħna għandna d-dmir li niddefenduha.

*(Xagħra, 8 / 08 /2006)*

# DAK LI INT

***Ma nistgħux nisfruttaw lill-bniedem***

Smajna li kemm fl-istituzzjonijiet Ewropej kif ukoll f'pajjiżna, hemm min qiegħed jinnamra mal-idea li għandu jkun hemm liċenzja biex jintużaw dawk li jissejħu ċelluli steminali meħuda mill-embrijun uman biex jintużaw għal skopijiet ta' terapija u ta' mediċina.

L-iskop kieku huwa tajjeb, imma intom taħsbu li wasalna fi żmien fejn il-fini jiġġustifika l-mezzi?

Taħsbu li nistgħu
- nittraffikaw
- ninnegozjaw
- nimmanipolaw
- nisfruttaw il-persuna tal-bniedem biex infejqu adult?

Hekk inkunu qegħdin nagħmlu meta nfittxu li niksbu dawn iċ-ċelluli steminali mill-embrijun uman.

Hemm diversi prinċipji etiċi illi jgħidu li m'għandna qatt nirrikorru għal dawn iċ-ċelluli meħudin mill-embrijuni.

**L-embrijun hu persuna.**

*(Xagħra, 8 / 08 /2006)*

***L-Għedewwa tal-familja : iż-żina u l-adulterju***

Pawlu fl-Ittra tiegħu lill-Korintin jitkellem b'mod ċar dwar il-pjaga taż-żwieġ u tal-familja, tal-bieraħ, tal-lum u ta' għada...

- X'nifhmu bil-kelma "żina" ?

U Pawlu x'qiegħed jifhem b'din il-kelma "żina"?

Pawlu jirriferi għal każ partikolari meta wieħed imur mal-mara ta' missieru. U dan mhux xi każ iżolat, imma, imbagħad, hemm każi oħrajn li jidħlu b'din il-kategorija. **L-adulterju** li Pawlu jitkellem b'mod qawwi kontrih fl-Ittra tiegħu lir-Rumani...

- X'nifhmu b'żina?

Imġiba, diżordni sesswali...

- Pawlu x'jifhem aktar b'żina?

Jifhem dawk ir-relazzjonijiet bejn persuni, relazzjonijiet stabbli imma immorali, jiġifieri qed jifhem
- relazzjonijiet bejn tnejn mhumiex miżżewġin
- relazzjonijiet bejn raġel u raġel
- relazzjonijiet bejn mara u mara.

U dawn qed ngħidhom għax huma konċetti li hawn min qiegħed irewħilhom.

U dawn nerġa' ngħid
- mhux biss imorru kontra t-tagħlim ta' Kristu u t-tagħlim tal-Knisja
- imma jmorru kontra d-dinjità tal-persuna umana.

*(Nadur, 29 / 06 / 2006)*



## 4 FAMILJA, KUN DAK LI INT

Ninnota li fid-dibattitu li għaddej f'pajjiżna, ħafna jitkellmu minn "familji" fil-plural; spiss tisma' l-frażi "familji ġodda" bħallikieku l-"familja" ma teżistix aktar.

U veru nkunu neqirdu l-"familja", meta kull xorta ta' koabitazzjoni (*household* jew *living together*) tissejjaħ "familja".

Għal xi wħud, l-imħabba u l-għajnuna reċiproka huma biżżejjed biex din ir-realtà tissejjaħ "familja". TAYLOR jiddiskrivi dan bħala wieħed mill-"immaġinarji soċjali moderni".

Teżisti tendenza, anki fostna, li nħawdu l-"familja" ma' kull xorta ta' grupp soċjali primarju, fejn hemm biss "familjarità", kemm jekk dan il-grupp huwa ta' natura eterosesswali (raġel u mara), kemm jekk huwa monosesswali (tnejn ta' l-istess sess)...

Meta niġu biex niddefinixxu "familja" għadha valida d-definizzjoni li jagħti LEVI STRAUSS "**dik l-għaqda li ftit jew wisq hija durevoli, approvata soċjalment, ta' raġel wieħed, mara waħda u l-ulied, li hija universali, preżenti f'kull tip ta' soċjetà.**"

Huwa r-rikonoxximent pubbliku (approvata soċjalment) tal-eżistenza tar-reċiproċità fir-relazzjonijiet bejn is-sessi u tal-konsegwenzi tagħha fuq il-ġenerazzjonijiet, li tibdel dan il-grupp
- minn "familja-konvivenza"
- għal "familja –istituzzjoni soċjali"

*(Floriana, 15 / 06 / 2009)*

Esperjenza

# L-esperjenza tiegħi qrib L-ISQOF NIKOL G. CAUCHI meta kont segretarju tiegħu...



kitba ta' DUN TARCISIO CAMILLERI

### Bidu bħala Segretarju

Wara l-ordinazzjoni saċerdotali tiegħi fil-1970, kont mort Messina, ma' sħabi l-oħra ta' l-ordinazzjoni, għal kors fil-pastorali fl-Istitut *Ignatianum*. Meta rritornajt Għawdex, ftit ġranet wara, l-Isqof Nikol Cauchi sejjaħli u qalli biex noqgħod bħala segretarju tiegħu. Nistqarr li dak il-ħin fixilni ħafna għax ħassejtni m'inhiex kapaċi għal dak ix-xogħol u għidtlu: "Jien qatt ma kont segretarju, u ma naħsibx li jien tajjeb għalhekk". Huwa fil-pront weġibni: "Dun Tarċis, jien lanqas qatt ma kont Isqof qabel." Quddiem dan id-diskors ma stajtx ngħid le għax għidt nipprova ngħin lill-Isqof tiegħi mill-aħjar li nista', imbagħad nara kif immur.

Hekk bdiet l-esperjenza tal-bidu fil-ħajja saċerdotali tiegħi. Din l-esperjenza hekk qrib l-Isqof Cauchi damet għal 8 snin u nofs. Kienet esperjenza interessanti ħafna u llum nista' ngħid li kont ixxortjat, għalkemm kien hemm mumenti iebsin ħafna.

### Żminijiet diffiċli

Kien hemm żmien fejn il-parrokkjaliżmu kien qawwi ħafna, u ħafna drabi kien jeħodlu ħafna ħin ta' trattazzjoni, tensjoni kbira, u b'sagrifiċċju għall-ħajja pastorali.

Ma tantx kellu ma' min jiftaħ qalbu jew jikkonsulta ruħu ħlief għal xi saċerdot jew tnejn. U għalhekk żgur li kienu jiġu mumenti fuqu fejn kien tassew iħossu waħdu. Huwa kien bniedem li ma kienx juri dak li jħoss f'qalbu u għalhekk kien bniedem li bata ħafna interjorament.

F'mumenti bħal dawn mhux l-ewwel darba li rċieva ittri anonimi, però dawn ma kienx jaqrahom. Huwa kien jgħidli li meta jiftaħ ittra l-ewwel iħares biex jara fihiex isem u jekk tkun bla isem ma jaqra xejn minnha. Niftakar darba kien tani lezzjoni għax jien kont irċevejt ittra anonima fl-uffiċċju tiegħi fil-kurja u jien qrajtha u għidt aħjar ngħidlu biha. Kif urejthielu qalli: "Dun Tarċis terġax tagħmilli hekk. Tagħtinix ittri anonimi għax taf li jien ma naqrahomx." Din it-tagħlima żammejtha għax hekk ma toqgħodx tissuspetta f'ħadd.

### Mons. Cauchi u l-Konċilju

Mons Cauchi nħatar Isqof fl-aħħar tal-Konċilju Vatikan II. F'dak iż-żmien huwa kien għadu Amministratur Appostoliku, imma xorta daħal b'ruħu u ġismu għar-riforma mitluba mill-Konċilju. Waqqaf uffiċċji ġodda fil-Kurja u anke kunsilli u kummissjonijiet għall-ħidma pastorali. Kellu sens kbir ta' organizzazzjoni u dan urieh kemm fuq livell djoċesan u anke fuq livell parrokkjali. Fi ħdan il-parroċċi kien għad hemm is-sistema li l-poplu kien irid imur għand il-Kappillan jew l-Arċipriet meta jkollu bżonn xi ħaġa. Mons. Cauchi nsista biex fil-parroċċi twaqqfu l-uffiċċji parrokkjali separati mid-dar tal-Kappillan u anke li jkun hemm saċerdoti oħra tal-parroċċa li jagħmlu xogħol ta' l-uffiċċju ħalli dan ikun organizzat tajjeb kemm fil-qasam tal-amministrazzjoni u anke fil-qasam tal-pastorali. Fuq direttiva tiegħu, f'kull parroċċa twaqqfu l-Presbyteria Parrokkjali, il-Kunsill Parrokkjali u anke l-Kumitati tal-Katekeżi, Liturġija u Promozzjoni Umana (Caritas). Ried li kull parroċċa jkollha ċentru tad-dutrina organizzat tajjeb u ġie li huwa stess kien iżur dawn iċ-ċentri ħalli jara li tkun qed tingħata formazzjoni nisranija tajba lit-tfal. Kienet ukoll inizjattiva tiegħu li jinfetħu ċentri parrokkjali għaż-żgħażagħ biex ikollhom fejn jingabru ħalli jkollhom formazzjoni tajba u post ta' rikreazzjoni.

### Isqof Djoċesan

Wara l-mewt tal-Isqof Mons Ġużeppi Pace, Mons Cauchi kien għaddej minn mumenti xi ftit iebsin billi ma kienx ċert hux se jiġi konfermat bħala Isqof Djoċesan. Iżda meta fl-20 ta' Lulju 1972, ġie maħtur Isqof Djoċesan, huwa kompla juża l-enerġija tiegħu għall-ġid spiritwali u materjali ta' Għawdex. Huwa għamel l-ingress sollenni tiegħu f'Settembru ta' l-istess sena wara li kien mar għal tliet ijiem ta' irtir għand il-patrijiet Kapuċċini minn fejn imbagħad telaq għall-ingress sollenni. Kif kienet ix-xewqa tiegħu, jien akkompanjajtu mill-Kappuċċini sal-Katidral. Minkejja l-ftit tensjoni li kienet teżisti, l-ingress mar tajjeb ħafna u Mons Cauchi kellu laqgħa tassew kbira mill-poplu Għawdxi kollu.

### Isqof ħaddiem u jħaddem

Mill-esperjenza li kelli miegħu kont nammirah kif ma jieqaf qatt jippjana u jfassal programmi ta' ħidma pastorali u soċjali għall-ġid tal-poplu. Malli filgħodu kont nidħol fl-uffiċċju tiegħu fis-seminarju, kont ninnota li għandu diversi karti fuq l-iskrivanija tiegħu li tard bil-lejl ikun ipprepara bħala programm għal kull uffiċċju tal-Kurja. Hekk kien ikun żgur li l-magna organizzattiva tal-ħidma pastorali fil-Kurja tkun qed taħdem. S'intendi permezz ta' dawn l-uffiċċji kienu joħorġu programmi ta' ħidma pastorali li jridu jitwettqu fil-parroċċi u fid-djoċesi. Il-Kappillani fil-laqgħat tal-Kulleġġ kienu jingħataw diversi proposti biex jitwettqu fil-parroċċi.

### Difensur tal-ħaddiema

Wieħed kien jinnota kemm Mons Cauchi kien sensibbli wkoll għall-ħajja soċjali tal-poplu tagħna. Huwa tkellem u

kiteb dwar il-ħaddiema, il-postijiet tax-xogħol; dwar min iħaddem ecc. Mhux darba u tnejn rajna lil Mons. Cauchi jżur fabbriki u postijiet oħra tax-xogħol. Kien jaqbeż għall-ħaddiem meta kienet titfaċċa xi kriżi tax-xogħol tagħhom jew tal-kundizzjonijiet fil-postijiet tax-xogħol. Kien iħoss mal-ħaddiema u l-istudenti Għawdxin li kienu jaħdmu jew jistudjaw Malta sa wasal biex fetaħ *hostel* għalihom f'Malta, ħalli jnaqqsilhom l-ispejjeż. Mhux il-ħaddiema f'Għawdex biss kienu fl-attenzjoni tiegħu imma anke l-emigranti. Lil dawn mhux darba u tnejn kien iwasslilhom il-messaġġi tiegħu f'xi okkażjonijiet u anke mar iżurhom fl-artijiet fejn marru jaqilgħu l-għixien tagħhom. Jien kont akkompanjajtu fiż-żjara li kien għamel lill-ħaddiema fl-Ingilterra.

### *Attenzjoni għaż-żgħir*

Billi Mons Cauchi kien bniedem ta' kultura kbira, dejjem ħadem biex imexxi 'l quddiem it-tagħlim liż-żgħar u anke lill-kbar. Ħa ħsieb iġib il-quddiem l-iskejjel tal-Knisja u anke li jitwaqqfu fil-parroċċi librerija ħalli joktor it-tagħlim.

Kien qrib ħafna lejn tfal fl-Istituti u djar tal-Knisja u ħadem biex ikollhom ambjent dejjem aħjar.

Kien hu li offra lokali tal-Knisja għall-persuni b'diżabbiltà, għat-tfajliet li kien se jkollhom tarbija, u oħrajn. Offra wkoll artijiet tal-Knisja biex jinbnew Oqsma tal-Museum, Ċentri Parrokkjali u lokalitajiet oħra ta' formazzjoni.

### *Offra linji ċari*

Bħala għalliem kbir kien dejjem jagħti linji ċari fil-prietki u d-diskorsi tiegħu, kif wieħed għandu jġib ruħu ħalli jgħix b'dinjità u jkun jaf fejn hu sejjer. Iżda Mons Cauchi dan għamlu mhux biss bid-diskorsi u t-tagħlim, imma wkoll billi fi żmienu kien ta linji gwida għal kull kategorija, mis-saċerdoti sa l-inqas wieħed. Ħa ħsieb li jsiru direttivi, regolamenti u statuti għall-gruppi, kumitati, kummissjonijiet, ecc. B'hekk kull grupp ikun jaf x'inhu l-kompitu tiegħu u sa fejn għandu jasal. Minnbarra dan, huwa kien laqqa' is-Sinodu Djoċesan biex iġedded il-liġi partikulari tad-djoċesi fid-dawl tal-Konċilju Vatikan II.

### *Tbatija*

Mons Cauchi, kien bniedem paċifiku ħafna u forsi iktar ma kien iħobb il-paċi, iktar kien bniedem li bata minħabba n-nuqqas ta' qbil bejn il-parroċċi, komunitajiet, jew individwi. Huwa kien ibati wkoll meta ma kienx jiġi mifhum tajjeb jew meta ma kienx jara progress daqskemm jixtieq. Hawnhekk wieħed kien jara fih kemm kien bniedem marbut ma' Kristu. Minkejja li jkun għaddej minn sofferenzi kbar, huwa kien iżomm is-skiet u jbati f'qalbu bla ma jgħid xejn.

### *Is-sehem tal-Lajċi*

Kien fi żmien Mons Cauchi li l-lajċi bdew jiġu involuti fil-ħidma pastorali fil-parroċċi. Huma kienu bdew jifformaw parti minn diversi kunsilli u kumitati; jagħmlu appostolat fejjiedi koordinat mill-parroċċa; jieħdu sehem attiv fil-liturġija; jagħmlu xogħol fil-kurja; u anke kienu jiġu konsultati f'ċerti deċiżjonijiet, bħalma kien isir meta tkun se ssir xi ħatra ta' kappillan. Kien fi żmienu wkoll li bdew jingħataw ministeri lil-lajċi bħalma huma l-Ministri Straordinarji tal-Ewkaristija.

### *Is-Saċerdoti*

Huwa kellu mħabba kbira lejn is-saċerdoti tiegħu. Ħadem ħafna biex is-saċerdoti jekk jista' jkun ikollhom rimunerazzjoni xierqa. Kien jgħin hu personalment billi parti mill-ħlas li kien imiss lilu, kien jitfgħu fil-Fondo Clero Djoċesan biex minn dan il-fond kienu jistgħu jitħallsu s-saċerdoti għall-impenji li jkollhom. Ħa ħsieb li jkun hemm Dar (għalkemm żgħira) għas-saċerdoti anzjani li ma jkollhomx min idur bihom. Iżda kien jaħseb ukoll għall-ħtiġijiet spiritwali tas-saċerdoti. Huwa kien jagħmel laqgħa ta' formazzjoni u informazzjoni kull l-ewwel sibt tax-xahar; u anke siegħa adorazzjoni għas-saċerdoti fit-tieni ħamis tax-xahar. Barra minn hekk, huwa kien iżomm ruħu qrib is-saċerdoti billi kien jibgħatilhom ittra kull xahar li kienet imsejħa 'Ad Clerum' u kien jibgħat ittra oħra darba fix-xahar lill-Kappillani msejħa 'Ad Parochos'. Kien ukoll jinsisti biex il-Kappillani almenu darba fix-xahar ikollhom kollokwiju personali miegħu fil-Kurja. Għas-saċerdoti msefrin kien ħatar delegat apposta u anke kien iżomm qribhom permezz ta' fuljett li kien beda joħroġ bl-isem 'Vox Fratrum' li fih kien ikun hemm informazzjoni ta' dak li jsir fid-djoċesi, messaġġ minn Mons Isqof u anke esperjenzi ta' saċerdoti minn diversi pajjiżi. Kien fi żmienu li kompla kiber ħafna l-ispirtu missjunarju fost il-kleru u anke fost il-lajċi.

### *Spiritwalità*

Lil Mons. Cauchi nafu bħala bniedem ta' spiritwalità kbira. Kien midħla ħafna tat-tagħlim tal-Missirijiet tal-Knisja u ħajjiet tal-qaddisin. Ma kienx iħalli l-mumenti tat-talb personali tiegħu u kellu devozzjoni speċjali lejn il-Madonna. Fejn tidħol il-liġi ta' Alla, il-lealtà lejn il-Knisja u n-normi tal-liturġija kien bniedem skrupluż. Nista' ngħid li l-umiltà kbira tiegħu kienet frott l-għaqda tiegħu ma' Alla u mqanqal mill-eżempju tal-qaddisin. Huwa kiteb dwar temi ta' spiritwalità u anke ppubblika libretti ta' devozzjonijiet lejn l-Ewkaristija, fost tant kotba u fuljetti oħra.

### *X'ħadt mingħandu*

Fl-aħħar sentejn fis-Seminarju gawdejt mir-riforma kbira li ġab malli ġie nominat Amministratur Appostoliku. Mingħandu ħadt l-ordinazzjoni saċerdotali. Stajt inkun qribu bħala segretarju għal tmien snin. Kull filgħodu kien jaqsam miegħi dak li jkun qara tard filgħaxija. Tgħallimt nirrifletti qabel ma nieħu deċiżjoni. Urieni l-valur tas-skiet meta xi ħadd iweġġgħek b'xi kelma jew azzjoni. Ħadt mingħandu l-ewwel esperjenza ta' responsabbiltà pastorali fiż-żona tar-Ragħaj it-Tajjeb (taċ-Ċawla) fejn kien ta' għajnuna kbira għalija fil-bini taċ-Ċentru Pastorali, u wara t-tmexxija tal-parroċċa ta' Santa Margerita f'Ta' Sannat. Tgħallimt minnu nkun ħaddiem bieżel fil-għalqa tal-Mulej mingħajr ma nitlef l-ebda mument u mingħajr qatt ma nippretendi xejn.

Illum forsi iktar minn qabel napprezza u nirringrazzja lil Alla li kont qrib din l-għajn ta' għerf, ta' prudenza, u ta' spiritwalità kbira.

M'għandix dubju li kif għalaq għajnejh għal din il-ħajja dritt sema' dik is-sejħa: "Ejja qaddej fidil u għaqli u idħol fil-ferħ ta' Sidek".

**FOLKLOR GĦAWDXI**

***Anton F. Attard jirrakkonta u jfisser...***

*drawwiet missirijietna*



© Anton F. Attard

# IS-SNAJJA' QODMA F'GĦAWDEX

*(Is-Sebgħa u Tletin Parti )*

## *IX-XOGĦOL TAL-LUMINATI F'GĦAWDEX (5)*

***RIFERENZI***

**1. Lista ta' Apparat li Michele Vella biegħ lil Pawlu Pisani (Annessa mal-kuntratt ta' bejgħ).**

| Debtor | | Paolo Pisani | | |
|---|---|---|---|---|
| Machines & Fittings | N.1 Criterion complete | £63 | 10 | - |
| | Packing | 3 | - | - |
| | Freights | 3 | - | - |
| | Sawford Syphon Machine | 6 | 15 | - |
| | Freights & Packing | 1 | - | - |
| | Turnover Filling Machine | 12 | - | - |
| | I.L. Tyor Oil Engine | 54 | - | - |
| | WaterVessel | 3 | - | - |
| | Freights & Packing | 5 | - | - |
| | Petty Expenses as per Invoice Bill | 2 | 1 | 4 |
| Supplies | 20 ft Belting 2/- | 2 | - | - |
| | 6 Kilg. Essgenceh of Pommes | 2 | 16 | 2 |
| | 1 Base Tartaric Acid | 5 | 18 | 4 |
| | 4 Kilg. Essgenceh of Lemonade | 3 | 2 | 4 |
| | 4 " " Ginger | 3 | 2 | 6 |
| | 2 " " Ether | 1 | 5 | 8 |
| | Duty | - | 5 | - |
| | 3 Kilg. Sem. Oil | 1 | 1 | - |
| | 6 Barrels Sulph. Acid. | 3 | - | - |
| | Brushes | 2 | 16 | - |
| | 10 Bottles of Essence 8s/- | 4 | - | - |
| | 38 - gros. Rubber rings | 2 | 14 | - |
| | 7 Bags of Sugar 25s/- | 8 | 15 | - |
| | 22 Foaming Bottles | 6 | 12 | - |
| | 15 Cases of Ginger | 4 | 15 | - |
| | 3 Barrels of Ale | 4 | 19 | - |
| | Labels | 6 | - | - |
| | 7 Barrels of Bicarbonate of Soda | 6 | 10 | - |
| P. Pisani | 1 Bottle of Essence of Lemon | - | 15 | - |
| L. Cutajar | 96 Bottles - pomp | 11 | 2 | - |
| P. Galea | 365 cases -193@ 2s/2 & 112 @ 1s10 each | 36 | 13 | 6 |
| P.L Giuseppe Camilleri | 7 gross & 41 bottles @ 21/4 p.g. & 80 bottles @ 22/- p. g. | 15 | 1 | - |
| Notaro Pubblico Maltese. | | | | |
| | | 287 | 2 | 5 |

**2. Il-kuntratt ta' bejgħ li sar bejn Michele Vella u Pawlu Pisani**

144 — Il di ventitre aprile dell'anno mille nove cento e quattro - 1904.

Vendita di mobili
Michele Vella
Paolo Pisani.

Innanzi a me Notaro sottoscritto e alla presenza dei testimonj appie firmati aventi i requisiti voluti dalla legge sono personalmente comparsi:

Michele Vella, muratore, figlio di Giuseppe, nato a Casale Zebbug e residente in Citta' Vittoria - da una parte.

E Paolo Pisani, in commercio, figlio del fu Giuseppe, nato in Casale Sceuchia e residente in detta Citta' Vittoria - dall'altra parte.

Da me Notaro consosciuti.

I quali dichiarano che, or sono nove mesi, esso Vella vendette al detto Pisani una macchina della fabbricazione di ginger e limonata con tutti gli strumenti a tal uopo necessari non che una quantita' di bottiglie, sifoni, casse, essenze ed altri richiesti per lo smercio e la fabbricazione di limonata e ginger per il prezzo di lire sterline due cento ottanta sette, scellini due e pence cinque, somma eguale a quella da esso Vella sborsata nello acquisto delle dette sostanze.

Or volendo le dette parti ridurre in atti pubblici la vendita suddetta hanno creduto di devenire al presente contratto.

In virtu' del quale esso muratore Michele Vella ha venduto e vende al detto Paolo Pisani una macchina per la fabbricazione di ginger e limonata con tutti gli strumenti occorrenti in una alle bottiglie, casse, sifoni ed altri necessari per la fabbricazione, lo smercio di ginger e limonata il tutto dettagliatamente indicato nell'annessa nota la quale verra' registrata in seguito a questo atto.

Tutte le quali cose trovate in potere di esso Pisani insin dal giorno in cui fu convenuta tra le parti verbalmente la vendita predetta.

E cio' per il prezzo di lire sterline due cento ottanta sette scellini due e pence cinque, cioe' per la stessa somma da esso Vella sborsata nell'aquisto delle cose suddette.

Il quale prezzo di £287-2-5 esso Vella dichiara di averlo gia ricevuto dal suddetto Pisani e quindi gliene rilascia quittanza.

Inoltre il medesimo Vella cede a favor di detto Pisani la sua ditta per la fabbricazione e smercio di ginger e limonata portante il suo nome e cognome perche' se ne possa valere finche' rimanga a esercitare il commercio predetto con poter occorrendo lo stesso Pisani trasferirla ad altri.

In ultimo le parti comparenti dichiarano di non aver tra loro altre pendenze e di non aver alcuna pretensione l'una contro l'altra.

I detti Vella e Pisani sono stati cerziorati da me Notaro sottoscritto dalla importanza di ciascuna parte del presente atto.

Fatto e pubblicato in questa Isola del Gozo e nella casa di detto Paolo Pisani situata in Citta' Vittoria, Piazza Reale ai numeri cinque, sei e sette in presenza del Signor Procuratore Luigi Cutajar figlio del defunto Michel'Angelo e del trafficante Paolo Galea figlio di Giuseppe, residenti in detta Citta' Vittoria testimonj. Il detto Michele Vella dichiara di non saper scrivere.
Paolo Pisani.
L. Cutajar, Testimonio.
Paolo Galea Testimonio.
P.L. Giuseppe Camilleri Notaro Pubblico Maltese.

**3. Mill-Okkorrenzi tal-Pulizija 1928.**

7-9-28 at 5 p.m. Giuseppe Buttigieg of Carmelo of Victoria c/o the Firm Carmelo Buttigieg of Hamrun., 25, PS 2 A. Gauci, PC 336 G. Buttigieg.

Reported to the Police that Francesco Schembri 36 of Giuseppe Ta' Deredin of Victoria was in possession of several mineral water bottles bearing the trade mark of the Firm Buttigieg. By order of Supt. G. Galea a search was "made" in the store of Giuseppe Schembri at Sda Marina, Migiarro by PS 2 S Galea and PC 336 G. Buttigieg wherefrom they have seized 25 bottles containing mineral water bearing the trade mark of the Firm Buttigieg. The bottles are with the Police at Migiarro until further instructions.

NAG, PD, 01/192, p. 104.

7-9-28 Francesco Schembri of Giuseppe Ta' Deredin of Victoria, 36, PS. 2 S. Galea PC 336 G. Buttigieg.

Reported that Giusppe Buttigieg, 25, of Carmelo of Victoria was in possession of mineral water bottles with the trade mark of the said Schembri. By order of Supt. G. Galea a search was effected by PS 2 S. Galea and PC 336 G. Buttigieg in the works of the said Buttigieg wherefrom 38 bottles containing beer bearing also trade mark Fco Schembri were seized by the Police and kept until further instructions.

NAG, PD, 01/192 p. 195.

9-10-28 at 5 p.m. Francesco Schembri, 36, of Carmelo (sic) ta' Deredin of Vittoria c/o Pace and Brothers. PC 468 G. Camilleri.

Reported that Carmelo Buttigieg of Vittoria appropriated himself from the mineral water empty baskets belonging to Pace and Brothers by painting on them his mark (empire) and also he (Buttigieg) is making use of them.

By order of the a/Insp. E Calleja PS 2 S. Galea as PC 92 S. Cassar seized three baskets which were under the veranda at Migiarro which were ready for exportation to Malta. These baskets are kept at Migiarro Station until further instructions. Three other baskets which were exported from Malta on Moror boat No. 10 were also seized and taken over to Vittoria Station by PC 456 P Mercieca.

NAG, PD, O1/93, p. 2.

9-20-28 at 8 p.m. Francesco Schembri of Giuseppe ta' Deredin of Vittoria, 36, PS 35 A.Scicluna.

Reported that Carmelo Buttigieg of Vittoria is in possession of baskets belonging to Messers Pace & Brother. By order of a/Insp.E. Calleja, PS. 35 A Scicluna seized from the store at 3 & 4 Str. Capuccini Vittoria, two baskets which were in the possession of said Buttigieg and marked Empire. These baskets are kept at Vittoria Police Station until further orders.

NAG, PD, O1/93, p. 4.


4. ***An Act of Codd.* Codd bottles in America? 2002 Digger Oddell Publications.**
5. **Guido Lanfranco, "Old Malta Bottles with a Maltese Story", *The Sunday Times*, September, 5, 1999, p. 38-39.**
6. **Arkivju Nazzjonali Għawdex. Okkorrenzi tal-Pulizija, 1928.**
7. **Victor Vella Muscat, kopja tal-kuntratt ta' Michele Vella.**
8. **George Vella, Victoria, għar-ritratti u tagħrif ieħor.**
9. **Ċensu Debrincat li tani tagħrif dwar il-luminata *The Sun* ta' George Debrincat.**
10. **Alfred Camilleri li tani tagħrif dwar il-Luminata *Lighthouse*.**
11. **Toni Calleja, għal kull tagħrif li tani..**
12. **L-Avukat Dr Victor Bajada u neputih Anton Xuereb tat-tagħrif tassew dettaljat li tawni l-iktar dwar il-Luminata *Sportsman* ta' Victor Bajada.**
13. **Anton Said tat-Taljan għat-tagħrif li tani dwar il-luminata *Three Hills* ta' Schembri and Said.**
14. **Joe Mercieca għat-tagħrif dwar il-luminata ta' Salvatore Vella.**

*Meditazzjoni Biblika*

# *Lil hinn min-Nawfraġju*



*kitba ta'* **ĠUŻI DEBONO**

**Fil-Vanġelu ta' San Luqa nsibu xebh mill-isbaħ, stejjer, bħal dik tal-Iben il-Ħali, li jibqgħu stampati f'moħħok u li ma jitilfu xejn mill-profondità tagħhom anke wara tant żmien. Mhux ta' b'xejn issib lil xi wħud li jgħidu li San Luqa kien pittur.**

Bħala Malti dejjem laqatni l-fatt li San Luqa jagħlaq il-Kotba tiegħu b'nawfraġju li huwa jinseġ tul żewġ kapitli. F'dawn il-kapitli l-Evanġelista qed ipitter kwadru kbir li jien inħobb insejjaħlu l-apokalissi ta' San Luqa.

### *Egħluq mimli tama*

Ħafna jorbtu ma' l-Apokalissi biża' kbir għax it-tmiem ikun wasal. Però għat-teologu San Luqa kif ukoll għall-kotba apokalitiċi l-oħrajn (L-Apokalissi ta' San Ġwann u l-Ktieb ta' Danjel) dan it-tmiem jiftaħ bieb ta' tama ġdida. Hekk Kapitlu 27 tal-Atti tal-Appostli jibda bid-deċiżjoni li l-ġifen bil-priġunieri, fosthom Pawlu, jitlaq lejn l-Italja. F'sorsi ta' dak iż-żmien insibu kemm-il darba li l-ġifen huwa tixbiha tal-Imperu Ruman. Bħal dan l-Imperu l-ġifen kellu r-riħ kontrih u ma setax jagħmel il-progress mixtieq.

Niftakru li San Luqa jibda l-Atti tal-Appostli bir-Riħ Imqaddes tal-Għid il-Ħamsin. Dan ir-riħ issa qiegħed jonfoħ bil-qawwi u saħansitra l-Imperu Ruman simbolizzat fil-ġifen qiegħed iħoss din il-qawwa mingħajr ma' jsib ebda kenn. L-Imperatur mhuwiex is-Sid qawwi li



jrażżan il-qilla tal-baħar. Huwa Alla tagħna biss li għandu din is-setgħa u hawn nilmħu wkoll lil Ġesù li jrażżan il-qilla tal-mewġ (Lq 8,23-25) minkejja l-biża' kbir li ħakem lill-appostli fuq id-dgħajsa.

### *Priġunier ħabbar tal-ħelsien*

Fuq il-ġifen Pawlu huwa priġunier. Iżda bħala qaddej t'Alla huwa strument tal-ħelsien għal dawk kollha li jinsabu abbord alavolja l-ġifen stess kellu jintilef. Filwaqt li San Luqa qed jikteb dan il-Ktieb, Pawlu kien diġà mejjet. Però ħafna nsara kienu jinsabu l-ħabs, xi wħud minnhom jistennew sentenza tal-mewt. Għalhekk dan il-messaġġ ta' Pawlu, l-priġunier li jħabbar u jġib il-ħelsien permezz tal-qawwa t'Alla, huwa wieħed ta' konsolazzjoni kbira għal dawn l-insara. Saħansitra ż-żmien bla sens ġewwa ħabs għandu skop quddiem Alla.

### *La xemx u lanqas kwiekeb*

Fl-Atti nsibu li għal bosta jiem u ljieli wara xulxin dawk ta' fuq il-ġifen la kienu jaraw xemx binhar u lanqas kwiekeb billejl. Kienet sitwazzjoni mwiegħra ta' taqtigħ il-qalb kbir u ħadd minnhom ma kien fadallu aptit jiekol loqma ħobż. Imma Pawlu jagħmlilhom kuraġġ. F'laqgħa li kellu m'anġlu, Pawlu jsir jaf li kollha kemm huma ser jiġu meħlusa. L-anġlu hawn, bħal ħafna drabi oħra, qed jagħmilha ta' medjatur bejn Alla u l-bniedem. Qed iħabbar ħelsien lil hinn mill-maltemp, mill-mewġ għoli u mill-irwiefen qerrieda.

Din it-trasformazzjoni seħħet matul il-lejl. Niftakru hawn fl-anġlu jħabbar it-Twelid ta' Ġesù lir-rgħajja fil-lejl tal-Milied. U kien f'nofs il-lejl li l-baħrin indunaw li kienu qed joqorbu lejn l-art. Il-lejl jista' jkun kiefer, l-aktar mal-marid, però għalina l-insara l-lejl huwa l-bidu għal jum ġdid. Iżda dan il-ħelsien u bidu ġdid jibqa' mxekkel u fil-periklu li jintilef.

Il-baħrin ta' dak iż-żmien kienu esperti kif iwasslu ġifen sax-xtajta biex jinkalja b'mod tali, li anke jekk dan iġarrab xi ħsarat, jifdal ħin biżżejjed biex dawk ta' fuqu jsalvaw lejn ix-xtajta. F'daqqa waħda Pawlu jinduna però li dawn il-baħrin riedu jaħarbu u jsalvaw ġildhom biss. Pawlu qed jgħidilna li bil-fissazzjoni li nsalvaw aħna biss, qed inġibu l-ħelsien ta' kulħadd fil-periklu.

### *L-ikla tal-ħajja*

Fuq l-istess ġifen li għadu jikkumbatti mal-mewġ, Pawlu għandu kontroll sħiħ tas-sitwazzjoni. Hekk jinkoraġġihom biex jieklu xi ħaġa għax din hija tajba għas-salvazzjoni (Lq 27,33). Niftakru li din hija aċċenn għall-Ikla Ewkaristika li tqawwina nirbħu l-mewġ tal-ħajja. Kulħadd huwa mistieden jieħu minn dan il-ħobż imbierek minn Pawlu. It-tama tagħna hija f'dan il-ħobż li naqsmu flimkien, filli nagħtu wens lil xulxin fl-iktar mumenti mwiegħra ta' ħajjitna.

Wara li kielu, tefgħu l-baħar dak li kien għadu jtaqqalhom. San Luqa qed jgħidilna li parti mill-ħelsien tfisser għalina li nikkonċentraw fuq dak li huwa l-aktar għażiż mingħajr ma ninħlew fuq dak li huwa ta' importanza sekondarja. L-Ikla Ewkaristika tagħtina l-veru ħajja u ssaħħaħna kontra dak kollu li jġib il-mewt.

Din il-mewt fil-maltempata tidher mirbuħa, però hemm elementi oħra li jġibu l-mewt. Is-suldati donnhom jafu metodu wieħed biss ta' kif jieħdu r-riedni f'idejhom. Hekk dawn iridu joqtlu l-priġunieri kollha alavolja huma stess kienu għadhom kif għaddew mill-istess esperjenza kiefra. Hawn tidħol ir-responsabbiltà ta' min jikkmanda. San Luqa jagħtina stampa pożittiva ta' diversi ċenturjuni u ma nkunux qed ngħidu żżejjed li fiċ-ċenturjuni San Luqa qed jara dawk kollha li qed jiggvernaw. Ir-responsabbiltà ta' dawn hija waħda favur u mhux li joħonqu l-ħajja. Hekk ukoll hawn, huwa ċ-ċenturjun li jżomm idejh fuq dawk kollha li ħelsu mill-għarqa u ma jħallix lis-suldati jġibu ħerba bix-xabla tagħhom.

### *It-tjubija tal-komunità*

Il-ġifen intilef però dawk ta' fuqu salvaw kollha kemm huma. In-nies tal-gżira wrewhom ospitalità kbira. F'każi simili l-abitanti li jaraw ġifen jegħreq kienu jiġru lejn il-bajja jaraw li jaħtfu li jistgħu u japprofittaw ruħhom minn fuq dahar id-dgħajjef li qed jegħreq. Mhux hekk in-nies ta' Malta ta' dak iż-żmien. San Luqa jgħidilna li għalkemm mhux insara u mhux ta' kultura Griega, din il-komunità ċkejkna Maltija qed isservi ta' xempju ta' kif għandha tkun komunità nisranija.

Fit-tjubija tagħhom dawn in-nies qabbdu n-nar biex dawk li kienu mtertra bil-bard isibu ftit sħana. Hawn taqbeż lifgħa minn ġon-nar u tigdem idejn Pawlu mingħajr




ma tagħmillu ħsara. F'din il-ġrajja kurjuża, Luqa qed jaċċenna għal siltiet mill-profeta Isaija fejn it-tarbija li ddaħħal idha fil-ħofra tal-lifgħa ma jiġrilha xejn (Iż. 11,8-9) għax fil-ħajja l-ġdida ħadd ma jagħmel ħsara lil ħadd. F'din ix-xena Luqa qed jara t-twettiq tal-wegħdiet Bibliċi ta' ħajja ġdida mimlija mħabba u solidarjetà ma' min huwa bagħtut. Dan il-ħsieb jiġi msaħħaħ bil-fejqan ta' missier Pubbliju u bil-fejqan tal-morda li kienu jgħixu fuq il-gżira.

Kultant aħna l-Maltin naraw fil-kapitli 27 – 28 tal-Atti tal-Appostli dak li ġab San Pawl għalina l-Maltin biss. Imma dawn il-kapitli jridu juruna ferm iżjed. Fil-maltemp ta' din il-ħajja, f'taqtigħ il-qalb kbir, f'sitwazzjonijiet bla dawl fejn il-ħajja tidher mitlufa jew maħnuqa, Alla huwa magħna u jqawwina bil-kliem li lanqas xagħra waħda minn rasna ma tintilef. Il-preżenza t'Alla fostna ġġib ħelsien, qawwa ġdida u fejqan. Din il-ħajja tidher fit-tjubija li wrew l-Maltin ma' dawk li kienu batuti u fis-sinjali ta' fejqan li wettaq Pawlu bil-qawwa t'Alla matul iż-żjara tiegħu hawn fostna. Il-bnedmin kollha huma msejħa jieħdu sehem minn din il-ħajja.

P
Peter's Butcher Shop
*For top quality fresh meat, a wide selection of fresh sausages and quality homemade meat products such as meat balls, bragioli, kebabs, burgers, stuffed pork and more...*
St. Joseph Square, Qala Gozo
Mob: **7905 5051** · Tel: **2785 5051**

MARIO
DISPENSING OPTICIANS
57, MAIN GATE STREET, VICTORIA, GOZO.
Prop.. Mario P. Grech F.A.D.O. (Lond.).
Appointments for
EYE TESTING / EXAMINATION
by the Latest Computer Technology
and Eye Specialists
Telephone: 55 65 28 / 56 33 31

*Anniversarju*

# Għalaqna Għaxar Snin

*"anniversarju importanti għax jimmarka t-twettiq ta' ħolma li ġarrejtha miegħi għal bosta snin."*



*kitba ta'* MONS. MANWEL CURMI

Kull sena ġġib anniversarju li jfakkar it-twelid ta' Sidna Ġesù u l-bidu tal-missjoni tal-fidwa tal-bniedem. Għalhekk Diċembru jasal biż-żiffa tal-ferħ u s-sliem għall-bnedmin ta' rieda tajba.

**Lilna, Diċembru jwasslilna wkoll anniversarju ta' twelid ieħor, dak ta' Dar l-Arka. U din is-sena b'*birthday* speċjali. Għalaqna għaxar snin minn meta ftaħna l-bibien biex nilqgħu bi mħabba lil ħutna persuni b'diżabbiltà. Għalija huwa anniversarju importanti għax jimmarka t-twettiq ta' ħolma li ġarrejtha miegħi għal bosta snin. Ħafna ġenituri kienu juruni l-beżgħat u l-preokkupazzjonijiet ladarba jinqala' xi saram li jżommhom milli jindukrawhom. Agħar minn hekk, kien it-tħassib qalil ta' x'jiġri minn dawn uliedhom meta jiġu nieqsa huma.**

U twieldet il-ħolma li nara jinbena ċentru ta' kenn u mistrieħ b'akkomodazzjoni u kura f'atmosfera ta' mħabba għal persuni b'diżabbiltà flimkien ma' għajnuna f'waqtha lill-familjari tagħhom. Bil-għajnuna ta' bosta benefatturi u volontarji, għaxar snin ilu bdejna noffru dawn is-servizzi ta' kenn u kura minn din id-dar tal-Knisja.



Kif jixhdu l-figuri, kbir kien l-għadd ta' dawk li għamlu użu miċ-ċentru tagħna ta' *respite*. Hemm klijenti li jiġu għal qagħda temporanja - jiem, ġimgħat, xhur. Għal oħrajn, Dar l-Arka saret l-abitazzjoni permanenti.



Nagħmlu ħilitna biex lil ħutna nagħtuhom servizz bi mħabba u bi tbissima. Il-*policy* tagħna hija li Dar l-Arka tkun dejjem "Dar 'il-bogħod mid-dar". Iżda dejjem dar b'atmosfera ta' familja. Barra s-saqaf fuq rashom, il-kura u l-manteniment, lill-għeżież ħutna nipprovaw ngħinuhom joħorġu l-ħiliet u jtejbu l-kundizzjonijiet tagħhom kemm hu possibbli. Għalhekk is-servizzi ta' *pool* terapewtika msaħħna, ta' *gym*, ta' *light & sound multi-sensory studio* fost l-oħrajn.

**Baqa' ħafna x'naqdfu. Irridu niżguraw li dak li bdejna jibqa' jeżisti, jitjieb u jissaħħaħ. Dar l-Arka tilqa' lil kulħadd, irrispettivament mill-kundizzjoni soċjali u mit-twemmin.**

Aktar nies minn Malta u barranin milli Għawdxin jagħmlu użu mis-servizzi li noffru. Irridu man-nofs miljun ewro fis-sena biex immexxu dan iċ-Ċentru. Il-biċċa l-kbira tal-infieq tmur f'pagi għall-impjegati - 15 *full time* u 24 *part-timers*. Il-volontarji jagħtu servizz ieħor siewi.

Inħares lura b'sodisfazzjon, b'ħajr lil Alla u lill-qlub ġenerużi li għenuna u għadhom jagħtuna s-sapport tagħhom. Kull meta toffru spalla lil min jeħtieġ jistrieħ fuqkom, tkunu toffru qalbkom. Għinuna b'kull mezz li tistgħu ta' ġid, wieħed isbaħ u aħjar mill-ieħor. Din hi x-xewqa u l-awguri tiegħi.

***Statistika dwar il-Fondazzjoni Arka***

Figuri li jitkellmu weħidhom. F'dawn l-10 snin Dar l-Arka rreġistrat:




- 11,998 *bed nights* minn membru b'diżabbiltà msieħba mal-Fondazzjoni Arka;
- 7,474 *bed nights* minn familjari u viżitaturi;
- 559 *day programmes* għal persuni b'diżabbiltà;
- 1,432 *day programmes* għal persuni oħra li kienu jeħtiġuh.

Barra minn hekk gruppi ta' persuni b'diżabbiltà minn pajjiżi Ewropej flimkien mal-*carers* tagħhom, kienu akkomodati f'Dar l-Arka waqt btajjel f'Għawdex. Fost dawn nistgħu nsemmu l-grupp *Hoysvolen* mid-Danimarka li ġie fiċ-Ċentru tar-*Respite* tal-Fondazzjoni Arka għas-sitt sena konsekuttiva waqt il-vaganzi tagħhom. Grupp ieħor ta' 21 parteċipant minn 18-il pajjiż attendew għal seminar internazzjonali tal-EU li sar f'Dar l-Arka. Il-binja tal-Fondazzjoni Arka f'Għajnsielem ipprovdiet ukoll akkomodazzjoni, servizzi u programmi lil gruppi oħra lokali li kienu ġejjin minn għaqdiet ta' persuni b'diżabbiltà u minn Djar tal-Anzjani u *Day Centres* tal-Anzjani ta' xi Kunsilli Lokali.



***Xi servizzi li toffri l-Fondazzjoni Arka***

Akkomodazzjoni għall-familja kollha ta' persuna b'diżabbiltà - servizz uniku fil-gżejjer Maltin. Lezzjonijiet tal-*wheelchair dancing* minn għalliema professjonali kull nhar ta' Tnejn filgħaxija. *Playing Field* b'apparat addattat għal persuni b'diżabbiltà. Residenza temporanja għal klijent b'diżabbiltà waqt emerġenza fil-familja jew waqt safar tal-qraba li ssoltu jieħdu ħsiebu. Kenn u kura temporanja għall-anzjani waqt konvalexxenza. Servizz ta' fiżjoterapija, ta' eżerċizzi fil-*gym* u ta' idroterapija fil-*pool/jacuzzi* b'superviżjoni mill-*carers*. *Multi-Sensory studio* bħala stimolu u esperjenza għal persuni b'diżabbiltà. Servizzi fil-komunità bil-għajnuna tal-Aġenzija Sapport. *Day/Night programmes* għal min ikun irid jafda membru tal-familja b'diżabbiltà għal ftit siegħat fir-*Respite Centre* waqt li hu jew hi tkun xogħol jew ikollha xi qadi ieħor.

Kiri tas-sala moderna, mdawla u attrezzata, b'entratura separata mat-triq, inkluż il-*catering* għall-konferenzi, *seminars*, laqgħat u attivitajiet soċjali. (Hemm ukoll disponibbli l-ġnien imdaqqas privat u bitħa kbira ħdejn is-sala).

**Dar l-Arka toffri servizz ta' 24 siegħa kuljum, b'possibbiltà ta' servizzi ta' żewġ tobba, *nurse*, żewġ fiżjoterapisti u *occupational therapist* li jissejħu skont il-ħtieġa. Dar l-Arka toffri wkoll servizz ta' turiżmu għall-persuni b'diżabbiltà bħal żjajjar minn gruppi ta' persuni b'diżabbiltà Maltin u barranin, flimkien mal-*carers* tagħhom li jixtiequ jqattgħu btala f'Għawdex f'binja attrezzata għall-ħtiġijiet partikulari tagħhom.**

*Profili*

# Ninu Cremona, il-poeta
## (Tifkira f'għeluq il-Ħamsa u Għoxrin sena minn mewtu)



*kitba ta'* CARM C. CACHIA

**L-isem ta' Ninu Cremona hu sinonimu mal-ilsien Malti. Infatti, kull min jistudja l-Malti, anke jekk għadu fl-ewwel snin tal-iskola, jaf b'din ir-rabta bejn is-Sur Nin u l-grammatika Maltija. Imma, mhux fil-qasam tal-grammatika u tal-filologija biss insibu l-isem ta' Cremona. Jispikka wkoll fil-kitba ta' novelli, tal-folklor u anke tal-biografiji.**

Madankollu, ftit huma dawk li jafu li Ninu Cremona kien ukoll poeta. Anzi nistgħu ngħidu li kienet il-Muża Maltija li ressqitu lejn studju aktar fil-fond dwar l-Ilsien Malti. Infatti hu stess jgħid li qatt ma kien ħass ġibda kbira għall-Malti, sakemm fl-1912, waqt li kien fuq xogħol f'Ħal-Tarxien, ma sabx lil Ġużè Muscat Azzopardi li ħajru jikteb fir-rivista **Il-Ħabib**. Din kienet rivista letterarja bil-Malti maħruġa mill-"*Unione Cattolica San Giuseppe*", bl-iskop li tqajjem kuxjenza nazzjonali favur il-Malti[1]. Dan l-istess ġurnal kien ix-xrara li xegħlet ħġejjeġ letterarji kbar, fosthom Patri Anastasju Cuschieri u Dun Karm. L-ewwel żewġ poeżiji ta' Cremona kienu ***L-Għannej ta' Wara l-Bjut*** li nkitbet fl-24 ta' Diċembru tal-1912 u ***Dell il-Warrani***, li nkitbet fil-25 ta' Frar tal-1913, u dawn ġew ippubblikati f'din l-istess rivista, **Il-Ħabib**.

Lil Ninu Cremona nistgħu nqisuh bħala poeta post dunkarmjan, għalkemm kien konteporanju ma' Psaila. Il-poeżija tiegħu hi romantika fl-essenza tagħha għax timxi fuq it-tematika u x-xejra poetika tar-Romatiċiżmu tas-seklu dsatax. Cremona kien iqis lilu nnifsu bħala l-poeta tat-tiġrib tal-ħajja. L-istess ***Għannej ta' Wara l-Bjut*** turi dan il-ħsieb. Il-poeta hu l-għannej li jitkellem dwar it-tlugħ u l-inżul tal-ħajja, it-tiġrib li jinġabar mal-mogħdija taż-żmien. Bħal Rużar Briffa, hu jrid juri li dak li fil-bidu ta' ħajjitna tant jidher sabiħ u mimli wegħdi ta' futur mill-aqwa, bil-mod il-mod jispiċċa, bħall-weraq niexef tal-ħarifa li jaqa' u jtir mar-riħ:

*Ja Tama bennejtni biex le jien ma nibki*
*biex naqdef u nofroq il-mewġ ta' xortija*
*'ma l-għarqa ta' sħabi quddiem l-għajnejn tiegħi*
*Ah... xejn ma qawwieni fil-mewġ ta' xortija.*

***Il-Għannej ta' Wara l-Bjut***

Dan it-tiġrib tal-ħajja kif ippreżentat minn Cremona jidher taħt diversi aspetti. Wieħed minn dawn huwa l-aspett ikrah tal-gwerra. Sa mill-1916, il-poeta ħass il-bżonn li jitkellem kontra l-Gwerra l-Kbira (1914-1918) li dak iż-żmien kienet qegħda fl-aqwa tagħha. Fil-poeżija ***Tal-Imwiet*** naraw lil Cremona jipprotesta bil-qawwa kollha kontra l-ħerba li l-gwerra tħalli warajha fil-ħajja tal-bnedmin. Din il-protesta madankollu titqawwa aktar fit-Tieni Gwerra Dinjija 91939-1945), għaliex issa l-poeta sab ruħu involut direttament fil-ġlied. Il-ġlied u l-qirda kienu ġew wara biebu. Issa l-poeta ma jibqax l-osservatur li jikkummenta mill-bogħod fuq dak li jkun jiġri, imma jsir protagonista li għandu sehem attiv fit-traġedja umana li jkun qiegħed jara madwaru. Mela l-poeżija li nkitbet f'dan il-perijodu mhix daqstant waħda ta' kritika, daqskemm hi waħda ta' deskrizzjoni. Il-kapaċità tiegħu tidher fil-mod kif jiddeskrivi l-biża' mill-attakki mill-arju, il-qirda tal-bini, l-imwiet u l-ħajja taħt il-blat, fix-xelter, għall-kenn mill-bombi.

***Għassa ta' l-Għadu*** tirrifletti l-ħajja f'dawk is-snin storiċi, bħal ma tagħmel ukoll in-novella tiegħu ***Wara Sidu sal-Mewt***, novella melodrammatika, aktarx immirata għat-tfal. Aktar minn dawn, il-poeżija ***L-għadu*** toħroġ is-sensibbiltà tal-poeta fejn jidħlu l-vittmi innoċenti ta' din il-katastrofi - in-nisa u t-tfal:

*Rajtek, ja tfajjel, ħdejn ommok titriegħed*
*magħha titrekken fir-rokna ta' l-għerien*
*fost leħħ ta' beraq u rwiefen u dagħbien*
*wiċċha ma' wiċċek 'l ommok rajtha tqiegħed.*

***L-Għadu***

Għalhekk naraw sens qawwi ta' serħan il-qalb malli l-gwerra tgħaddi. F'***Marsalforn***, poeżija maqsuma fi tliet sunetti, dan is-serħan kważi, kważi, tista' tmissu b'idek. Id-deskrizzjoni tal-bajja vojta mir-refuġjati li kienu telqu lura lejn djarhom, il-kalma, il-kwiet, donnhom inisslu fil-qarrej sensazzjoni surreali dwar tmiem il-gwerra. Il-poeta stess donnu ma jridx jemmen li l-gwerra tassew spiċċat.

Tiġrib ieħor li spiss niltaqgħu miegħu fil-poeżija ta' Cremona huwa l-mard. Il-poeta romantiku hu sensittiv quddiem il-mard, speċjalment jekk dak il-mard, barra li jolqot lill-individwu, ikollu influwenza wkoll fuq dawk ta' madwaru. Din l-idea tidher ċara fil-poeżija ***Ommkom Marida***, fejn il-missier, waqt li jiddeskrivi s-sbuħija ta' martu meta kienet għadha b'saħħitha, jirrepeti spiss lil uliedu biex iżommu l-kwiet ħalli l-marida tistrieħ ftit.

Ix-xjuħija hi ħsieb ieħor li jberren kontinwament f'moħħ Cremona. Dan narawh minn numru konsiderevoli ta' poeżiji dwar dan is-suġġett. Fosthom insibu ***Kelb Xiħ tal-Għassa***, ***Ix-Xwejjaħ tar-Raħal***, u ***Weraq tal-Ħarifa***. F'dawn il-poeżiji l-poeta jenfasizza l-ħarba taż-żmien li

jgħaddi bla ma jistenna lil ħadd. Hawn Cremona jfakkarna ħafna fil-poeta kontemporanju tiegħu Rużar Briffa, li wkoll jittratta din it-tema f'ħafna mill-poeżiji tiegħu. F'dawn il-poeżiji ta' Cremona tiġri l-idea li donnu l-poeta kien jibża' li meta jixjieħ, jitwarrab għax ma jibqa' tajjeb għal xejn.

Biża' ieħor ta' Cremona jidher fejn tidħol il-mewt. Ma rridx ngħid li l-poeta kellu xi fobja għal dan l-avveniment kruċjali fil-ħajja tal-bniedem. Ma naħsibx li s-Sur Nin kien jibża' aktar minn ħaddieħor mill-mewt. Biss donnu kien jibża' li meta jmut, jintesa qisu qatt ma kien. Cremona ma jidhirx li kellu t-tama li kien igawdi l-Poeta Nazzjonali, Dun Karm, meta dan tal-aħħar, f'***Non Omnis Moriar*** qal: "Il-poeta jmut, imma l-għanja tibqa'!" Forsi kien influwenzat minn dak li ġralu Vassalli, li tiegħu Cremona kien kiteb il-biografija, patrijott kbir Malti li għal żmien twil kien intesa minn ħutu l-Maltin. Dan il-fataliżmu, kważi Foscoljan, jidher f'poeżiji bħal ***Oqbra Minsija***, u ***L-Erwieħ ta' Wied Għammieq***. Hawn il-poeta bilkemm mhux qiegħed jokrob lill-qarrej biex ma jinsiehx, bħal ma ġralhom il-midfuna msemmija f'dawn iż-żewġ poeżiji.



Aktar 'il fuq semmejt li Ninu Cremona hu poeta romantiku minħabba l-mod kif iħares lejn il-ħajja. Iżda r-romanticiżmu tiegħu ma hu mkien qawwi daqs fejn tidħol l-imħabba. Cremona jittratta l-aspett femminil bl-istess mod li jittrattawh ħafna romantiċi oħra. Infatti nsibu żewġ lati tal-imħabba tal-poeta lejn il-mara ideali ta' ħajtu. Fl-ewwel parti tal-antoloġija **Mis-Siġra ta' Ħajti**, ta' spiss niltaqgħu ma' poeżiji li fihom il-poeta jindirizza lit-tfajla ta' mħabbtu. ***Ħlomt Bik, Lilek ja Mara*** u ***Mħabbtek ja Xbejba***, kollha juru din l-imħabba sigrieta li kien iżomm f'qalbu meta kien iżgħar. Fihom l-awtur jiddeskrivi lill-maħbuba tiegħu bħala tfajla sbejħa, għajnejha berqa, li ssaħħru għal warajha;

*Nieżla narak mit-taraġ, sħaba tbajjad...*
*idek tagħtini u 'l wiċċ ma' wiċċi tressaq...*

*b'xuxtek l-imħabba u bl-għajn ta' rieqda f' nieqa*
*f' idejja ntlaqt... u l-qalb li riedet tgħajjat*
*stenbħet mal-qamar dieħel minn ġo tieqa.*

***Ħlomt Bik!***

It-tieni lat hu wieħed aktar negattiv. Mal-mogħdija taż-żmien il-ħolma ta' mħabba qatt ma saret realtà u t-tfajla ideali saret il-mara ta' ħaddieħor. Fit-tieni taqsima ***Weraq tal-Ħarifa***, din l-idea tidher f'poeżiji bħal ***Il-Firda***, ***Uċuħ mill-Imgħoddi***, u ***Ħolma***. Fihom Cremona jitbekka t-telfa ta' din it-tfajla għax jaf li issa ma tistax tkun tiegħu. Iżda minn qalbu ma jistax ineħħiha. Il-memorja tagħha se tibqa' tittorturah mentalment tul il-bqija ta' ħajtu. Hawn ir-romanticiżmu ta' Cremona jilħaq il-qofol tiegħu minħabba l-fatt li l-poeta qiegħed jippreżentalna l-passat li għadda u mar, bħala żmien sabiħ imma li ma jintlaħaqx, mentri l-preżent, l-issa, hu ikrah u ta' min jaħarbu:

*Għaliex meta kont ċkejkna*
*tħobb dejjem tilgħab miegħi*
*u llum li kbirt, dak wiċċek*
*m'għadux il-hena tiegħi?*

***Għaliex***

Madankollu, anke dan il-lat negattiv fih il-vantaġġi, għaliex b'hekk għall-poeta, il-maħbuba tibqa' dejjem it-tfajla ideali li ħabb fi ċkunitu, u għalhekk ma titlef xejn mis-sħcr tagħha.

Cremona jittratta l-aspett femminil mil-lat matern ukoll. Hawn il-poeta jerġa' jfakkarna fil-Poeta Nazzjonali mill-mod kif jittratta din it-tema. L-omm hi ppreżentata bħala kreatura sublimi li bħalha ma hawnx għax l-imħabba tagħha ma jisboqha xejn. Din l-imħabba materna tidher f'poeżiji bħal ***L-Għadu*** u ***Hi Biss*** li fihom Cremona jitkellem dwar ir-rabta bejn l-omm u t-tarbija. Tidher ukoll fil-poeżija ***L-Omm***, deskrizzjoni ta' kelba bil-ġriewi tagħha.

Hemm temi oħra li dwarhom il-poeta tkellem fil-poeżiji tiegħu, imma li hawn mhux il-post u l-waqt li nitkellem dwarhom fit-tul. Iżda ma nistax nagħlaq dawn l-erba' kelmiet dwar il-poeżija ta' Cremona mingħajr ma nsemmi l-importanza li l-folklor u l-istorja soċjali għandhom fil-bini tagħha. Dan jidher ċar f'poeżiji bħal ***Dell il-Warrani*** u ***L-Għanja tal-Imgħażel***, fejn il-folklor hu marbut mal-leġġenda; u ***Il-Qdumijiet Tagħna*** u ***Quddiem il-Ħerba tal-Kastell t'Għawdex*** fejn jispikka l-element storiku. Barra minn hekk, l-element folkloristiku jitfaċċa 'l hawn u 'l hemm f'poeżiji bħal ***Is-Soru***, fejn il-poeta jitfa' raxx ta' għerf missirijietna f'dak li hu tagħrif fuq il-ħxejjex u ħwejjeġ oħra marbuta mal-ħajja tal-imgħoddi. Tant hu hekk li Oliver Friggieri, fil-ktieb **Ir-Ruħ Fil-Kelma**, waqt li qiegħed jitkellem dwar il-poeżija ta' Cremona jgħid:

*Huwa l-folklorista, l-istoriku, l-grammaturgu li jikteb il-poeżija, u għalhekk hemm iżjed is-seħer tal-art li hi samma, tax-xemx li taħraq, tar-riħ li jonfoħ f'wiċċek, tal-kelb imgħaddab li jinbaħ fil-ħemda tal-kampanja, milli l-ħsieb sofistikat u filosofiku tal-poeta. Hemm ir-raħħal iżjed milli ċ-ċittadin tal-art kollha.*[2]

Dan, fi ftit kliem, hu Ninu Cremona l-poeta.

***Biblijografija***


Cremona A., *Mis-Siġra ta' Ħajti*, Malta University Press, 1970.

Cremona A., *Mikien Anton Vassalli u Żmenijietu*, Klabb Kotba Maltin, 1975.

Friggieri O., *Ir-Ruħ fil-Kelma* , Lux Press, 1973.


[1] Friggieri O. *Ir-Ruħ fil-Kelma* (1973. p.38)

[2] Ibid.

*Passiġġata Biblika - 61*

*"U nroxx fuqkom ilma safi, u tissaffew mit-tinġis kollu tagħkom, mill-idoli kollha tagħkom insaffikom*
*(Eżekjel 36:25)*

# Simboli Bibliċi ta' l-Ispirtu s-Santu

**minn Fr. Charles Buttigieg**

**Fil-Bibbja niltaqgħu ma' diversi simboli bibliċi li jgħinuna ħafna nifhmu lill-Ispirtu s-Santu u l-ħidma tiegħu.**

**L-ewwel fost dawn is-simboli hu l-ilma. L-ilma hu simbolu tal-ispirtu li jaħsel, inaddaf u jippurifika**: "U nroxx fuqkom ilma safi, u tissaffew mit-tinġis kollu tagħkom; mill-idoli kollha tagħkom insaffikom" (Eżekjel36:25). L-ilma għalhekk ifisser il-ħajja, fejn m'hemmx ilma m'hemmx il-ħajja bħalma naraw fin-nixfa tad-deżert. L-Ispirtu s-Santu għalhekk jagħti l-ħajja u jippurifika.

**Simbolu ieħor huwa dak tan-nar li fil-bibbja jesprimi dejjem il-preżenza, il-ħidma u l-azzjoni ta' l-Ispirtu ta' Alla**, kif naraw tajjeb fil-kolonna tan-nar: "U l-Muiej binhar kien jimxi quddiemhom f'kolonna ta' sħab biex jurihom it-triq u billejl f'kolonna ta' sħab biex jagħtihom id-dawl, u b'hekk setgħu jimxu billejl u binhar" (Eżodu 13:2 1). Is-serafini li jinsabu quddiem Alla huma marbuta ukoll man-nar, infatti l-kelma Ebrajka: 'saraf' tfisser 'taħraq'. In-nar li joħroġ mit-tronn ta' Alla (ara Danjel 7:10). Dan huwa n-nar tal-preżenza u ta' l-imħabba ta' l-Ispirtu. Hekk ukoll naraw fl-ewwel laqgħa ta' Mosè ma' Alla fis-sigra taqbad bla ma tinħaraq. In-nar jintuża



fuq kollox biex jippurifika u jġedded, bħal per eżempju fil-purifikazzjoni tal-metalli. In-nar hu għalhekk simbolu tal-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu li jġedded u jippurifika. Ġesù stess jgħid: "Nar ġejt inqabbad fuq l-art u kemm nixtieq li ġa qabad" (Luqa 12:49). L-Ispirtu s-Santu jinżel taħt forma tal-ilsna tan-nar fil-Pentekoste (Atti 2:3-4).

Iżda **s-simbolu l-iktar importanti u marbut ma' l-Ispirtu s-Santu huwa r-riħ**. Fl-Ebrajk għandna l-kelma '*ruah*' li tfisser 'riħ', 'nifs', 'qawwa', u 'ħajja'. Din il-kelma insibuha 378 darba fi-Antik Testment u diversi drabi bħala riferiment għall-Ispirtu ta' Alla, kif naraw per eżempju fil-ħolqien: "Fil-bidu Alla ħalaq is-sema u l-art; u kienet l-art taħwid u baħħ; u d-dlam kien fuq wiċċ l-abbissi u fuq wiċċ l-ibħra kien jittajjar riħ ta' Alla" (Ġen 1:1-2). Ir-riħ li naraw ukoll nhar Pentekoste: "F'daqqa waħda ġie mis-sema ħoss bħal ta' riħ qawwi u mela d-dar kollha fejn kienu qegħdin" (Atti 2:2). Ir-riħ huwa importanti biex jagħti ħajja u moviment fl-ilma, ilma mingħajr riħ, ikun qiegħed, jibda jinten u jmut. Hekk mela jagħmel l-Ispirtu s-Santu jagħti l-ħajja, janima, jagħti n-nifs u jkompli jżommha dejjem ħajja.

**Għandna ukoll is-sħaba u d-dell fil-mixja tal-poplu Lhudi fid-deżert bħala simbolu ieħor ta' min isemmihom**. Naraw li d-dell jissemma fit-tħabbira tal-anġlu lil Marija: "L- Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa tal-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek. U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis, u jissejjaħ Bin Alla (Luqa 1:35); l-isħaba tissemma fit-Trasfigurazzjoni tal-Mulej fuq it-Tabor (Luqa 9:34-35) u fit-Tlugħ tal-Mulej fis-sema quddiem id-dixxipli tiegħu (Atti 1:9). L-isħaba ukoll għad turi lil Bin il-Bniedem fil-glorja tiegħu fil-jum tat-tieni miġja tiegħu (Luqa 2 1:27).

**Il-ħamiema li ttir hija simbolu ieħor tal-Ispirtu s-Santu. Naraw il-ħamiema li tajjar Noè u reġgħet lura b'werqa friska taż-żebbuġa bħala sinjal li l-art li setgħet titgħammar mill-ġdid (Ġenesi 8:8-12). Il-ħamiema bħala simbolu tal-paċi hija tassew simboli ta' l-Ispirtu tar-Rikonċiljazzjoni u tal-paċi. Naraw l-Ispirtu s-Santu li niżel taħt forma ta' ħamiema fil-magħmudija ta' Ġesù. Anke f'ħafna immaġni tat-Tħabbira tal-Madonna naraw l-Ispirtu s-Santu li nissel fil-ġuf ta' Marija jidher dejjem taħt forma ta' ħamiema.**

Insemmu **ż-żejt u l-unzjoni jew id-dilka biż-żejt. Iż-żejt huwa sinjal ta' abbundanza** (Dewteronomju 11:14) u





ta' ferħ (Salm 23:5). Iż-żejt jintuża bħal tindif, juri qawwa u sbuħija iżda fuq kollox jintuża bħala mediċina għall-fejqan (Isaija 1:16). Iż-żejt ukoll juri s-sens tas-sagru u tal-konsagrazzjoni, kif naraw fil-konsagrazzjoni tal-oġġetti sagri u ta' diversi personaġġi bibliċi, bħala appartenenza lil Alla u li huma tiegħu. Ir-rejjiet fl-Eġittu u fil-Persja kienu jiġu kkonsagrati biż-żejt. Ġakobb jikkonsagra biż-żejt il-ħaġra li kien qiegħed taħt rasu fil-post fejn kellu l-ħolma tas-sellum tiela mill-art sas-sema (Ġenesi 28:18); Mosè kkonsagra l-għamara tal-Mulej biż-żejt (Eżodu 40:9); id-dilka ta' Aron (Eżodu 40:13); il-profeta Samwel jikkonsagra lil Sawl bħala l-ewwel re ta' Iżrael (1 Samwel 10:1); id-dilka ta' David minn Samwel (1 Samwel 16:13); dik ta' Salamun (1 Slaten 3:6-12); u l-profeti Eliżew (1 Slaten 19:16); Eżekjel (Eżek 11:5) u Danjel (Dan 4:4). Fil-Ġdid Testment, Kristu l-Messija jsir il-Midluk per eċċellenza mill-Ispirtu ta' Alla b'mod li m'hemmx ieħor bħalu.

**Fl-aħħarnett insemmu l-ġest tat-tqegħid ta' l-idejn bħala l-għotja ta' l-Ispirtu s-Santu u bħala fejqan.** Bit-tqegħid ta' l-idejn Ġesù fejjaq il-morda (Mark 6:5); u bierek it- tfal (Mk 10:16). Naraw ukoll l-għotja ta' l-Ispirtu s-Santu **bħala dilka jew konsagrazzjoni**: "Madankollu fikom qiegħda tgħammar l-unzjoni li rċevejtu mingħandu, u għalhekk intom ma għandkomx bżonn min joqgħod igħallimkom. Għax l-unzjoni tiegħu tgħallimkom hi dwar kollox, u t-tagħlim tagħha hu veru, u m'huwiex xi gidba. U ladarba hu hekk, mela ibqgħu dejjem fih kif għallmitkom hi." (1 Ġwanni 2:27).

### *Il-Ħidma tal-Ispirtu s-Santu*

Il-ħidma ta' l-Ispirtu s-Santu hija kontinwa fil-Bibbja, tkompli fil-Knisja u fil-ħajja ta' kull nisrani. Huwa Spirtu li jaħlaq kif naraw fil-ħolqien. Huwa Spirtu ta' Ħelsien u Rivelatur, kif naraw fil-ġrajja tal-Eżodu u fil-Magħmudija ta' Ġesù. L-Ispirtu s-Santu għandu sehem importanti fl-Ispirazzjoni tal-Kelma t'Alla. Huwa Spirtu ta' tiġdid bħalma naraw fix-xena tal-profeta Eżekjel, tal-għadam mejjet fil-wied li jerġa' jieħu l-ħajja. Huwa Spirtu ta' Rikonċiljazzjoni, ta' Paċi u Mħabba, kif naraw fil-moviment tat-tgħanniqa tal-Missier u l-Iben il-Ħali. Huwa Spirtu Difensur u Konsolatur, li jgħinna tassew fil-ħajja tagħna u permezz tas-sagramenti. Fuq kollox ma ninsewx li l-bniedem hu nnifsu huwa tempju ħaj ta' l-Ispirtu s-Santu u għalhekk il-bniedem jeħtieġ li jirrispetta l-persuna tiegħu u dik ta' l-oħrajn.

### *Biblijografija*


ALONSO-SCHOKEL, L., *Vieni Spirito Santo*, Roma 1998.

LANFRANCE, J., *Vieni Spirito Santo*, Milano 1997.

LuRKER, M., *Dizionarjo delle Immagini e dei Simboli Biblici*, Cinisello Balsamo (Milano) 1990.

SPIDLIK, T., *Conosci lo Spirito?*, Roma 1997.

**Għawdex Qabel ir-Ritratti (32)** — *minn* **JOHN CREMONA**

# *Fdalijiet ta' Ruma qadima mit-Triq ta' l-Għajn*



Waħda mill-isbaħ oġġetti li jinstabu fil-mużew ta' l-Arkeoloġija ta' Għawdex hija statwa żgħira ta' lupa ta' l-alabastru qiegħda tredda' iż-żewġt itfal Romulu u Remu, fundaturi ta' Ruma. Hija biċċa xogħol fina u mill-isbaħ.

Il-Kanonku Ġann Piet Franġisk Agius de Soldanis li fittex bir-reqqa dwar dak kollu li huwa Għawdxi jitkellem dwar is-sejbien ta' din l-istatwetta fil-manuskritt tiegħu *'Il Gozo Antico e Moderno e Sacro Profano'* u jġib ukoll disinn mill-isbaħ tagħha. Hawn ser nikkwota dak li kiteb De Soldanis fil-manuskritt tiegħu dwar din l-istatwetta; *"Nibda billi nsemmi li fis-sena 1720, f'ħerba li kien hemm fit trieq tal Għajn il Kbira tar-Rabat ta' Għawdex, sabu diba qiegħda tradda' lil Romulu u Remu, kollha kemm hi ta' l-alabastru abjad u fin, maħduma b'sengħa kbira, twila madwar xiber. Din id-diba ftit snin ilu waqgħet taħt idejn il-Gran Mastru Manoel, il-lum tinsab taħt idejn il-Gran Mastru Pintu, li għamilli favur li jurihieli fis-sena 1746. Tinsab din id-diba miżmuma tajjeb.....kollox merfugħ b'għożża kbira f'għorfa tal-palazz tiegħu. U billi huwa prinċep kbir fis-setgħa tiegħu mhux biss, ma kbir fix-xeħtiet tiegħu ukoll, ħallieni nara darb'oħra din id-diba u nieħu l-għamla tagħha".*

De Soldanis jerġa' jsemmi s-sejbien ta' din l-istatwa fl-ewwel kapitlu tal-Grammatika *'Della Lingua Punica presentemente usata da Maltesi &c'* mitbugħ f'Ruma fl-1750. Huwa jsemmi din l-istatwa flimkien ma' fdalijiet oħra Puniċi, Feniċi u Rumani li nstabu f'Għawdex kif ukoll f'Malta.

L-inċiżjoni li qiegħed nippubblika turi diversi antikitajiet tar-rħam Rumani misjuba f'Malta u Għawdex u ġiet ippubblikata minn Louis de Boisgelin fl-ewwel volum tal-ktieb tiegħu 'Ancient and Modern Malta' stampat minn G.& J. Robinson f'Londra fl-1804. Boisgelin ukoll jgħid li din l-istatwa tinstab fil-mużew privat tal-Gran Mastru għalkemm meta ġie ppubblikat il-ktieb, il-Kavallieri kienu diġà telqu minn Malta. B'xorti tajba din l-istatwa baqgħet f'Malta u ma messithiex ix-xorti bħal oġġetti oħra li ħadu magħhom il-Franċiżi.

Llum din l-istatwa tinsab għall-wiri fil-Mużew ta' l-Arkeoloġija ta' Għawdex ġewwa ċ-Cittadella u għalkemm hemm min jitfa' dubji fuq l-awtentiċità tagħha bħala skultura Rumana, xorta waħda jibqa' l-fatt li hija statwa ta' sbuħija straordinarja.

L-inċiżjoni mmarkata bħala Plate 4 turi seba' skulturi u riljievi Rumani misjuba f'Malta u Għawdex u turi l-lupa bħala figura numru 5. L-inċiżjoni sħiħa għandha qisien ta' 268mm x 210mm. Il-figura li qegħdin nitkellmu dwarha hija intitolata *'The wolf which suckled Romulus & Remus'* u għandha qisien ta' 30mm x 56mm li għall-benefiċċju tal-qarrejja qed nirriproduċiha wkoll bħala dettall.



Għawdex
400 sena ilu
Paġna mill-Arkivju Nazzjonali - 190

Riċerka ta'
Joseph Bezzina

© 2011

# Il-ħatra ta' trumbettier ġdid

**Id-dokument numru mija u disgħin li qegħdin nippubblikaw f'din is-sensiela ta' paġni mill-Arkivju Nazzjonali ta' Għawdex jikkonsisti fil-ħatra ta' trumbettier mill-ġurati tal-Università fi Frar ta' 400 sena ilu. Jinsab reġistrat fit-tielet volum tal-*Acta* tal-*Universitas Gaudisii*, il-Gvern Reġjunali ta' Għawdex fi żmien il-Kavallieri ta' San Ġwann (1530–1798) folju 28v. (NAG, UG, *Acta*, 3/1610–1611, 28v).**

Din hi t-traskrizzjoni tad-dokument tal-ħatra:



*Li magnifici Ioanne Spilotta, Nicolao Vella, et Joanne Apap, iurati dell'Università di questa terra et Isola del Gozzo, nell'anno istante co' licentia et intervento del Molto Illustrissimo Signor Fra Don Eugenio, Governatore di detta isola, presentilamente da hoggi in ante hanno ordinato et ordinano per officiale nel loco di Giacomo Pulizzi, di toccare la trombetta nel tempo solito et fare gli altri servitii che faceva detto de Pulizzi, per mercede di Scudi dieci, di tarì dodici per suddetto le quali se gli devino pagare dall'Università di tertio in tertio come al solito: a Laurentio Chettut, presenti et accettanti, il quale Laurentio presentialmente amette e s'obbliga officialmente servire et fare detti servitii come è il solito*

L-Università ta' Għawdex kellha t-trumbettier tagħha. Ix-xogħol ewlieni tat-trumbettier kien li jdoqq trumbetta, tromba żgħira tar-ram, kulmeta jkun hemm bżonn. Din it-trumbetta kienet l-iktar tindaqq meta jkunu sejrin jinqraw *bandì* jew liġijiet ġodda u li jkunu ta' interess għal poplu kollu jew kważi.

Dan il-qari tal-*bandì* kien isir l-iktar fil-fetħa żgħira li kien hemm quddiem il-Knisja Matriċi ta' Għawdex ġewwa ċ-Ċittadella minn fuq palkett permanenti li kien hemm maġenb il-Palazz tal-Gvernatur, illum jiġi fuq ix-xellug tad-daħla tal-qrati ta' Għawdex. Dan it-tagħrif nafuh minn dokumenti oħra u mhux minn dak tal-lum.

400 sena ilu, it-trumbettier Giacomo Pulizzi kien, għal xi raġuni jew oħra, irtira mix-xogħol tiegħu. Il-ġurati Ġanni Spilotta, Nikol Vella, u Ġanni Apap talbu l-permess ta' Eugenio [Maldonado], il-Gvernatur ta' Għawdex, ħalli jawtorizza l-ħatra ta' suċċessur għal Pulizzi.

Il-ġurati ħatru lil Lawrenz Chettut bħala suċċessur ta' Pulizzi. Nhar il-10 ta' Frar 1611, huma sejħulu fl-uffiċċju tal-Università ħalli jagħmlu l-ftehim miegħu. Il-persuna magħżula kellha mhux biss tagħmilha ta' trumbettier, iżda kellha wkoll tagħmel xi servizzi oħra lill- Università. Id-dokument ma jispeċifikax x'kienu dawn is-servizzi.

Il-paga ta' Chettut kienet l-istess bħal dak ta' qablu, jiġifieri ta' għaxar skuti u tnax-il irbiegħi (li jiġu €2.52) fis-sena. Dawn kellhom jitħallsu f'erba' rati, jiġifieri kull tliet xhur. Hi ħaġa kurjuża li jissemmew għaxar skuti u tnax-il irbiegħi, għax tnax-il irbiegħi fil-fatt jagħmlu skut. Seta' nkiteb mill-ewwel ħdax-il skut. Hi probabbli li s-somma nkitbet hekk biex ifiehmu aħjar lil Chettut, li mur ara kemm kien jaf jagħmel somom, li kull darba sejjer jingħata żewġ skuti u nofs u tlieta rbgħajja.

XHIEDA NISRANIJA FL-ISTORJA TAL-KNISJA GĦAWDXIJA

# Ġużeppi Spiteri
## (1929 - 2006)



Wieħed mill-Għawdxin li mxew fuq il-passi ta' San Ġorġ Preca huwa bla dubju ta' xejn Ġużeppi Spiteri.

Twieled fid-9 ta' Mejju 1929 fir-Rabat Għawdex. Tgħammed mill-Arċipriet Alfonz-Marija Ħili fil-parroċċa ta' San Ġorġ u ngħata l-ismijiet ta' Ġużeppi, Ġorġ, Pawlu u Marju.

Meta kellu biss għaxar snin, jiġifieri fl-1 ta' Settembru 1939 Hitler invada l-Polonja u hekk faqqgħet it-tieni gwerra dinjija, li ġabet magħha għaks u tbatija f'Malta u Għawdex ukoll. Iżda anki mid-deni joħroġ ġid. Fl-eqqel ta' din il-gwerra fit-23 ta' April 1941 is-Superjur Manwel Bianco u Willie Buhagiar, li kienu ntbagħtu Għawdex fuq xogħol, fetħu l-ewwel Museum f'Għawdex. Dan il-qasam kien f'dar żgħira numru 6, Triq l-Arċipriet Saverio Cassar, qrib Pjazza Savina fir-Rabat. L-ewwel bdew b'sebat itfal ta' refuġjati Maltin u mbagħad marru magħhom diversi tfal oħra mir-Rabat. Ġużeppi kien wieħed minn tal-ewwel li beda jattendi l-Museum u laħaq Soċju f'Awwisu tal-1948.

Ħa l-vokazzjoni museumina bis-serjetà, tant li mħeġġeġ minn San Ġorġ Preca nnifsu f'Ottubru tal-istess sena, fetaħ it-tieni Museum tar-Rabat fi Triq San Duminku f'garaxx li siliflu missieru. Hawn kien jgħallem il-Katekiżmu lit-tfal ta' wara San Franġisk u dawk taċ-Ċawla. Din il-fergħa damet miftuħa madwar ħames snin.

Fl-14 ta' Jannar 1954, l-ewwel Superjur Ġenerali tas-Soċjetà, s-Serv ta' Alla Ewgenio Borg għażlu bħala t-tieni superjur tal-Qasam tar-Rabat. Dan ix-xogħol tad-dutrina kien jagħmlu dritt wara x-xogħol li kellu ta' pustier l-ewwel tax-Xewkija u mbagħad tar-Rabat. U mbagħad kien idum il-Museum sa bil-lejl.

Permezz tal-ħidma tiegħu u tal-membri tal-Qasam wasslet biex nhar il-21 ta' Awwissu nkisbet biċċa art kbira ta' 18,000 pied kwadru biex jinbena Museum ġdid, li jkun adattat għaż-żminijiet moderni u bi grawnd kbir fejn it-tfal setgħu jilagħbu. Dan il-Museum beda jintuża fis-27 ta' Settembru 1971. Ġużeppi dam Superjur tal-Qasam tar-Rabat sal-1989. Wara ntbagħat biex jgħin fil-Museum tal-Għarb u lejn l-aħħar ta' ħajtu kien beda' jerġa' jattendi l-Museum tar-Rabat. Ġużeppi mar fid-dar tal-Missier nhar it-18 ta' Novembru 2006 fl-età ta' 77 sena.

Ġużeppi Spiteri kellu spiritwalità profonda mibnija fuq dik tal-Fundatur tas-Soċjetà Museumina San Ġorġ Preca, li lejh kellu ammirazzjoni kbira. Bħalu kien appostlu tal-istampa t-tajba. Anki meta rtira baqa' jagħmilha ta' pustier għas-saltna ta' Alla. Kien jieħu ħsieb iqassam madwar Għawdex il-pubblikazzjonijiet tas-Soċjetà tad-Dutrina Nisranija.

Kien bniedem umli. Qatt ma ftaħar bl-ebda opra li għamel, anzi kien kontra kull tifħir. Kien konxju li dak li tagħmel idek il-leminija qatt ma għandha tkun tafha l-id ix-xellugija. Ma kien jilqa' l-ebda kumpliment mhux għax ma kienx jieħu gost iżda biex jitbiegħed mill-vanaglorja.

Kien ukoll bniedem iddedikat ħafna. Għex ħajja ta' satra evanġelika u qatt ma xtaq unuri. Anzi kien kuntent bil-ħajja li kien qabad u kellu dejjem tbissima fuq fommu. Ġarrab il-marda li wasslitu sal-mewt b'rassenjazzjoni kbira tant li pprova jkompli bil-ħidma tiegħu bħal qabel. U baqa' seren sal-aħħar bla ma qatt kien jilmenta.

Ġużeppi ħabb ħafna t-tagħlim, li San Ġorġ Preca kien isejjaħlu l-għajn ta' kull ġid. Għalhekk kien jgħallem b'dedikazzjoni kbira d-dutrina lit-tfal kif ukoll kien ifittex li jitgħallem huwa wkoll permezz ta' qari tal-Bibbja, kotba ta' Dun Ġorġ, rivisti tas-Soċjetà tad-Dutrina Nisranija u xi kotba oħra tat-teoloġija.

Kien bniedem ta' talb. Quddiesa u tqarbina ma kien ifalliha qatt u anki kien jaqra l-epistola u jgħin il-quddiesa fil-knisja ta' San Franġisk fir-Rabat. Kien ukoll assidwu fit-talb, konvint li wieħed ma jistax jagħti minn dak li ma għandux. U dan kien il-misteru wara s-sittin sena ta' appostolat.

Ma kienx ibati mir-rispett uman. Kien konxju ħafna minn dan il-parir ta' San Ġorġ Preca: "Ir-rispett uman iqanqalna biex nagħtu dispjaċir lil Alla, u nogħġbu lill-bniedem" (Direttorju Spiritwali, Nru. 102).

Ġużeppi osserva bis-sħiħ ir-regola Museumina, li l-ispirtu tagħha huwa li wieħed jitqaddes permezz ta' ħajja interjuri u wara jqaddes ukoll lill-oħrajn permezz tal-eżempju t-tajjeb u t-tagħlim.

*(Dan l-artiklu huwa msejjes fuq il-konoxxenza tal-awtur kif ukoll l-artikli ta' Dr.Mons Joseph Bezzina "Ġużeppi Spiteri 1929-2006" li deher fil-Kalendarju Musewmin ta' Jannar-Frar 2007).*

**Angelo Xuereb**

Għawdex Online (26)



# Studji Varji dwar Għawdex Online



riċerka u kitba ta' SALVU FELICE PACE, sfelicep@go.net.mt



Waħda mil-websajts li poġġiet il-gżejjer tagħna fuq l-internet, u allura għall-udjenza globali, kellha bħala l-isem oriġinali tagħha Grazio's Malta Virtwali. Il-fundatur tagħha kien Grazio Falzon li fis-snin tmenin tas-seklu li għadda ħadem b'serjetà kbira f'Maryland fl-Istati Uniti biex xogħolu mbagħad welled il-websajt *www.aboutmalta.com* u aktar tard il-websajt *www.maltamediaonline.com*. L-*aboutmalta* għadek tista' ssibha f'din ta' l-aħħar. Grazio għandu artiklu hemm fejn jirrakkonta kif kien ta bidu tax-xogħol tiegħu *online* dwar Malta u Għawdex u dwar l-iżvilupp li sar tul is-snin.

Xi ħaġa li laqtitni meta snin ilu bdejt nuża l-internet b'mod regolari kien il-materjal dwar Għawdex li ssib f'*aboutmalta*. Għal-lum nagħti biss ħarsa ġenerali għax hemm diversi artikli studjati li jixirqilhom kummenti u aktar pubbliċità. Il-kontributuri ta' dawn l-artikli huma Anton F. Attard, Dun Joseph Bezzina, Alexander Bonnici OFM, Joe Camilleri, Lawrence Camilleri, Grazio A.Grech, Anthony Said, Joseph Said, Sonia Sultana u Joseph Zerafa. L-editur, almenu dak iż-żmien, kien iż-żagħżugħ Għawdxi Pierre J. Mejlaq, li llum sar magħruf għax-xogħlijiet letterarji tiegħu.

It-taqsimiet dwar Għawdex li ssib f'*www.aboutmalta.com* huma dawn: *Gozo and Comino*, ġabra ta' artikli, x'uħud b'Ingliż u oħrajn bil-Malti, dwar Għawdex mill-lat ta' x'toffri din il-gżira, minn postijiet storiċi sa kultura distinta. *Gozo Landmarks* tikkonċentra fuq it-tempji megalitiċi tal-Ġgantija, iċ-Ċittadella u l-Fanal tal-Ġordan. Taqsima bl-isem *Folklore* li tħares lejn diversi tradizzjonijiet u snajja, b'artiklu tassew interessanti dwar l-iżvilupp tal-villaġġ f'Għawdex. Taqsima oħra tikkonċentra dwar il-Ġimgħa Mqaddsa u l-aħħar waħda dwar il-Karnival Grottesk fin-Nadur.

Is-sit għandha wkoll taqsima dwar it-temp f'Għawdex. Tista' tidħol fiha direttament f'*www.gozoweather.com* u hemm issib dettalji dwar il-kundizzjonijiet atmosferiċi attwali, it-temp tal-ġurnata, it-temp għall-baħħara, tbassir għal tlett ijiem u għall-ħames t'ijiem. Għal dawk li jużaw l-internet, il-*maltamediaonline.com* tassew għandha ħafna x'toffri.

gozo press
Offset & Letterpress Printing
Graphic Design Studio
Mġarr Road, Għajnsielem, Gozo - Malta.
Tel: 2155 1534 - Fax: 2156 0857 - Mob: 9982 6350
E-mail: gozopress@onvol.net

A Whole New Look
Sharmain's Styling Salon
Our Lady of Victory
Crt/1
Triq ta' Kassia
Qala, Gozo
Tel: 2156 6236

TIEQA FUQ L-AMBJENT (25)

# IL-ĠAĦĠAĦ



*(Dan huwa l-ħmistax-il artiklu minn sensiela dwar l-għasafar li jbejtu f'Għawdex)*

*kitba u ritratti ta'* JOE SULTANA



*Ġaħġaħ adult*

Il-**Ġaħġaħ** huwa mill-familja tal-**għasafar tal-bejt**, jew kif inhuma magħrufin ukoll bħala l-**għammelin**. Dan magħruf ukoll b'ismijiet vernakulari oħra f'Għawdex u f'Malta. Tax-Xagħra jsibuh bħala **Żubajblu** jew **Żubajbru**, u f'Ħaż-Żabbar jafuh bħala **Buxkiexi**. F'xi kotba ssibu mniżżel bħala **Għasfur tal-Bejt Abjad**, **Għasfur tal-Bejt Tas-Siġar**, jew **Għasfur tas-Siġar**.

Huwa kemxejn skars u l-popolazzjoni tiegħu li tbejjet f'Għawdex hija pjuttost żgħira. Ma jbejjitx regolari fl-istess postijiet. Jinstab is-sena kollha imma ġieli jidher ipassi fi qtajja' fil-ħarifa. Ma tantx hu magħruf u ftit nies jafu li jbejjet f'pajjiżna. **Il-Ġaħġaħ** jixbah lill-**Għasfur Tal-Bejt**, imma huwa iżgħar, iżjed mislut u mgerrex ħafna. Fih madwar 13-il ċentimetru. Rasu lewn iċ-ċikkulata b'dabra sewda żgħira taħt munqaru.



*Ritratt li juri d-differenza bejn il-Ġaħġaħ (xellug) u l-Għasfur tal-Bejt raġel (lemin)*

Fl-abjad ta' wiċċu għandu dabra oħra sewda, li **Tal-Bejt** m'għandux. Minn taħt ċar. Minbarra d-differenza fid-daqs l-iżjed li jintgħaraf mill-**Għasfur tal-Bejt**, huwa mill-kulur tar-ras. Kuntrarju għall-**Għammiel tal-Bejt**, ir-raġel u l-mara għandhom l-istess kuluri u ma jintgħarfux minn xulxin.

L-isem xjentifiku tal-**Ġaħġaħ** huwa *Passer montanus*. Il-kelma *Passer* kien l-isem ġeneriku li ta lil-għasafar tal-bejt ir-Ruman Gaius Plinius Secundus, magħruf bħala Pliny. Pliny kien ammirall, iżda kien ukoll awtur, naturalista, kif ukoll filosofu, li għex fl-ewwel seklu wara Kristu. Kiteb sensiela ta' kotba dwar l-istorja naturali *Naturalis Historia*. Fil-ktieb numru 10 kiteb dwar l-għasafar. Dan il-ktieb għadu sors importanti fejn wieħed isib l-ismijiet tal-għasafar antiki bil-Latin. It-tieni kelma *montanus* ġejja mill-Latin *mons* (ġenittiv *montis*) li tfisser muntanji. Minkejja dan l-isem, il-**Ġaħġaħ** mhuwiex għasfur li għandu xi rabta mal-muntanji. L-ewwel darba li kien instab ibejjet f'Għawdex kien fl-1967 meta kolonja żgħira, flimkien ma' numru ta' għasafar tal-bejt, kienet instabet tbejjet fl-arkati ta' taħt it-triq li tgħaddi minn fuq il-Wied ta' Marsalforn. Din is-sejba kienet issemmiet f'artiklu li kien deher fir-rivista tal-*British Ornithologists Club* fil-ħarga ta' Frar 1969.



*Bajda ta' l-Għasfur tal-Bejt (xellug) u bajda tal-Ġaħġaħ*

Bl-Ingliż jissejjaħ *Tree Sparrow*, imma dan ma jbejjitx fis-siġar kif ibejtu għasafar oħra. Meta jbejjet fis-siġar, dan ibejjet ġeneralment f'toqob dojoq fiz-zkuk ħoxnin tas-siġar. Fil-Gżejjer Maltin l-iżjed li jbejjet f'toqob dojoq jew xquq fil-ħitan, l-iżjed ta' xi rziezet u djar iżolati, partikolarment xi ftit mitluqin fil-kampanja, kif ukoll fit-truf ta' l-irħula u ta' l-ibliet. Ġieli jbejjet ukoll f'toqob żgħar f'katusi u arbli. Dawk il-bejtiet goffi, kemxejn tondi mibnijin fis-siġar għoljin m'humiex tiegħu, imma tal-għasafar tal-bejt. Ibid minn 4 sa 6 bajdiet li jkunu b'tikek, ħżuż u dbabar kannella



*L-Arkati taħt it-triq ta' Marsalforn fejn kien instab il-Ġaħġaħ ibejjet għall-ewwel darba fl-1967*

skuri fuq sfond kannella ċar. Jieħdu kwazi minn 11 sa 14-il jum biex ifaqqsu. Kemm il-mara kif ukoll ir-raġel jieħdu sehem biex isaħħnu l-bajd kif ukoll biex jitimgħu l-frieħ wara li jfaqqsu. Il-frieħ jieħdu minn 15 sa 20 jum biex itajru. Wara li jtajru jdumu mal-ġenituri għal xi 12 il-ġurnata oħra, sakemm jitgħallmu jsibu l-ikel huma u jfendu għal rashom. Il-frieħ meta jtajru diġà jkollhom rashom kannellija mhux bħall-frieħ tal-għasafar tal-bejt, li jkollhom rashom ċara bħal ta' ommhom.

L-ikel jikkonsisti l-iżjed fi żrieragħ. L-isem *Ġaħġaħ* ġej mill-għajta tiegħu, li qisha maħnuqa, għax bil-kemm isemmagħha. Fil fatt il kelma "ġaħġaħ" tfisser tagħmel xi ħaġa b'diffikultà.

**BOGI AUTO LTD**

- **Spare Parts**
- **Batteries**
- **Accessories**

**J.F. Kennedy Square, Victoria VCT 111, Gozo**
**Tel: 2155 1070 Fax: 2156 3073**

**ĦALLI F'IDEJN MIN JIFHEM!**



*Għoxrin sena esperjenza fit-tiswija ta' bjut li joqtru jew li jimmoffaw bl-ilma tax-xita...*

**GREZZJU BONELLO**

*Lest li jiġi jagħtik parir u stima b'xejn!*

Tel: **2155 7694** Mob: **9946 9102**

**RAYMOND CEFAI**
**TAL-KELBA LTD.**

- **BUILDING CONTRACTOR**
- **CRANE & GENERATOR HIRE**



**"RayRita", Triq it-Tempju, Qala, Gozo.**
**Tel: 2155 7847, 2156 2532 Mob: 9949 3169**

**Esperti fis-servizzi tal-vjaġġar...**

JPE TravelServices LIMITED
A member of the KDM Group

- Ġiti...
- ***Cruises...***
- Titjiriet... anke tal-Low Cost
- ***Lukandi... u akkomodazzjoni oħra***
- Kiri tal-karozzi u ħafna servizzi oħra

Tel: Victoria Gozo: 21561212/3 Valletta: 21235772 or info@jpetravel.net

Għext il-Mandraġġ (5)

# Il-Karnival ta' dari...

## meta Fredu l-Leverist kien l-akbar attrazzjoni tal-Għawdxin



kitba ta' ANTON SPITERI

**Bħala tifel ta' l-iskola qatt ma ddejjaqt meta kont nimrad, ħlief meta kienet tkun xi vaganza. Bil-wisq iddejjaqt meta kien il-Karnival u għaddejtu ġewwa u ommi qagħdet tishar miegħi.**

Fil-jiem ta' qabel Ras ir-Randan, it-tfal jitħalltu malkotra li toħnoq it-Tokk. Kulħadd irid jara. Ta' quddiem jgħattu lil ta' wara, min jimbotta u min igerger. Għallinqas il-karrijiet u l-maskri jarahom kulħadd. Wara li jinġabru f'Misraħ Santu Wistin, il-karrijiet, il-maskri u ż-żeffiena jgħaddu minn Triq Vajrinġa, għal taħt ta' Putirjal, u mit-Tiġrija għat-Tokk. Hekk għallinqas tarahom lil dawk it-tfal kollha lebsin ilwien jgħajtu. Tassew li f'dawn il-jiem l-għajjat jingħata ġieħ. Il-banda ddoqq, u l-mużika żżarżar fuq il-*loudspeakers,* u tfal iwerżqu. L-aktar diska li niftakar hija *Marina, Marina.* L-hena tagħna meta konna nagħrfu lil xi maskarat u nogħxew bid-daħk jekk xi ħadd jagħmel xi żball jew taqagħlu l-beritta. Niftakar li darba fuq il-karru armat ta' Kerċem kien hemm raġel jimla l-ilma u jxarrab in-nies. Wara smajt li dan ir-raġel weħel multa.



**L-akbar ġibda għall-wirja tal-Karnival fit-Tokk kien Fredu Spiteri, il-Leverist. Lil dan l-għannej kien iħobbu kulħadd. Tal-Mandraġġ aħna mkabbra bih għaliex twieled f'wieħed mill-isqaqien tagħna li fih kienu joqogħdu ħutu. Ħadd ma kien jgħaddi lil Fredu għall-għana. Ħutu wkoll kienu jħobbu jgħannu waqt li jagħmlu l-faċendi fid-dar. Għalina kien iħabbatha ma' Domenico Mudugno.** Dan il-kantant kien ġie Malta u minħabba x'inkwiet politiku ma setax ikanta f'Malta. Għalhekk l-organizzaturi ġabuh Għawdex. Ħafna nies kienu nġabru fil-pjazza tat-Tokk ħalli jisimgħuh.

"Modugno l-Għawdxi" kien joħloqhom il-praspar. L-aktar li baqa' magħruf kien għal meta libes tal-fqir u tas-sinjur. X'għamel? Kellu nofs il-libsa tat-tieġ meħjuta ma' qabda ħwejjeġ imċerċrin. Wiċċu kien nofsu b'leħja mqaxxra u n-nofs l-ieħor b'leħja ta' ġimgħa. Biex ikompli d-dehra kellu nofs ix-xagħar jilma u n-nofs l-ieħor imqanfed u forsi mqammel ukoll. Żarbuna minnhom kienet ta' l-aħħar moda, u l-oħra naħseb li ġabarha minn taħt l-arkata tal-Lunzjata. F'Karnival ieħor daħal b'sodda tal-kawba mill-kbar nett. Fredu qatt ma ried li jieħu sehem fil-kompetizzjoni tal-Karnival għax kien bniedem ġenwin. Iż-żewġ partiti tar-Rabat bis-sewwa jew bid-dnewwa kienu jaqsmu l-premijiet bejniethom u jbarru lil ta' l-irħula. B'hekk fil-Karnival l-aktar li tara huma Rabtin. Fil-pjazza tara nofs in-nies iċapċpu meta jaraw lil tal-partit tagħhom u mbagħad l-oħrajn iċapċpu meta tinqaleb il-folja. Maż-żmien ta' l-irħula bdew jorganizzaw il-Karnival tagħhom. **Il-Karnival fir-Rabat għamel żmien imajna speċjalment meta Fredu miet f'inċident tat-traffiku. Kont għadni l-iskola sekondarja u dik id-dieqa li kont ħassejt dakinhar għadni niftakarha.**

Għalina l-Karnival ma kienx spettaklu biss. Filgħodu u bil-lejl konna nilbsu ta' maskarati. Konna nagħżlu lbiesi qodma u nilbsuhom bil-maqlub u nxiddu xi qorq jew xi żarbun tqil. Wiċċna konna ngermduh b'sufra maħruqa, norbtu maktur ma' ħalqna, u ngħoddsu kappell kbir ġo rasna. Is-subien kienu jilbsu ilbiesi tan-nisa u l-bniet fil-Karnival ikunu jistgħu jilbsu ta' irġiel. Kulħadd izappap u jfaxkal saqajh. Konna nżommu bastun f'idejna biex ħadd ma jittanta jikxifna.

Sena minnhom għamilna Karnival kbir. Ħadna l-karettun ta' missieri li jiġbed warajh meta jmur ibigħ

il-ħut. Żejjinnih kollu karti miżbugħin. Il-karru kien tronn għas-Sultan tal-Karnival. B'xorti tajba ntagħżilt jien u l-oħrajn kellhom jimbuttaw.

Fil-jiem ta' wara konna ningħaqdu fi klikek ninku lil ta' kontrina fuq ir-riżultati, jew konna naraw xi skuża nġibu meta ma tantx immorru tajjeb. Is-Sibt ta' wara konna ninġabru ħdejn il-parapett tas-Sufi, li għalina kien qisu teatru fil-beraħ. Kull sqaq kien jippreżenta xi karru jew xi kumpanija (ġemgħa bil-kostum). Darba minnhom it-tliet aħwa ta' Zanzina qalgħu bieba mid-dar u libsu ta' infermiera qed iġorru lil Ġaħan l-isptar. F'nofs it-triq inqasmet il-bieba! B'hekk spiċċaw l-ewwel post, iżda qalgħu għajta m'għand ommhom ukoll.

Festi bħal dawn aktarx kienu jintemmu ħesrem mhux minħabba li t-temp ma jippermettix, iżda minħabba l-kbar. Meta konna nkunu fl-aqwa tal-briju kienet toħroġ xi omm tgħajjat li ser inqajmulha t-tarbija, jew xi xebba (ta' sittin sena) għax konna ser inqajmu lil ommha, allavolja x-xjuħ ma tantx jibqgħu jisimgħu. Meta xi tifel kien iweġġa' fis toħroġ xi omm tgħajjat, u meta niġġieldu xi tnejn, joħorġu ommijietna biex jifirduna u jdaħħluna d-dar, imbagħad ikomplu fejn ħallejna aħna. Festi bħal dawn aktarx kienu jispiċċaw bit-tfal ferħana u l-kbar miġġielda. Kieku l-ġlied ikun bħal tat-tfal kieku fid-dinja m'hawnx gwerer.






HILITE

HARDWARE STORE

FRANCO - BELGE
FIRE PLACES

Importers of
Copper Pipes & Fittings
Lava Solar Heaters
Adensa Space Heaters
and Fire Places

113, St. Bert Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 5736 • Fax: 2155 5525
Mob: 9947 8884

## APPREZZAMENT

# Mons. Ġużeppi Zerafa

## 1938 - 2011



Kien l-Erbgħa 12 ta' Jannar 2011 kif beda jum ġdid meta r-ruħ tal-Mons. Ġużepp Zerafa, Arċipriet Emeritus tal-parroċċa ta' Għajnsielem, ħalliet dan il-wied tad-dmugħ fl-età ta' 72 sena ġewwa l-Isptar Ġenerali ta' Għawdex, mdawwar mill-familjari f'mument ta' talb immexxi minni. Mar jiltaqa' mal-Mulej biex jara l-uċuħ ħelwa ta' Ġesù u ta' Marija Lawretana; l-istess uċuħ li tant ħadem u stinka biex dawn l-istess uċuħ ikunu jiddu kemm f'qalbu kif ukoll fl-erwieħ li huwa kellu kuntatt magħhom.

Mons. Ġużeppi Zerafa twieled Għajnsielem, fil-20 ta' Frar 1938, iben Pawlu u M'Anni; it-tielet wild minn familja numeruża. Fil-25 ta' April 1965 ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Mons. Ġużepp Pace. Serva fl-istess parroċċa sas-sena 1981 bħala Viċi Parroku. Kien fil-11 ta' Marzu 1981 meta Mons. Isqof Nikol Cauchi ħatru bħala t-tieni Arċipriet tal-parroċċa ta' Għajnsielem, kif ukoll Kanoniku Onorarju tal-Kapitlu tal-Bażilika tal-Għarb.

Kien iben il-Parroċċa ddedikata lil Madonna ta' Loretu li għaliha ħadem, bata u stinka kemm felaħ materjalment kif ukoll spiritwalment. Kien bniedem li qatt ma rrifjuta x-xogħol li kellu jagħmel; kien bniedem li jafdak u fuq kollox iħallik taħdem; dan nikkonfermah jien stess kemm domt viċi miegħu. Dan kollu għamlu biex dejjem jara t-tempju ta' Alla aħjar u kif jixraqlu; fi ftit kliem ħadem u ħabb lir-raħal twelidu, u lil min irrikorra għandu għall-għajnuna. Kien persuna li t-talenti sbieħ li tah il-Mulej ma ħbihomx imma kollha ħaddimhom.

Fl-ispazju li għandna diffiċli li nsemmi l-ħafna opri sbieħ li żejnu lil-knisja ta' raħal twelidu; kemm dawk li huma materjali kif ukoll dawk spiritwali u li ser jibqa' mfaħħar għalihom. Iżda ma nistax inħalli barra u ma nsemmix, l-aqwa opra li hu wettaq: il-ġawrha (adorazzjoni) qed nirreferi għall-adorazzjoni li għadha ssir ta' kuljum barra l-Ħadd ġewwa l-knisja l-qadima, fejn bosta ta' kuljum isibu l-mistrieħ spiritwali ma' Ġesù Ewkaristija.

Wara 25 sena bħala ragħaj tal-parroċċa ta' Għajnsielem huwa temm il-kariga tiegħu. Mons. Isqof Mario Grech bħala rikonoxximent tal-ħidma pastorali tiegħu bħala Arċipriet, ħatru bħala kappillan tal-Q.T. il-Papa bit-titlu ta' Monsinjur. Mons Ġużeppi Zerafa kompla joffri u jagħti b'mod regolari s-servizz tiegħu fl-istess paroċċa sakemm is-saħħa u l-mard ippermettewlu.

Dan l-aħħar żmien, meta s-saħħa bdiet tonqoslu kelli ukoll l-okkażjoni li ta' kuljum inwassallu l-Ewkaristija, u kull meta mort inżuru għalkemm marid xorta kompla jagħllimni. Laqatni ħafna l-mod li bih aċċetta s-salib tal-mard li Alla għoġbu jagħtih.

Il-funral sar nhar it-Tlieta 18 ta' Jannar 2011, immexxi mill-Isqof Mario Grech ġewwa l-istess parroċċa ta' raħal twelidu.

Jien li għal dawn l-aħħar snin ilni naf lil Mons. Ġużeppi Zerafa, u li ħdimt ħafna mill-qrib miegħu, dejjem rajt fil-persuna tiegħu saċerdot eżemplari; ta' talb u li qatt ma rrifjuta x-xogħol li kien fid-dmir li jagħmel u ma għamlux. Għalhekk, filwaqt li nsellimlek għażiż ħija fis-saċerdozju, nitlob għalik u niftakar fik fis-sagrifiċċju tal-Ewkaristija li inti min jaf kemm iċċelebrajt meta kont għadek hawn fostna.

***Kan. Joe Cardona.***




**SMUGGLER'S CAVE**
**BAR • RESTAURANT • PIZZERIA**
**Il-Menqa, Marsalforn, Gozo.**
**Tel: 21 551005 - 21 551983**
**Fax 21 559959**
Full A La Carte Menu, Fresh Fish,
Take Away & Pizza.
**HOME MADE PASTA IS OUR SPECIALITY**



*Mix-Xena Sportiva F'GĦAWDEX* *minn* **Joe Bajada**



# Table Football: FISTF World Masters jinżammu għall-ewwel darba f'Għawdex



F'Għawdex inżammu għall-ewwel darba l-*World Masters* tat-*Table Football* jew aħjar kif kienet magħrufa bħala s-*Subbuteo*. Dawn il-*Masters* kienu organizzati mill-*Malta Table Football Association* bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru għal Għawdex, is-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport u l-Kunsill Malti għall-iSport.

L-inawgurazzjoni ta' din il-ġurnata logħob saret mill-Ministru Giovanna Debono, kif ukoll mis-Segretarju Parlamentari Clyde Puli li lkoll faħħru din l-inizjattiva biex Għawdex ikompli jikber f'dak li huwa turiżmu sportiv. Huma awguraw l-isforzi li qed tagħmel il-*Malta Table Football Association* biex dan l-avveniment sar f'Għawdex, iħajjar iktar żgħażagħ Għawdxin li jerġgħu jibdew jipprattikaw dan l-isport. Fil-fatt f'Għawdex daqs madwar 20 sena ilu, dan l-isport kien sar popolari b'diversi kompetizzjonijiet ikunu organizzati b'mod partikolari fl-Oratorju Don Bosco. Fil-fatt f'dik l-epoka, żagħżugħ Għawdxi, George Scicluna kien anke ġie magħżul biex jifforma parti mit-tim tal-*Youths* li kienu rrappreżentaw lil Malta fil-Kampjonat li kien inżamm f'Ruma. Biex ikompli jistimola iktar Għawdxin li jibdew jipprattikaw dan l-isport tat-*Table Football*, il-*Federation of International Sports Table Football* bdiet proġett pilota Għawdex fejn din permezz tal-President tagħha l-Malti Silvio Catania, qassmu settijiet tal-logħba lil diversi Għaqdiet u Ċentri Għawdxin. B'dan il-ġest żgur li ser issir iktar promozzjoni għal din il-logħba f'Għawdex.

Dawn il-*Masters* ikunu organizzati kull sentejn u minn din l-edizzjoni sar xi tibdil għal dawk li jistgħu jieħdu sehem. Issa saru eliġibbli li jilgħabu f'dawn il-*Masters* dawk il-*players* li fil-passat rebħu jew l-*Open World Cup* jew inkella l-*Veteran World Cup*. Preżenti għal dawn il-*Masters* kienu r-rebbieħ tal-aħħar edizzjoni tat-Tazza tad-Dinja, l-iSpanjol Carlos Flores, kif ukoll ir-rebbieħ tat-Tazza tad-Dinja U/19, l-iSpanjol l-ieħor Jose Antonio Gomez Ros. Diversi plajers oħra Taljani bħar-rebbieħ ta' erba' edizzjoni tat-Tazza tad-Dinja Massimo Bolognino, kif ukoll Massimiliano Nastasi, Stefano Buono u Stefano De Francesco kollha kienu kkonfermaw il-parteċipazzjoni tagħhom iżda fl-aħħar mumenti naqqsu li jkunu fostna minħabba raġunijiet personali. Dan il-fatt fixkel għal mument il-pjanijiet tal-organizzaturi, iżda bi sforz kollettiv il-programm sar kif ippjanat għal fatt li ġew imsejħa plajers oħra Maltin biex jieħdu post it-Taljani. Malta għal daqstant kienet ippreżentata minn Joseph Borg Bonaci li kien l-ewwel Malti li rebaħ it-Tazza tad-Dinja U/20 fl-1994 fi Franza, Mark Gauci c-*champion* u l-*captain* Malti rebbieħa tat-Tazza tad-Dinja f'Settembru li għadda, bħala l-mistieden tal-unur minn naħa tal-pajjiż organizzattiv. Il-plajers l-oħra li aċċettaw fl-aħħar mumenti li jieħdu sehem kienu Derrek Conti, Massimo Cremona, Charles Aquilina u Jean Carl Tabone.



Il-logħob sar fuq bażi ta' rawnd wieħed fejn kull *player* lagħab kontra l-ieħor, bl-ewwel tnejn klassifikati jilagħbu fil-finali. F'dan il-logħob ħarġet il-qawwa ta' Carlos Flores fejn rebaħ il-logħbiet kollha biex spiċċa fl-ewwel post b'massimu ta' 21 punt. Fit-tieni post u jikkwalifika għal finali ma' Flores, spiċċa Derek Conti bi 18 il-punt fejn tilef biss il-logħba kontra Flores. It-tielet post ħadu Mark Gauci bi 11-il punt bid-differenza tal-aħjar gowls minn Joseph Borg Bonaci li bħalu kiseb tliet rebħiet u żewġ *draws*. Bi 8 punti spiċċa Massimo Cremona segwit minn Chales Aquilina b'6 punti, Jose Antonio Gomez Ros b'4 punti, filwaqt li mingħajr l-ebda punt b'7 telfiet spiċċa Jean Carl Tabone.

Il-finali li saret tard fil-għaxija kienet waħda eċċitanti ħafna fejn finalment kien Flores li ħareġ rebbieħ bl-iskor ta' 6-4 meta fi tmiem l-ewwel taqsima ż-żewġ *players* kienu fi *draw* ta' 3-3 bi Flores dejjem ikun fil-vantaġġ. Il-logħob kollu kien ikkontrollat minn uffiċjali Maltin li kienu mmexxija mit-Taljan Stefano Tagliaferri li assistit minn Joseph Mifsud ifferja l-finali.




# 2. SAN PAWL MISSIERNA







*Ta' kull sena f'jum mistenni*
*lill-Appostlu Pawlu – kbir,*
*festa nagħmlu biex infakkru*
*ġrajja denja kull tifħir.*

*Dakinhar li x-xini tfarrak*
*fuq il-blat mitt biċċa sar*
*Malta u Għawdex saru Nsara*
*għad li fid-daqs tagħhom żgħar.*

*Għawdex tagħna ħabbu 'l Pawlu*
*kif tal-Vers xehed, il-qassis,*
*f'Marsalforn il-knisja ċkejkna*
*iġġib isem il-Qaddis.*

*In-Nadur ma' Pietru jqimu*
*tal-Munxar il-protettur;*
*fix-Xewkija nstema' l-ewwel*
*jekk li jgħidu minnu żgur!*











# *Djamanti ta' Għawdex*

*Ritratti ta' Joseph J.P. Zammit*

## ERBA' NIĊEĊ ARTISTIĊI TAL-MADONNA



Fi Triq Vajrinġa, r-Rabat



Fi Triq Marsalforn, ix-Xagħra



Fi Pjazza San Ġorġ, ir-Rabat



F'ġenb tal-pjazza tal-Għasri

# Il-Ħajja f'Għawdex




## GĦAL EWRO FIX-XAHAR!




### Minjiera ta' Tagħrif u Tagħlim dwar Għawdex u l-Għawdxin

*Meta tabbona tkun qed tieħu r-rivista bil-posta u b'nofs il-prezz li tiswa' (2 Ewro l-kopja). Aħseb biex iġġedded l-abbonament tiegħek għas-sena 2011, u ħeġġeġ lil ħbiebek biex jabbonaw huma wkoll. Imla l-formola li ssib taħt jew agħmel kopja tagħha u ibgħatha flimkien ma' ċekk jew 'money order' ta' 10 Ewro lill-*

**Amministratur, "Il-Ħajja f'Għawdex",**
**Lumen Christi Media Centre,**
**Triq Fortunato Mizzi,**
**Victoria VCT 2579, Għawdex.**













Isem ______________________

Indirizz ______________________

______________________

*Nixtieq: Nabbona (ġdid)* ❑ jew *Inġedded l-Abbonament għas-sena 2011* ❑

❑ €10 Abbonament Regolari

❑ €20 Abbonament Benefattur
(b'rigal tal-ktieb ġdid: '***Il-Ħniena Tiegħu tinfirex f'kull żmien***')

Data ______________ Firma ______________

